IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2021
COM(2021) 802 final

2021/0426 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulata)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 430 final} - {SWD(2021) 453 final} - {SWD(2021) 454 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD) hija parti mill-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %” tal-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 u tikkumplimenta l-komponenti l-oħra tal-pakkett propost f’Lulju 2021[1], li jistabbilixxi l-viżjoni għall-kisba ta’ stokk tal-bini b’emissjonijiet żero sal-2050. Kif diġà indikat fil-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Klima[2], ir-reviżjoni hija strument leġiżlattiv ewlieni biex jitwettqu l-objettivi ta’ dekarbonizzazzjoni għall-2030 u l-2050. Hija ssegwi l-komponenti ewlenin tat-tliet oqsma ta’ prijorità[3] tal-Istrateġija Mewġa ta’ Rinnovazzjoni[4], inkluż il-ħsieb li jiġu proposti standards minimi obbligatorji tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, wara valutazzjoni tal-impatt li teżamina l-kamp ta’ applikazzjoni, l-iskedi ta’ żmien, id-dħul gradwali u l-politiki ta’ appoġġ ta’ akkumpanjament tagħhom. Minħabba l-ħtieġa ta’ proċessi xierqa ta’ konsultazzjoni u ta’ valutazzjoni tal-impatt, ir-reviżjoni proposta tista’ tasal biss ftit wara l-ewwel sett ta’ inizjattivi “Lesti għall-mira ta’ 55 %” adottati f’Lulju 2021.

Il-proposta hija partikolarment importanti minħabba li l-bini jammonta għal 40 % tal-enerġija kkonsmata u 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra diretti u indiretti relatati mal-enerġija. Fl-UE, it-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku jammontaw għal 80 % tal-enerġija kkonsmata mill-unitajiet domestiċi. Biex l-Ewropa ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn tar-rinnovazzjoni tal-bini tal-UE, biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili. Ir-rinnovazzjoni hija kruċjali għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tal-bini, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-rinnovazzjoni tiġġenera l-impjiegi lokali u t-tkabbir ekonomiku. Minħabba ż-żmien twil meħtieġ biex jiġu kkawżati bidliet fis-settur tal-bini, hija meħtieġa reviżjoni f’waqtha tad-Direttiva biex tiġi appoġġata l-kisba tal-objettivi “Lesti għall-mira ta’ 55 %”.

#### 1.1. Interazzjoni bejn il-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %” u b’mod partikolari l-ETS il-ġdida

Il-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %” jikkonsisti f’sett ta’ proposti interkonnessi appoġġati mill-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt b’kont meħud ta’ dan. L-analiżi[5] wriet li sovradipendenza fuq il-politiki regolatorji msaħħa twassal għal piżijiet ekonomiċi għoljin bla bżonn, filwaqt li l-ipprezzar tal-karbonju waħdu ma jegħlibx il-fallimenti persistenti tas-suq u l-ostakli mhux ekonomiċi. It-taħlita ta’ politiki magħżula għalhekk tibbilanċja bir-reqqa l-ipprezzar, il-miri, l-istandards u l-miżuri ta’ appoġġ. Ir-reviżjoni proposta tal-EPBD hija stabbilita fi ħdan l-istess qafas. Bħala konsegwenza, bidla fil-bilanċ tat-taħlita ġenerali titlob l-aġġustament ta’ partijiet differenti tal-politika. Tnaqqis fl-ipprezzar u fil-miżuri fil-mira li jrawmu d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-bini jitlob miżuri regolatorji aktar stretti b’mod korrispondenti fir-reviżjoni tal-EPBD, l-aktar fir-rigward tat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili u l-istandards minimi obbligatorji tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

---

1 https://ec.europa.eu/clima/news-your-voice/news/delivering-european-green-deal-2021-07-14_en

2 Pjan dwar il-Mira Klimatika: It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f’futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna COM/2020/562 final

3 L-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-bini bl-agħar rendiment; il-bini pubbliku u l-infrastruttura soċjali juru t-triq ’il quddiem; u d-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ.

4 Mewġa ta’ Rinnovazzjoni għall-Ewropa — l-ekoloġizzazzjoni tal-bini tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja

5 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0550&from=MT

Il-valutazzjonijiet tal-impatt rilevanti tal-Kummissjoni wrew li l-kisba tal-miri tkun anqas ċerta u aktar għalja fin-nuqqas ta' sinjal tal-prezz tal-karbonju fuq il-fjuwils għat-tisħin, bħas-sistema l-ġdida tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) proposta għall-bini u t-trasport bit-triq. Dan jaħdem l-aħjar id f'id mal-miżuri regolatorji tal-UE u l-miżuri nazzjonali kumplimentari, kif inċentivizzat mill-ambizzjoni ogħla proposta fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR), id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED) u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED).

L-ETS il-ġdida toħloq inċentivi ekonomiċi ġodda għad-dekarbonizzazzjoni tal-bini u tiġġenera d-dħul għall-appoġġ pubbliku, immirat b'mod partikolari lejn l-appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. L-EPBD riveduta tindirizza l-ostakli mhux ekonomiċi għar-rinnovazzjoni[6]. Din toħloq qafas abilitanti biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għar-rinnovazzjoni mingħajr ma l-finanzjament meħtieġ jiġi mmobilizzat direttament. EPBD riveduta tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kisba tal-objettivi tal-2030. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-EPBD[7] turi li fin-nuqqas tagħha, it-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet meħtieġ se jkun biss madwar nofs dak li hu meħtieġ fis-settur residenzjali u tas-servizzi biex jinkiseb l-għan tal-2030.

Mingħajr dawn ir-reviżjonijiet, ikunu meħtieġa aktar miżuri fil-livell tal-Istati Membri biex ipattu għal din id-diskrepanza, iżda l-inċertezza dwar l-effettività, it-tempestività u l-konsistenza tagħhom mal-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni tal-2050 minqux fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[8] ddgħajjef l-inċentivi għal espansjoni rapida fir-rati tar-rinnovazzjoni. Fin-nuqqas ta' miżuri regolatorji tal-UE jew nazzjonali msaħħa li jagħtu spinta lir-rata tar-rinnovazzjonijiet, il-prezz tal-karbonju jkun jeħtieġ li jkun aktar għali[9] u fl-aħħar mill-aħħar, l-ostakli mhux ekonomiċi għar-rinnovazzjonijiet jibqgħu ma jiġux indirizzati.

Se jkun importanti li tinżamm il-konsistenza fid-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-bini fil-pakkett waqt in-negozjati biex jintlaħaq qbil dwar qafas koerenti u robust għall-bini biex jiġu ssodisfati l-miri tal-UE għall-2030 u l-2050.

## 1.2. Kwistjonijiet dwar il-vulnerabbiltà, l-affordabbiltà u l-faqar enerġetiku

Novità ewlenija tar-reviżjoni hija l-introduzzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex tiġi skattata t-trasformazzjoni meħtieġa tas-settur. Ir-rinnovazzjoni tal-bini għandha żewġ impatti ekonomiċi rikonoxxuti b'mod wiesgħa: 1. it-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija, li jnaqqas il-faqar enerġetiku, u 2. iż-żieda tal-valur ta' aktar bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Benefiċċji oħra jinkludu kwalità ta' ħajja aħjar u perjodi vakanti medji iqsar.

Il-benefiċċji ta' kontijiet tal-enerġija orħos huma saħansitra aktar rilevanti fil-kuntest ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-persuni li qed jgħixu fil-bini bl-agħar rendiment u dawk li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku se jgawdu minn bini li jkun aħjar u rinnovat, kif ukoll minn

---

6 Nidderieġu r-rinnovazzjoni lejn il-bini bl-ogħla potenzjal u bl-ogħla ostakli strutturali tal-averżjoni għar-riskju, l-inċentivi opposti u l-istrutturi tas-sjieda konġunta u nistimulaw ir-rinnovazzjonijiet profondi aktar kumplessi.

7 SWD (2021) 453, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument, Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni)

8 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-27-2021-INIT/mt/pdf)

9 Ara x-xenarju MIX-CP li jirfed il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-ETS: https://ec.europa.eu/energy/data-analysis/energy-modelling/policy-scenarios-delivering-european-green-deal_en

kostijiet tal-enerġija mnaqqsa, u jkunu protetti minn żidiet oħra u volatilità fil-prezzijiet tas-suq.

Min-naħa l-oħra, sidien il-kera jista' jkollhom it-tentazzjoni li jittrasferixxu l-kostijiet tar-rinnovazzjoni lill-inkwilini biex ikopru l-investiment bil-quddiem tagħhom. Barra minn hekk, enfasi aktar qawwija fuq l-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-bini bl-agħar rendiment eżistenti tista' tbaxxi aktar il-prezzijiet tagħhom fit-tranżazzjonijiet tas-suq, anke jekk illum diġà teżisti ċerta korrelazzjoni bejn il-klassijiet ta' rendiment fl-użu tal-enerġija u l-valur.

L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija madwar l-UE kollha ġew imfassla bir-reqqa biex jimmitigaw l-effetti soċjali negattivi possibbli u jimmassimizzaw il-benefiċċji soċjali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien fil-bini bl-agħar rendiment u t-tnaqqis jew saħansitra l-prevenzjoni tal-faqar enerġetiku. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jappoġġaw il-konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija b'qafas ta' appoġġ adegwat li jinkludi l-appoġġ finanzjarju, l-assistenza teknika, it-tneħħija tal-ostakli regolatorji u l-monitoraġġ tal-impatti soċjali, b'mod partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli.

Il-pjanijiet nazzjonali għar-rinnovazzjoni tal-bini se jagħtu attenzjoni lill-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-popolazzjoni li tgħix f'akkomodazzjoni inadegwata (eż. ħitan jew soqfa li jnixxu) jew b'kondizzjonijiet ta' kumdità termika inadegwati. Il-pjanijiet se jippreżentaw ħarsa ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri nazzjonali li jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, itaffu l-faqar enerġetiku u jiżguraw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.

Il-miżuri f'din il-proposta huma koerenti mal-politika u l-miżuri fl-istrumenti tal-UE li jappoġġaw tranżizzjoni soċjalment ġusta. Dawn jinkludu r-rapportar dwar il-progress lejn l-objettivi nazzjonali indikattivi biex jitnaqqas in-numru ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku skont il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u l-investimenti ppjanati biex jiġu mmitigati l-effetti distributtivi u biex jiġu promossi s-soluzzjonijiet strutturali — b'mod partikolari r-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini inkluż il-miżuri għat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini jew l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, id-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ tagħhom — biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili f'konformità mal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima proposti, kif ukoll maċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku, li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fit-tnaqqis u l-monitoraġġ tal-faqar enerġetiku.

## 1.3. Id-disponibbiltà tal-finanzjament, il-fondi tal-UE u l-miżuri ta' appoġġ nazzjonali

Il-proposta hija kkoordinata sew ma' strumenti rilevanti oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-fondi nazzjonali u tal-UE. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) qed tiskatta investimenti sinifikanti fir-rinnovazzjoni tal-bini bis-saħħa tal-komponenti ewlenin b'saħħithom ta' "Rinnovazzjoni" fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan se jkompli minn issa sal-2025-2026 u se jwitti t-triq biex iseħħ it-titjib skattat mill-EPBD.

Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") attwali, hemm id-disponibbiltà tal-fondi tal-UE fi programmi differenti, li identifikaw is-settur tal-bini bħala prijorità: il-fondi reġjonali skont il-Politika ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, u l-InvestEU huma essenzjali f'dan ir-rigward. Dawn huma kkumplimentati mill-appoġġ u l-assistenza teknika ddedikati mill-Kummissjoni Ewropea lill-amministrazzjonijiet nazzjonali pubbliċi sabiex jiġu ffaċilitati r-riformi neċessarji u sabiex il-preparazzjonijiet għall-investimenti jkunu effettivi.

Il-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid propost tal-ETS inaqqas id-diskrepanza bejn l-RRF, u t-tranżizzjoni bejn dan il-QFP attwali u l-perjodu ta' wara l-2027, u jimmobilizza EUR 72.2 biljun għall-perjodu mill-2025-2032 biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi, b'mod

partikolari dawk li jgħixu fil-bini bl-agħar rendiment. Dan il-Fond ikopri l-kostijiet bil-quddiem u jiffaċilita l-konformità tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija proposti fl-EPBD. L-investimenti skont il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali se jkunu parti integrali mill-miżuri ta' finanzjament li jinsabu fil-pjanijiet Nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini skont l-EPBD.

Sabiex tkun ikklassifikata bħala attività ekonomika sostenibbli skont l-Att Delegat tat-Tassonomija tal-UE dwar il-Klima, ir-rinnovazzjoni tal-bini jeħtieġ li jew tikseb 30 % tal-iffrankar tal-enerġija, jew li tikkonforma mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għar-rinnovazzjoni maġġuri jew tikkonsisti f'miżuri individwali jew li tkun tikkonsisti f'miżuri individwali speċifiċi li huma kklassifikati bħala sostenibbli. Ir-rinnovazzjoni biex ikun hemm konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija proposti madwar l-Unjoni kollha hija tipikament konformi mal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE relatati mal-attivitajiet ta' rinnovazzjoni tal-bini.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni attwalment qiegħda tirrevedi l-qafas rilevanti tal-għajnuna mill-Istat u għandha l-għan li tagħmilha aktar favorevoli għall-ħtiġijiet tar-reviżjoni tal-EPBD u b'mod partikolari tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (MEPS) fil-livell tal-UE. Id-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat li jirriżultaw ikunu importanti biex tiġi inċentivizzata l-konformità bikrija mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbilita fil-livell tal-UE fir-rigward tat-titjib tal-bini bl-agħar rendiment fl-użu tal-enerġija.

1.4. Objettivi tal-proposta

L-objettivi ewlenin ta' din ir-reviżjoni huma li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) u l-konsum finali tal-enerġija tal-bini sal-2030 u li tiġi stabbilita viżjoni fit-tul għall-bini lejn in-newtralità klimatika madwar l-UE kollha fl-2050. Sabiex jintlaħqu, l-inizjattiva hija bbażata fuq diversi objettivi speċifiċi: li tiżdied ir-rata u l-profondità tar-rinnovazzjonijiet tal-bini, li tittejjeb l-informazzjoni dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija u s-sostenibbiltà tal-bini, u li jiġi żgurat li l-bini kollu jkun konformi mar-rekwiżiti tan-newtralità klimatika tal-2050. L-appoġġ finanzjarju msaħħaħ u l-modernizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema huma lievi għat-twettiq ta' dawn l-objettivi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Kif spjegat hawn fuq, ir-reviżjoni proposta għandha l-għan li trawwem kemm il-fatturi ta' spinta u ta' ġibda li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-bini flimkien mal-inċentivi għal azzjoni nazzjonali stabbilita fl-ESR kif ukoll l-impatti tal-ipprezzar tal-karbonju tas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq[10]. Il-proposta tirrevedi għodda leġiżlattiva eżistenti. Bħala tali, ma tistax tkun sostitut għal mira, bħal dawk stabbiliti skont l-ESR, iżda tappoġġa l-kisba tagħhom. Il-proposta taħdem id f'id mal-ETS il-ġodda proposti, li waħda minnhom trawwem id-dekarbonizzazzjoni tal-fjuwils u t-teknoloġiji għat-tisħin u l-oħra tnaqqas il-konsum tal-enerġija.

L-EPBD se tistabbilixxi l-viżjoni ġenerali għall-bini ġdid u eżistenti li tapplika għad-dispożizzjonijiet relatati mal-bini tal-inizjattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %"[11] l-oħra. Billi żżid l-azzjonijiet biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini, l-EPBD se

[10] Kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt rilevanti, il-parametri għall-ETS il-ġdida dwar it-trasport bit-triq u l-bini ġew stabbiliti b'mod konsistenti mal-livell mira tal-effiċjenza fl-enerġija fil-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u maż-żieda mistennija fir-rata tar-rinnovazzjoni li għandha tiġi kkawżata minn dak li qabel kien il-proposta għar-reviżjoni tal-EPBD li jmiss.

[11] Lista ta' proposti: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/delivering-european-green-deal_mt

tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-miri ġenerali tal-effiċjenza fl-enerġija stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED). In-numru ogħla ta' rinnovazzjonijiet skattati mill-proposta tal-EPBD u mir-rekwiżit li l-bini ġdid jinstalla sistemi ta' tisħin b'emissjonijiet diretti żero tal-gassijiet serra u li jintegra l-enerġiji rinnovabbli sabiex isir bini b'emissjonijiet żero se jippermetti l-mira indikattiva tal-2030 għas-sehem ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tal-bini f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED). Il-proposta se tappoġġa s-sostituzzjoni tal-bojlers ineffiċjenti li jaħdmu bil-fjuwils fossili b'sistemi mingħajr emissjonijiet diretti tal-GHG, bħall-pompi tas-sħana u teknoloġiji oħra bbażati fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Il-proposta taġġorna l-infrastruttura tal-irriċarġjar privata fil-parkeġġi u maġenb il-bini, u b'hekk tikkumplimenta r-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR) u tistabbilixxi ambizzjonijiet aktar b'saħħithom għall-miri ġenerali, inkluż dwar l-infrastruttura tal-irriċarġjar pubblikament disponibbli għall-vetturi elettriċi. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Qafas il-ġdid tal-UE għall-mobbiltà urbana, il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar it-titjib tal-infrastruttura tal-parkeġġ għar-roti.

Bl-istess mod, il-proposta tikkumplimenta l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti, eż. ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija (ELR), li jinċentiva lill-konsumaturi biex jixtru l-prodotti u l-apparati relatati mal-enerġija tal-aqwa kwalità, biex jiġu installati fil-bini. L-EPBD taħdem id f'id mad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (ED), li tistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u rekwiżiti oħra tar-rendiment ambjentali dwar il-prodotti relatati mal-enerġija, b'mod partikolari għas-sistemi tekniċi tal-bini (eż. il-bojlers, il-pompi tas-sħana jew is-sorsi tad-dawl) u t-tagħmir użat fil-bini (eż. l-apparat domestiku). Ir-rendiment tal-prodotti għall-bini huwa indirizzat fir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR) u l-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-progress kontinwu lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima, permezz tad-dispożizzjonijiet relatati mat-tisħiħ tar-reżiljenza għall-klima tal-bini.

B'mod parallel, l-għodod ta' informazzjoni msaħħa tal-EPBD, li se jkunu jinkludu wkoll metrika tal-karbonju, se jgħinu lill-investituri finanzjarji jimmonetizzaw il-benefiċċji tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini u lill-unitajiet domestiċi jew l-atturi kummerċjali biex iqisu aħjar il-benefiċċji ekonomiċi tar-rinnovazzjoni tal-bini u tal-pjanijiet ta' ħlas lura tagħhom. Dawn l-aspetti huma allinjati wkoll mal-elementi relatati mal-bini tat-tassonomija tal-UE għall-attivitajiet sostenibbli[12].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-bażi ġuridika għall-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Il-miżuri proposti għandhom l-għan li "[jippromwovu] l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli" (l-Artikolu 194(1)(c) TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

### *2.1. Ħtieġa ta' azzjoni mill-UE*

Il-politika dwar l-enerġija hija kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri u qasam ta' politika tal-UE stabbilit sew. Fil-biċċa l-kbira, il-bidliet fl-EPBD proposti jirriflettu l-ħtieġa li din tiġi aġġornata biex tirrifletti l-ambizzjoni akbar tal-miri dwar il-klima u l-enerġija tal-UE.

---

12 https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/sustainable-finance/eu-taxonomy-sustainable-activities_en

Dan huwa b'żieda mal-fatt li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ("NECP") madwar l-UE kollha li l-Kummissjoni ppubblikat f'Settembru 2020[13] uriet diskrepanza fl-ambizzjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija: 2.8 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija primarja u 3.1 punti għall-konsum finali tal-enerġija fl-UE, meta mqabbla mal-għanijiet tal-2030 attwalment fis-seħħ. Għalhekk, huma meħtieġa aktar miżuri għall-UE kollha fl-EPBD riveduta f'konformità ma' dak li huwa previst fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija[14].

Il-bini huwa infrastruttura lokali iżda r-rati u l-profondità insuffiċjenti ta' rinnovazzjoni huma kwistjoni komuni ffaċċjata mill-Istati Membri kollha tal-UE. Il-kawżi sottostanti fil-biċċa l-kbira huma ta' natura mhux ekonomika u rilevanti fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, l-istabbiliment ta' qafas komuni tal-UE għat-trajettorja ta' dekarbonizzazzjoni tal-bini u r-rekwiżiti relatati, filwaqt li jippermetti l-adattament għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, iġib miegħu ċ-ċertezza tant meħtieġa għall-atturi kollha fil-katina tal-provvista tar-rinnovazzjoni u tal-kostruzzjoni, u l-prevedibbiltà u t-tħejjija għall-partijiet ikkonċernati kollha, mill-industriji, għall-forzi tax-xogħol lokali u nazzjonali, l-investituri privati u l-istituzzjonijiet finanzjarji. L-esperjenza tal-passat fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tissottolinja l-importanza li tiġi żgurata aħjar it-taħlita t-tajba bejn il-flessibbiltà u r-rekwiżiti armonizzati biex jiġu xprunati sforzi suffiċjenti fl-Istati Membri kollha għall-kisba tal-miri fil-livell tal-UE.

### 2.2. *Valur miżjud tal-UE*

Qafas komuni msaħħaħ tal-UE se jipprovdi l-inċentivi għall-Istati Membri b'livelli differenti ta' ambizzjoni biex jgħaġġlu, b'mod ikkoordinat u fl-iskala neċessarja, it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn bini aktar effiċjenti u b'rendiment ogħla fl-użu tal-enerġija.

Sinjali regolatorji b'saħħithom biżżejjed — kemm għall-istokk eżistenti kif ukoll għall-bini ġdid — se jixprunaw l-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-bini, joħolqu l-impjiegi, jistimulaw l-innovazzjoni, iżidu l-benefiċċji tas-suq intern għall-prodotti u l-apparati għall-bini u jkollhom impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-ekosistema tal-kostruzzjoni u s-setturi relatati. Dan, flimkien ma' "lingwa kondiviża" msaħħa ta' standards komuni u aċċess għall-informazzjoni, se jiżgura wkoll li s-settur tal-bini jnaqqas l-emissjonijiet tal-GHG tiegħu bl-aktar mod kosteffettiv, eż. permezz tal-ekonomiji ta' skala.

Il-bini ma jiċċaqlaqx min-naħa għall-oħra tal-fruntiera, iżda l-finanzjament relatat mal-bini kif ukoll it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet li huma installati fihom jiċċaqilqu, mill-iżolament, sal-pompi tas-sħana, il-ħġieġ effiċjenti, jew il-pannelli fotovoltajċi. L-azzjoni tal-UE twassal għal modernizzazzjoni tar-regolamenti nazzjonali fis-settur tal-bini biex jintlaħqu l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni, jinfetħu swieq usa' għall-prodotti innovattivi madwar id-dinja u twassal għat-tnaqqis tal-kostijiet meta jkun l-aktar meħtieġ, u t-tkabbir industrijali.

Finalment, l-azzjoni tal-UE permezz tal-EPBD riveduta ġġib magħha bosta benefiċċji, minn saħħa u benesseri aħjar għaċ-ċittadini, il-ħolqien tal-impjiegi lokali li jappoġġa l-irkupru, it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, l-inklużjoni soċjali, il-kondizzjonijiet tal-għajxien imtejba, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mnaqqsa, ir-reżiljenza għall-klima, sat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-kostijiet tal-enerġija. Hija konformi wkoll mal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[15], li titlob li s-sostenibbiltà tal-bini u l-ambjent mibni jingħaqdu mal-kwalità tal-ħajja u l-inklużjoni soċjali.

---

[13] https://ec.europa.eu/info/news/commission-publishes-assessment-national-energy-climate-plans-2020-sep-17_en

[14] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R1999&from=mt

[15] https://europa.eu/new-european-bauhaus/system/files/2021-09/COM%282021%29_573_EN_ACT.pdf

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri inklużi fil-proposta leġiżlattiva huma meqjusa proporzjonati u jibnu sa fejn possibbli fuq id-disinn eżistenti tad-Direttiva oriġinali tal-2002 u r-reviżjonijiet tal-2010 u l-2018. Kif iddettaljat fit-taqsima 3 hawn taħt, it-tħassib espress mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fl-opinjonijiet negattivi tiegħu dwar il-proporzjonalità u l-livell ta' armonizzazzjoni tal-UE tal-għażla ppreferuta identifikata fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ta' akkumpanjament, ġew indirizzati permezz tal-modifikazzjoni tal-proposta biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tinvolvi emendi sostanzjali lill-EPBD, li diġà ġiet emendata fl-2018[16]. Għalhekk, din il-proposta hija għal riformulazzjoni tad-Direttiva eżistenti, f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 46 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[17]. L-att legali l-ġdid se jissostitwixxi u jħassar id-Direttiva preċedenti (UE) 2010/31/UE.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-EPBD ġiet evalwata fl-2016[18]. Il-miżuri li jirriżultaw mill-aħħar rieżami tal-EPBD (2018) ġew trasposti reċentement (2020), u ma ppermettewx li tinġabar biżżejjed *data* dwar l-impatt biex jiġġustifikaw evalwazzjoni ġdida.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Intużaw metodi kumplimentari biex iseħħ proċess komprensiv ta' konsultazzjoni li jagħmilha possibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha biex isemmgħu leħinhom.

– Ġiet ippubblikata Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu (Pjan direzzjonali) fil-portal Semma' Leħnek tal-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2021. Dan kien miftuħ għall-feedback għal 4 ġimgħat u rċieva 243 tweġiba;

– Ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika, ibbażata fuq kwestjonarju strutturat online fl-għodda ta' Stħarriġ tal-UE u f'konformità mar-regoli ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni fil-portal Semma' Leħnek mit-30 ta' Marzu 2021, għal 12-il ġimgħa. Din kopriet il-kamp ta' applikazzjoni, it-tip u d-disinn tal-għażliet ta' politika possibbli, abbażi ta' mistoqsijiet b'għażla multipla u mistoqsijiet miftuħa. Bħall-Pjan direzzjonali, kienet miftuħa għal kulħadd. Waslu 535 tweġiba. Il-maġġoranza tal-parteċipanti kienu assoċjazzjonijiet tal-impriżi u kumpaniji (52 %), segwiti minn ċittadini tal-UE (15 %), l-NGOs (12 %) u awtoritajiet pubbliċi lokali u nazzjonali (7 %).

– Ġew organizzati ħames workshops iddedikati u mmirati bejn il-31 ta' Marzu u t-3 ta' Ġunju 2021. Dawn l-avvenimenti ġew organizzati b'mod tematiku biex jindirizzaw l-oqsma speċifiċi għall-għażliet ta' politika, dwar "L-istabbiliment ta' viżjoni għall-bini u għal stokk tal-bini dekarbonizzat", "L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu

16 Fl-2018 bid-Direttiva (UE) 2018/844
17 ĠU L 123, 12 ta' Mejju 2016, p.1.
18 COM(2016) 765 final https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/swd-2016-408-final_en_0.pdf

tal-enerġija għall-bini eżistenti", "It-tisħiħ tal-għodod ta' informazzjoni tal-bini (b'enfasi fuq iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija)", "It-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali" u "Finanzjament aċċessibbli u affordabbli — il-faqar enerġetiku". Bħala medja, aktar minn 200 parteċipant ħadu sehem f'kull workshop.

– L-impenn addizzjonali mal-partijiet ikkonċernati seħħ fuq bażi *ad hoc*.

Il-Kummissjoni infurmat ukoll lid-delegazzjonijiet u lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u ġabret il-fehmiet tagħhom fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija, il-Kumitat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u l-laqgħat plenarji tal-Azzjoni Konċertata.

### *3.1. Sommarju tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati*

Maġġoranza ċara tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika esprimew l-appoġġ tagħhom għall-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (75 % tar-rispondenti kienu favur). 61 % tal-parteċipanti esprimew il-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-EPBD dwar l-Istrateġiji ta' Rinnovazzjoni fit-Tul jenħtieġ li jiġu mmodifikati u 89 % appoġġaw l-għażla li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-objettivi identifikati mill-Istati Membri fl-Istrateġiji ta' Rinnovazzjoni fit-Tul tagħhom. 84 % kienu favur li l-bini b'emissjonijiet żero jiġi definit fl-EPBD. 73 % tar-rispondenti kienu tal-opinjoni li l-EPBD tista' tikkontribwixxi biex tagħmel disponibbli u aċċessibbli firxa usa' ta' *data* relatata mar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Skont maġġoranza ċara (65 %), iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jeħtieġ li jiġu aġġornati u l-kwalità tagħhom jeħtieġ tittejjeb u maġġoranza saħansitra aktar b'saħħitha (76 %) appoġġat l-armonizzazzjoni taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Aktar minn żewġ terzi tar-rispondenti (68 %) iffavorew l-inklużjoni tal-miżuri fl-EPBD biex jiġu rrapportati l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu (il-manifattura u l-kostruzzjoni, l-użu u t-tmiem tal-ħajja). Dwar l-elettromobbiltà, ir-rispondenti esprimew appoġġ ġenerali għal rekwiżiti msaħħa. Aktar minn tliet kwarti (77 %) kienu favur li l-finanzjament ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni jingħaqad mal-profondità tar-rinnovazzjoni u 68 % kienu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju li tiġi pprovduta definizzjoni legali ta' "rinnovazzjoni profonda". Finalment, dwar il-finanzjament, il-fehma ġenerali espressa, anke fil-workshops, kienet li jenħtieġ li jkun aktar aċċessibbli permezz ta' taħlita ta' għotjiet diretti, inċentivi tat-taxxa, ipoteki tal-effiċjenza fl-enerġija u tipi oħra ta' mekkaniżmi ta' inċentivi, u li jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-punti uniċi ta' servizz. L-appoġġ finanzjarju mmirat għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx u medju ġie identifikat bħala l-aktar miżura politika importanti li tindirizza l-faqar enerġetiku.

Il-workshops ta' politika qablu mal-konsultazzjoni pubblika f'termini tad-direzzjoni ġenerali u pprovdew informazzjoni intuwittiva utli addizzjonali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta tibni fuq l-evalwazzjoni tal-2016 u fuq id-*data* u l-esperjenzi mill-implimentazzjoni tal-EPBD. Il-JRC ipprovda appoġġ dwar l-analiżi u l-valutazzjoni tal-konformità u tal-prattiki nazzjonali. L-inizjattiva ta' Azzjoni Konċertata tal-EPBD ipproduċiet analiżi tal-esperjenzi nazzjonali tal-implimentazzjoni tal-EPBD. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-korp dejjem jikber ta' riċerka empirika rieżaminata bejn il-pari u tagħmel użu minn diversi kuntratti ta' appoġġ li għadhom għaddejjin jew li ġew kompluti reċentement.

Il-valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-impatti u tal-kostijiet amministrattivi u l-analiżi tal-input mill-partijiet ikkonċernati kienet appoġġata minn kuntratt speċifiku ta' appoġġ tekniku[19]. L-analiżi fi ħdan dan il-kuntratt twettqet bl-użu ta' sett ta' għodod għall-immudellar biex jirrappreżenta l-istokk tal-bini u l-impatti makroekonomiċi u soċjali usa'. L-istatistika u d-*data* ewlenija użati, anke biex jippopolaw is-sett tad-*data* sottostanti għall-mudelli użati, jirreferu għall-indikaturi tal-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini u tal-EUROSTAT. Ir-riżultati minn diversi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni li għadhom għaddejjin iffinanzjati skont il-programm Orizzont 2020 ukoll ġew ivvalutati u pprovdew input għall-analiżi.

Din il-proposta tibbenefika wkoll mill-evidenza miġbura fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, u mill-evidenza rilevanti kkompilata f'inizjattivi oħra tal-Patt Ekoloġiku. Bħal proposti oħra tal-pakkett ta' politika "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-linja bażi għall-valutazzjoni tqis ix-Xenarju ta' Referenza aġġornat tal-UE, il-projezzjoni tal-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-qafas tal-politika attwali li jinkludi l-impatti tal-COVID-19.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt ikkonfermat li l-qafas tal-EPBD huwa insuffiċjenti biex jinkisbu l-objettivi klimatiċi tal-2030. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda miżura speċifika fis-seħħ biex tindirizza l-ostakli mhux ekonomiċi li jillimitaw ir-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini.

L-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt ġie sottomess darbtejn lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni. Wara l-ewwel opinjoni negattiva, il-Bord ħareġ opinjoni negattiva finali oħra[20], li ssottolinjat il-ħtieġa ta' gwida politika dwar jekk, u skont liema kondizzjonijiet, tkun tista' tipproċedi aktar il-proposta tar-rieżami tal-EPBD. Il-Bord spjega li huwa żamm l-opinjoni negattiva tiegħu minħabba li l-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt naqas milli (1) jidentifika biċ-ċar id-diskrepanza addizzjonali li jkollha titnaqqas bir-reviżjoni tal-EPBD fid-dawl tal-bqija tal-proposti "Lesti għall-mira ta' 55 %"; (2) juri b'mod konvinċenti l-ħtieġa għal miżuri armonizzati fil-livell tal-UE minħabba l-eteroġeneità tas-settur tal-bini fl-Istati Membri; u (3) jikkjarifika b'mod suffiċjenti r-raġuni għall-għażla tad-diversi komponenti individwali tal-pakkett ippreferut ta' għażliet ta' politika.

Il-metodi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea jagħtu s-setgħa lill-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva japprova l-kontinwazzjoni ta' inizjattiva li kienet soġġetta għat-tieni opinjoni negattiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju.

Minħabba l-importanza politika ta' din l-inizjattiva, ir-rwol tagħha fi ħdan il-pakkett ta' proposti "Lesti għall-mira ta' 55 %" ta' Lulju 2021, l-urġenza li titteħed azzjoni fil-qasam tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-fatt li l-ħtieġa għall-iggwidar tal-politika espressa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jistgħu jintlaħqu b'mod sodisfaċenti fil-proposta legali adattata, il-Kummissjoni, anke fid-dawl tal-qbil mill-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, qieset li kien opportun li tipproċedi bir-reviżjoni tal-EPBD.

Il-Kummissjoni tqis li s-sejba tal-Bord fir-rigward taċ-ċarezza insuffiċjenti dwar ir-rwol tal-EPBD fi ħdan il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" tirrifletti l-valutazzjoni tagħha dwar il-kwalità tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt aktar milli tħassib fundamentali dwar

---

19 Assistenza teknika għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-bini u ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni għall-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* u r-reviżjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, talba għal servizz 2020/28 – ENER/CV/FV2020-608/07; DĠ Azzjoni Klimatika CLIMA.A4/FRA/2019/0011.

20 https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/

it-taħlita ta' politiki ġenerali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Huwa importanti li jiġi indikat ukoll li l-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huma valutazzjoni tal-kwalità tal-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt u mhux valutazzjoni tal-proposti leġiżlattivi relatati. L-interazzjoni bejn il-miżuri regolatorji, il-mekkaniżmi tal-ipprezzar u l-miri ġiet spjegata fit-taqsimiet preċedenti ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni. Dan jinkwadra r-reviżjoni proposta tal-EPBD bl-istess mod ta' kif inkwadra l-proposti l-oħra kollha tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li lkoll kienu appoġġati mir-rapporti tal-valutazzjoni tal-impatt individwali li ġew ivvalutati b'mod pożittiv mill-Bord.

Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-fehma tal-Bord li l-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ma pprovdiex biżżejjed evidenza soda li tappoġġa s-sett ta' miżuri politiċi ppreferut, b'mod partikolari fir-rigward tal-grad tal-armonizzazzjoni tal-UE propost fih. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ddevjat mill-għażla indikata fl-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt biex tintroduċi ssikkar b'mod gradwali u marbut mal-ħin tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (MEPS) fil-livell tal-UE, għal ċertu tip ta' bini flimkien ma' obbligu għall-Istati Membri biex jintroduċu MEPS nazzjonali għall-bini l-ieħor kollu. Issa, il-MEPS nazzjonali huma proposti bħala volontarji u d-differenzi fl-istokk tal-bini nazzjonali qed jitqiesu aħjar billi ngħatat aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fit-tfassil tal-pjanijiet tagħhom biex jiksbu l-għan ta' stokk tal-bini b'emissjonijiet żero sal-2050.

Madankollu, l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-UE għall-bini bl-agħar rendiment inżammu biex jiġi żgurat sforz inizjali suffiċjenti minn kulħadd fir-rigward ta' dak il-bini fejn jistgħu jinkisbu l-akbar kisbiet fl-effiċjenza fl-enerġija, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG u fil-kobenefiċċji soċjetali. L-Istati Membri huma liberi biex jistabbilixxu l-iskedi ta' żmien speċifiċi għal dan il-bini biex jikseb klassijiet ogħla ta' rendimenti fl-użu tal-enerġija sal-2040 u l-2050. Fejn l-Istati Membri jistabbilixxu MEPS nazzjonali, dawn jenħtieġ li jitfasslu bil-ħsieb tal-pjan direzzjonali nazzjonali u l-miri nazzjonali għall-2030, l-2040 u l-2050 li l-Istati Membri se jistabbilixxu bħala parti mill-Pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom biex jiksbu l-objettiv ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni sal-2050.

B'mod kruċjali, il-bini bl-agħar rendiment kopert mill-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-UE huwa l-istess bini li fih huma meħtieġa sforzi aktar profondi ta' rinnovazzjoni u li għalih, l-inċentivi pprovduti mill-prezzijiet tal-karbonju huma l-aktar probabbli li jkunu insuffiċjenti, minħabba l-fallimenti tas-suq mifruxa li jaffettwaw dan is-sottosettur fl-Istati Membri kollha. B'mod importanti, peress li s-settur residenzjali ta' dak il-bini huwa l-istess wieħed li fih hemm tendenza li jgħixu l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, il-miżura proposta (u l-qafas finanzjarju ta' sostenn tagħha) hija meqjusa kruċjali għal tranżizzjoni klimatika li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Barra minn hekk, il-proposta tagħti skedi ta' żmien itwal għall-bini residenzjali biex jintroduċi b'mod gradwali l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-UE u jikkonforma magħhom, meta mqabbel mal-bini li hu proprjetà tal-korpi pubbliċi u ma' bini mhux residenzjali ieħor.

Barra minn dan ta' hawn fuq, il-proposta ġiet immodifikata wkoll u b'hekk għamlet numru sinifikanti ta' elementi fiċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija fakultattivi. Meta mqabbla mal-għażla ppreferuta fl-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt fejn il-biċċa l-kbira tal-miżuri kienu obbligatorji, din il-proposta tipprovdi aktar flessibbiltà lill-Istati Membri. Il-mekkaniżmi eżistenti wkoll ingħataw prijorità fuq il-ħolqien ta' rekwiżiti ġodda, b'mod partikolari billi naqqsu r-rekwiżiti għall-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini u billi integrawhom bis-sħiħ mal-NECPs.

Il-proposta li rriżultat tħalli marġni wiesa' ta' manuvrar għall-Istati Membri biex jadattaw il-politiki regolatorji u ta' finanzjament tal-bini tagħhom għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali

bil-għan li tintlaħaq ambizzjoni ġenerali komuni. Il-kontribuzzjoni tar-reviżjoni tal-EPBD għall-pakkett ġenerali "Lesti għall-mira ta' 55 %" mhijiex imnaqqsa iżda r-responsabbiltà ewlenija għar-realizzazzjoni tagħha taqa' aktar fuq l-Istati Membri minn kif kien oriġinarjament previst, b'rispett dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istati Membri huma mitluba jfasslu u jimplimentaw Pjanijiet Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini ambizzjużi kif xieraq, li jqisu b'mod xieraq il-miri tal-ESR tagħhom u tal-limitu massimu propost fuq l-emissjonijiet mill-użu tal-fjuwils għat-tisħin fis-settur tal-bini. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni tal-Bini f'dan l-isfond.

Il-klawżola ta' rieżami tagħmel referenza espliċita għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk il-miżuri relatati mal-bini tal-UE, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju, humiex se jwasslu għal titjib suffiċjenti biex jitwassal stokk tal-bini dekarbonizzat bis-sħiħ u b'emissjonijiet żero sal-2050, jew jekk jeħtieġx li jiġu introdotti aktar miżuri vinkolanti fil-livell tal-Unjoni, bħal standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msaħħa madwar l-UE kollha, sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027.

Aktar kummenti speċifiċi dwar is-sejbiet tal-Bord jistgħu jinstabu fl-Anness I tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta. Il-valutazzjoni tal-impatt tipprovdi analiżi tal-problema u tidentifika l-miżuri possibbli biex jiżdiedu r-rati u l-profondità tar-rinnovazzjoni, tiġi permessa d-dekarbonizzazzjoni tal-bini ġdid u eżistenti u tiżdied il-modernizzazzjoni tal-bini ffaċilitata permezz tad-diġitalizzazzjoni. Din tiġborhom f'erba' għażliet ewlenin, li jirrappreżentaw żieda progressiva fil-livell ta' ambizzjoni: ambizzjoni baxxa, moderata, għolja u ogħla. L-Għażla 3 hija identifikata fiha bħala dik preferuta. Wara s-sejbiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju dwar din tal-aħħar, il-proposta tal-EPBD ġiet riveduta u issa hija bbażata fuq taħlita tal-għażla 2 (b'ambizzjoni moderata) għall-bini eżistenti u l-għażla 3 (b'ambizzjoni għolja) għall-għodod ta' informazzjoni u l-bini ġdid.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Objettiv ewlieni tar-reviżjoni tal-EPBD fl-2018 kien li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Kien ġie stmat li meta meqjusa flimkien, il-miżuri tal-għażla ta' politika ppreferuta jnaqqsu l-piż amministrattiv bi kważi EUR 100 miljun fis-sena[21].

L-iskop ewlieni ta' din ir-reviżjoni flimkien mal-aspetti relatati mal-bini tal-proposti l-oħra "Lesti għall-mira ta' 55 %" huwa li tallinja lis-settur tal-bini mal-ambizzjonijiet klimatiċi msaħħa tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-effettività, huma meħtieġa rekwiżiti ġodda u aġġornati. Dawk ir-rekwiżiti se jħallu l-akbar impatt fuq l-awtoritajiet amministrattivi fil-livell nazzjonali u lokali fl-Istati Membri, u sa ċertu punt, fuq is-sidien tal-bini, u se jiddependu l-aktar fuq il-proċeduri u l-istrutturi eżistenti li diġà qegħdin fis-seħħ. Huma għandhom il-livell it-tajjeb ta' ambizzjoni — fuq naħa waħda li jilħqu l-miri tagħna tal-Patt Ekoloġiku u fl-istess ħin li jagħtu lin-negozji u lill-utenti finali ż-żmien biex jadattaw.

Kif indikat fil-valutazzjoni tal-impatt, id-diġitalizzazzjoni taċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija u d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar l-iskambju tad-*data* u l-bażijiet tad-*data* xorta għandhom inaqqsu l-kostijiet amministrattivi u tal-konformità u jiffaċilitaw l-proċeduri amministrattivi marbuta mar-rinnovazzjonijiet tal-bini.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Proposta hija konformi mal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[22] tal-Unjoni Ewropea, li tirrikjedi li livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib fil-kwalità tal-ambjent

[21] https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:4908dc52-b7e5-11e6-9e3c-01aa75ed71a1.0014.02/DOC_1&format=PDF

għandhom jiġu integrati fil-politika tal-Unjoni u għandhom jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli.

Hija mfassla biex tirrispetta d-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, u tibni fuq l-Artikolu 34 tal-Karta li "tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal [...] għajnuna għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skont ir-regoli stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali."

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE. Hija temenda Direttiva eżistenti u tiddependi ħafna fuq l-istrutturi u r-regoli li diġà qegħdin fis-seħħ.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Wara l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi ta' din id-Direttiva Riformulata, il-Kummissjoni se twettaq l-azzjonijiet li ġejjin biex tiffaċilita t-traspożizzjoni tagħha:

– Se tabbozza tabella ta' korrelazzjoni biex isservi bħala lista ta' kontroll għat-traspożizzjoni kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni;

– Se torganizza laqgħat mal-esperti tal-Istati Membri inkarigati mit-traspożizzjoni tal-partijiet differenti tad-Direttiva biex issir diskussjoni dwar kif iridu jiġu trasposti u biex jissolvew id-dubji, u dan fil-kuntest tal-Azzjoni Konċertata għall-EPBD (CA-EED) jew b'format ta' kumitat;

– Se tkun disponibbli għal laqgħat bilaterali u sejħiet mal-Istati Membri f'każ ta' mistoqsijiet speċifiċi dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva;

– Wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni komprensiva dwar jekk l-Istati Membri ttrasponewx id-Direttiva b'mod sħiħ u korrett.

Il-proposta tikkumplimenta r-Regolament dwar il-Governanza[23], li jiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' ppjanar, rapportar u monitoraġġ trasparenti u affidabbli, ibbażata fuq l-NECPs u r-rapporti dwar il-progress issimplifikati mill-Istati Membri. Mill-2023, l-Istati Membri jridu jirrapportaw fuq bażi biennali dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet u barra minn hekk, sat-30 ta' Ġunju 2023 iridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-aġġornamenti tagħhom tal-pjanijiet, bl-aġġornamenti finali dovuti fit-30 ta' Ġunju 2024. Is-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini se jsegwu ċ-ċikli tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP), għajr għall-ewwel pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

L-Artikolu 32(1) jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom flimkien ma' tabella ta' korrelazzjoni. Dan huwa f'konformità mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (il-kawża C-543/17), skont liema l-Istati Membri jridu jakkumpanjaw in-notifiki tagħhom tal-miżuri tat-traspożizzjoni nazzjonali

[22] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:12012P/TXT

[23] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika

b'informazzjoni ċara u preċiża biżżejjed li tindika liema dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali qed jittrasponu liema dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Dan irid jiġi pprovdut għal kull obbligu, mhux biss fil-"livell tal-artikolu". Jekk l-Istati Membri jikkonformaw ma' dan l-obbligu, fil-prinċipju ma jkollhomx bżonn jibagħtu dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni lill-Kummissjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-Direttiva 2010/31/UE hija emendata kif ġej biex tallinja d-dispożizzjonijiet dwar il-bini ġdid u eżistenti, u dwar l-għodod ta' informazzjoni, mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex taġġorna l-kontenut tagħha fid-dawl tal-progress tekniku u tissimplifika l-istabbiliment tagħha u tiżgura mekkaniżmi ta' finanzjament u ta' infurzar imsaħħa:

– Is-suġġett huwa emendat biex jissottolinja li l-proposta għal EPBD riformulata tistabbilixxi l-viżjoni biex jinkiseb stokk tal-bini b'emissjonijiet żero sal-2050 u biex tiġi riflessa metrika tal-karbonju kumplimentari ġdida biex tidderieġi l-għażliet lejn is-soluzzjonijiet dekarbonizzati. Filwaqt li l-enfasi tal-proposta hija t-tnaqqis tal-emissjonijiet operattivi tal-gassijiet serra, ittieħdu l-ewwel passi biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini.

– Definizzjoni ġdida ta' bini b'emissjonijiet żero hija introdotta fl-Artikolu 2: bini b'rendiment għoli ħafna fl-użu tal-enerġija konformi mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", u fejn l-ammont ta' enerġija baxx ħafna li għadu meħtieġ huwa kopert bis-sħiħ mill-enerġija mis-sorsi rinnovabbli fil-livell tal-bini jew tad-distrett jew tal-komunità fejn ikun teknikament fattibbli (b'mod partikolari dawk iġġenerati fuq il-post, minn komunità tal-enerġija rinnovabbli jew mill-enerġija rinnovabbli jew is-sħana mormija minn sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali). Il-bini b'emissjonijiet żero isir l-istandard il-ġdid għall-bini ġdid, il-livell li għandu jinkiseb minn rinnovazzjoni profonda mill-2030 u l-viżjoni għall-istokk tal-bini fl-2050. L-Artikolu 2 jikkjarifika wkoll id-definizzjoni ta' "bini b'użu ta' kważi żero enerġija", li jibqa' l-istandard għall-bini ġdid sal-applikazzjoni tal-istandard ta' bini b'emissjonijiet żero, u jsir il-livell li għandu jinkiseb permezz ta' rinnovazzjoni profonda sal-2030. Dan jiddefinixxi mill-ġdid ir-"rinnovazzjoni profonda" bħala kriterju ta' referenza għar-rinnovazzjoni tal-bini u r-"rinnovazzjoni profonda fi stadji" biex jiffaċilita t-twassil tagħha. L-Artikolu 2 jintroduċi definizzjoni tal-"istandards ta' portafoll ipotekarju" bħala mekkaniżmu li jinċentiva lis-selliefa b'ipoteka biex itejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-portafoll ta' bini tagħhom, u jħeġġeġ lill-klijenti potenzjali biex jagħmlu l-proprjetajiet tagħhom aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

– L-Artikolu 3 dwar il-**Pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini** (preċedentement imsemmija strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul) isir aktar operattiv. Il-qafas ta' monitoraġġ huwa msaħħaħ bl-introduzzjoni ta' valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini mill-Kummissjoni u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet bħala parti mill-proċess tal-NECP. Sabiex tiġi ffaċilitata l-preżentazzjoni tal-informazzjoni u l-valutazzjoni tagħha mill-Kummissjoni u tittejjeb il-komparabbiltà tal-pjanijiet nazzjonali, huwa pprovdut mudell komuni bl-elementi obbligatorji u volontarji fl-Anness II. L-elementi obbligatorji li għandhom jiġu rrapportati jinkludu l-approċċi distrettwali u tal-viċinat, inkluż ir-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-komunità tal-enerġija taċ-ċittadini. Il-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini għandhom jiġu sottomessi bħala parti mill-NECPs u l-aġġornamenti tagħhom; b'mod eċċezzjonali, l-ewwel abbozz tal-pjan għandu jiġi sottomess sat-30 ta' Ġunju 2024 biex jitqies iż-żmien għall-adozzjoni u d-dħul fis-

seħħ tal-EPBD riveduta. Il-progress fil-kisba tal-miri nazzjonali u l-kontribuzzjoni tal-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini għall-miri nazzjonali u tal-Unjoni se jiġu rrapportati bħala parti mir-rapportar biennali skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

– L-Artikolu 4 (ex Artikolu 3) dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija flimkien mal-Anness I ġie aġġornat biex jikkjarifika l-użu possibbli tal-użu tal-enerġija mmetrata biex jiġi kkalkulat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija, u tiġi vverifikata l-korrettezza tal-użu tal-enerġija kkalkulat. L-Artikolu jispeċifika kif għandu jitqies l-użu tal-enerġija fuq il-post minn sorsi rinnovabbli, bħal fil-każ tal-punti tal-irriċarġjar, u għall-enerġija fornuta mill-komunitajiet tal-enerġija.

– L-Artikolu 5 (ex Artikolu 4) dwar l-iffissar tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija huwa emendat biex jadatta l-eżenzjoni totali preċedenti possibbli tal-bini protett għall-progress tekniku, li jippermetti t-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' dan il-bini mingħajr ma jibdel il-karattru tekniku u d-dehra tiegħu.

– L-Artikolu 6 (ex Artikolu 5) dwar il-kalkolu tal-livelli kostottimali huwa allinjat mal-Patt Ekoloġiku, billi jispeċifika li l-kostijiet tal-kwoti tal-gassijiet serra kif ukoll l-esternalitajiet ambjentali u tas-saħħa tal-użu tal-enerġija għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati l-inqas kostijiet. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-metodoloġija kostottimali sat-30 ta' Ġunju 2026.

– L-Artikolu 7 jgħaqqad id-dispożizzjonijiet kollha dwar il-**bini ġdid**:

(a) Dan jispeċifika li sa mill-2030, il-bini ġdid irid ikun bini b'emissjonijiet żero; mill-2027, il-bini pubbliku ġdid irid ikun b'emissjonijiet żero. Dawn ir-rekwiżiti speċifiċi għall-bini b'emissjonijiet żero huma stabbiliti fl-Anness III;

(b) Mill-2030, il-Potenzjal ta' Tisħin Globali (GWP) tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini ġdid se jkollu jiġi kkalkulat f'konformità mal-qafas Level(s), u b'hekk jagħti informazzjoni dwar l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kostruzzjoni ġdida. L-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu huma partikolarment rilevanti għall-bini kbir, u huwa għalhekk li l-obbligu li jiġu kkalkulati diġà se jkun japplika għall-bini kbir (bi spazju ta' art utilizzabbli ta' akbar minn 2000 metru kwadru) mill-2027.

(c) Għall-bini ġdid, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw id-dimensjonijiet importanti li jmorru lil hinn mir-rendiment fl-użu tal-enerġija, jiġifieri l-kondizzjonijiet klimatiċi interni tajbin għas-saħħa, l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sikurezza kontra n-nirien, ir-riskji relatati mal-attività siżmika intensa u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà. Għandhom jindirizzaw ukoll l-assorbimenti tal-karbonju assoċjati mal-ħżin tal-karbonju fil-bini jew fuqu.

– L-Artikolu 8 – 10 u 15 dwar il-bini eżistenti u l-appoġġ finanzjarju jgħaqqdu:

(a) Id-dispożizzjonijiet attwali dwar ir-***rinnovazzjoni maġġuri***, li joffru l-opportunità li jiġu applikati r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-seħħ (biex tiġi żgurata profondità tar-rinnovazzjoni minima), kif ukoll li jiġi indirizzat it-titjib strutturali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi inkluż l-asbestos, u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, huma **kkumplimentati bi *standards minimi ġodda tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-UE*** (li jiskattaw żieda fir-rati ta' rinnovazzjoni) għall-bini pubbliku (jiġifieri l-bini u l-unitajiet ta' bini li huma l-proprjetà ta' korpi pubbliċi) u l-bini mhux residenzjali bl-agħar rendiment.

Dawn jeħtieġu li l-bini bi klassi G tal-EPC jiġi rinnovat u mtejjeb għal mill-inqas il-klassi F tar-rendiment fl-użu tal-enerġija sa mhux aktar tard mill-2027 u għal mill-inqas il-klassi E tar-rendiment fl-użu tal-enerġija sa mhux aktar tard mill-2030, u l-bini residenzjali bl-agħar rendiment għal mill-inqas il-klassi F sal-2030 u għal mill-inqas il-klassi E sal-2033. L-enfasi fuq il-klassijiet bl-agħar rendiment tal-istokk tal-bini tiżgura li l-isforzi jiffokaw fuq il-bini bl-ogħla potenzjal għad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi estiżi. L-Istati Membri għandhom ukoll, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini, jistabbilixxu skedi ta' żmien speċifiċi għall-kisba ta' klassijiet ogħla ta' rendiment fl-użu tal-enerġija (għall-bini li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(1)) sal-2040 u l-2050, f'konformità mat-triq tagħhom għat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali f'bini b'emissjonijiet żero. Barra mill-istandards minimi ewlenin tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 9(1), l-Istati Membri għandhom l-għażla li jintroduċu standards minimi ewlenin tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jridu jappoġġaw il-konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija b'qafas abilitanti li jinkludi l-appoġġ finanzjarju, b'mod partikolari mmirat lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku jew li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-assistenza tekniku u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ. Id-dispożizzjonijiet proposti jippermettu lill-Istati Membri jeskludu diversi kategoriji ta' bini mill-obbligu li jkun konformi mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(b) L-introduzzjoni ta' passaporti ta' rinnovazzjoni volontarji għas-sidien tal-bini li qed jippjanaw rinnovazzjoni fi stadji tal-bini tagħhom. L-Istati Membri se jkollhom jintroduċu skema ta' passaporti ta' rinnovazzjoni bbażati fuq il-qafas komuni li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni sa tmiem l-2024, sabiex iċ-ċittadini tagħhom jingħataw aċċess għall-użu ta' din l-għodda.

(c) Dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom dwar it-tneħħija tal-ostakli u l-ostakli għar-rinnovazzjoni, u dwar il-mobilizzazzjoni tal-inċentivi finanzjarji b'punti uniċi ta' servizz aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha tal-ekosistema tal-bini, sabiex jiġu indirizzati l-ostakli kollha għar-rinnovazzjoni tal-bini, u mhux biss il-kostijiet, u l-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ xieraq. Inċentivi finanzjarji ogħla u miżuri ta' appoġġ tekniku huma diretti lejn il-proġetti ta' rinnovazzjoni profonda u lejn dawk li huma mmirati lejn numru mdaqqas ta' bini u li jwasslu għall-iffrankar ġenerali tal-enerġija konsiderevoli. Fid-dawl tal-istess objettiv, minħabba li abbażi t-tul tal-ħajja standard, bojler li jkun inxtara f'nofs id-deċennju 2020, jista' jkun għadu jintuża fl-2050, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunux permessi jissussidjaw il-bojlers li jaħdmu bil-fjuwils fossili mill-2027.

(d) Sabiex jiġi mħeġġeġ l-użu rapidu tas-sistemi ta' tisħin b'emissjonijiet diretti żero, u biex jiġi evitat li l-investimenti f'ġenerazzjonijiet ġodda ta' bojlers ibbażati fuq il-fjuwils fossili jsiru assi mhux rekuperabbli, il-bini b'emissjonijiet żero jenħtieġ li ma jiġġenerax emissjonijiet tal-karbonju fuq il-post u l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw fattur tal-enerġija primarja għall-elettriku allinjat mal-medja tal-UE[24].

[24] F'konformità mad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija.

(e) Finalment, l-Istati Membri huma meħtieġa jiffukaw l-appoġġ finanzjarju tagħhom fuq it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u fuq l-appoġġ għall-akkomodazzjoni soċjali, u biex l-inkwilini jiġu protetti mil-livelli ta' kera sproporzjonati wara rinnovazzjoni.

**Bħala segwitu għall-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju**, l-għażla miżmuma dwar l-Istandards Minimi tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija ma tikkorrispondi direttament ma' ebda waħda mill-erba' għażliet analizzati fl-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt sottomessi lill-Bord. Il-proposta ġiet emendata bir-reqqa fid-dawl tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, b'kont meħud tad-differenzi fl-istokkijiet tal-bini fl-Istati Membri differenti u filwaqt li ngħatat il-flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward ta' kif jindirizzaw iċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u jiksbu t-titjib neċessarju tal-istokk tal-bini nazzjonali tagħhom. Din tpoġġi enfasi madwar l-UE kollha fuq il-15 % tal-bini bl-agħar rendiment fl-istokkijiet tal-bini nazzjonali korrispondenti sabiex jiġu mmassimizzati l-iffrankar tal-enerġija, il-kosteffettività u l-impatti tat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku kif ukoll il-kobenefiċċji soċjali u ekonomiċi aktar komprensivi assoċjati mal-kisba tal-objettivi klimatiċi u tal-enerġija tal-UE.

– L-Artikolu 8 preċedenti jiġi ristrutturat. L-Artikolu 11 jiffoka fuq is-**sistemi tekniċi tal-bini** biss, u fih tiġi introdotta bażi ġuridika ċara għall-projbizzjonijiet nazzjonali tal-bojlers ibbażati fuq il-fjuwils fossili, li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-ġeneraturi tas-sħana abbażi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew it-tip ta' fjuwil użat. Diversi Stati Membri jqisu dawn il-miżuri bħala essenzjali biex jinkiseb stokk tal-bini dekarbonizzat u biex tittejjeb il-kwalità tal-arja u s-saħħa. Din id-dispożizzjoni tindirizza l-inċertezza legali attwali dwar jekk dawn il-projbizzjonijiet humiex permessi skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u r-regoli tas-suq ħieles skont it-Trattati. B'rikonoxximent tal-importanza ta' kwalità tajba tal-arja interna biex jiġi żgurat bini tajjeb għas-saħħa, l-installazzjoni tal-apparati ta' kejl u kontroll għall-monitoraġġ u r-regolar tal-kwalità tal-arja interna hija meħtieġa fil-bini ġdid u, fejn ikun fattibbli, fil-bini eżistenti li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri.

– L-Artikolu 12 dwar l-**infrastruttura għall-mobilità sostenibbli** huwa allinjat mal-ambizzjoni klimatika miżjuda, li ssaħħaħ ir-rekwiżiti attwali. Il-kablaġġ mgħoddi minn qabel isir in-norma għall-bini ġdid kollu u l-bini li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, u l-introduzzjoni tal-punti tal-irriċarġjar fil-bini ta' uffiċċji ġodda u rinnovati hija msaħħa b'mod partikolari. Il-punti tal-irriċarġjar jeħtieġ li jippermettu l-iċċarġjar intelliġenti u l-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-installazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar fil-bini residenzjali, filwaqt li jiżguraw id-"dritt għall-ipplaggjar" f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-proposta għal Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi. Barra minn hekk, ġew introdotti spazji għall-parkeġġ tar-roti obbligatorji fil-bini ġdid u fil-bini li qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri biex jitneħħew l-ostakli għaċ-ċikliżmu bħala element ċentrali tal-mobbiltà sostenibbli, mingħajr emissjonijiet.

– L-Artikolu 13 isaħħaħ l-**Indikatur tal-Potenzjal ta' Intelliġenza** għall-bini kbir, mhux residenzjali mill-2026. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' servizzi ġodda relatati mal-bini, l-Artikolu 14 ġdid li hu speċifiku għad-***data* dwar il-bini** jiżgura li s-sidien tal-bini, l-inkwilin u l-maniġer jew il-partijiet terzi jista' jkollhom aċċess għad-*data* tas-sistemi tal-bini. Regoli ġodda dwar l-interoperabbiltà tad-*data* u l-aċċess għad-*data* għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

– L-Artikoli 16 sa 19 itejbu d-dispożizzjonijiet diġà eżistenti dwar iċ-**ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**, il-ħruġ u l-espożizzjoni tagħhom, u l-bażijiet tad-*data* tagħhom:

(a) Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà fl-Unjoni, sal-2025, iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kollha jridu jkunu bbażati fuq skala armonizzata tal-klassijiet tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-Anness V.

(b) Il-klassijiet tar-rendiment fl-użu tal-enerġija se jiġu rriklassifikati bil-ħsieb tal-viżjoni komuni ta' stokk tal-bini b'emissjonijiet żero sal-2050, filwaqt li jitqiesu d-differenzi nazzjonali tal-istokkijiet tal-bini: l-ogħla klassi A tirrappreżenta bini b'emissjonijiet żero, filwaqt li l-aktar klassi baxxa G għandha tinkludi l-15 % tal-bini bl-agħar rendiment fl-istokk nazzjonali tal-bini. Ir-riklassifikazzjoni se tiżgura sforzi komparabbli fl-Istati Membri biex jikkonformaw mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija madwar l-Unjoni kollha skont l-Artikolu 9. L-indikatur fuq il-bażi ta' liema bini għandu jiġi kklassifikat (l-użu tal-enerġija primarja f'kWh/(m2.y)) jibqa' mhux mibdul, u huwa kkumplimentat minn indikatur dwar l-emissjonijiet operazzjonali ta' gassijiet serra u l-enerġija rinnovabbli. L-indikaturi l-oħra jibqgħu volontarji għall-Istati Membri biex jagħżlu minnhom, filwaqt li joffru approċċ ta' sett ta' għodod li jista' jiġi aġġustat għall-kondizzjonijiet nazzjonali.

(c) Il-validità taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-klassijiet aktar baxxi minn D sa G titnaqqas għal ħames snin sabiex jiġi żgurat li dawn jinkludu informazzjoni aġġornata li tgħin liċ-ċittadini jnaqqsu l-konsum tagħhom. Il-proċeduri ssimplifikati jridu jkunu disponibbli għall-aġġornamenti taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f'ċerti każijiet sempliċi u ċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jridu jinħarġu f'format diġitali. Ġew introdotti miżuri biex tiżdied l-affidabilità taċ-ċertifikati maħruġa (żjarat fuq il-post u kontroll tal-kwalità).

(d) Kopertura aħjar tal-istokk tal-bini bl-EPCs hija prekondizzjoni għat-titjib tiegħu, iżda fl-istess ħin l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li huma affordabbli. L-obbligu li ċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jiġġedded għall-bini li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, għall-bini li għalih jiġi estiż kuntratt tal-kiri u għall-bini pubbliku kollu. Il-bini jew l-unitajiet ta' bini li jitpoġġew għall-bejgħ jew għall-kera jrid ikollhom ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, u l-klassi u l-indikatur tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li tiġi ddikjarata fir-reklami kollha, filwaqt li tiżgura r-rilevanza tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-suq għall-bejgħ jew għall-kera. Il-bini kollu okkupat mill-awtoritajiet pubbliċi u li l-pubbliku jżur ta' spiss irid juri ċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu, irrispettivament mid-daqs tiegħu.

(e) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażijiet tad-*data* nazzjonali għaċ-ċertifikati tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, li jippermettu wkoll il-ġbir tad-*data* relatata mal-passaporti ta' rinnovazzjoni tal-bini u l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza. L-informazzjoni mill-bażijiet tad-*data* nazzjonali għandha tiġi ttrasferita lejn l-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini, abbażi ta' mudell li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni.

– Id-dispożizzjonijiet attwali dwar l-ispezzjonijiet ġew miġbura flimkien u kkjarifikati biex l-implimentazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata, filwaqt li jinkludu s-sistemi ta' ventilazzjoni bħala parti mill-miżuri tal-EPBD immirati lejn l-indirizzar tal-kwalità

tal-arja interna. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità u l-affidabbiltà tar-rinnovazzjonijiet jew ta' xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni, huwa previst li l-iskemi ta' spezzjoni nazzjonali jew għodod alternattivi għandhom jiġu stabbiliti biex jivverifikaw li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni mwassla jissodisfaw ir-rendiment fl-użu tal-enerġija mfassal u jtejbu s-sodisfazzjoni u l-fiduċja taċ-ċittadini. Bl-istess mod, il-fornituri ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni integrati jrid ikollhom aċċess għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni jew kwalifikazzjoni biex tiġi żgurata l-kwalità affidabbli ta' dawk ix-xogħlijiet. Il-livell limitu għall-installazzjoni obbligatorja tas-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u ta' kontroll jeħtieġ li jitbaxxa għall-bini mhux residenzjali mill-2030, u l-bini residenzjali ġdid u l-bini residenzjali li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri jrid ikun mgħammar b'ċerti funzjonalitajiet ta' monitoraġġ u kontroll biex itejbu u jottimizzaw il-ġestjoni u t-tħaddim tagħhom.

– **L-infurzar tal-politika tal-bini** hija essenzjali biex jiġi żgurat li tagħmel progress reali fuq il-post. Is-sistemi ta' kontroll indipendenti attwali ġew estiżi biex jinkludu l-passaporti ta' rinnovazzjoni u l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza. Il-monitoraġġ u l-infurzar, inkluż permezz ta' pieni, se jiffokaw b'mod partikolari fuq l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u fuq it-titjib tal-istokk tal-bini eżistenti.

Dispożizzjonijiet finali u l-klawżola ta' rieżami: bil-ħsieb tar-rieżami tal-EPBD fl-2021 fil-kuntest tat-twettiq tal-Patt Ekoloġiku, id-data għar-rieżami li jmiss skont l-Artikolu 25 hija stabbilita sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027. Il-klawżola ta' rieżami tagħmel referenza espliċita għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk il-miżuri relatati mal-bini fil-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju, humiex se jġibu biżżejjed titjib biex jitwassal stokk tal-bini dekarbonizzat bis-sħiħ u b'emissjonijiet żero sal-2050, jew jekk jeħtieġx li jiġu introdotti aktar miżuri vinkolanti fil-livell tal-Unjoni bħal standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msaħħa. L-Artikolu 32 dwar it-traspożizzjoni jikkjarifika li l-Istati Membri għandhom jipprovdu tabella ta' korrelazzjoni flimkien mal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom.

| ➔ 2010/31/UE |
|---|

2021/0426 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulata)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[25],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[26],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

| ➔ 2010/31/UE premessa 1 (adattat) |
|---|

(1) Id-Direttiva ~~2002/91/KE~~ ⌦ 2010/31/UE ⌫tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ~~tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini~~[28] ġiet emendata⌦ sostanzjalment⌫ ⌦ diversi drabi⌫[29]. Billi għandhom isiru aktar emendi ~~sostantivi~~, ~~għandha~~ ⌦ dik id-Direttiva ⌫ jenħtieġ li tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

| ⇩ ġdid |
|---|

(2) Skont il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-Partijiet tiegħu qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. L-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jinsab

[25] ĠU C […], […], p. […].

[26] ĠU C […], […], p. […].

[27] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[28] ~~ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.~~

[29] Ara l-Anness VIII~~IV~~, il-Parti A.

fil-qalba tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" tal-11 ta' Diċembru 2019[30]. L-Unjoni impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % sal-2030 taħt il-livelli tal-1990 fil-kontribut aġġornat stabbilit fil-livell nazzjonali ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020.

(3) Kif imħabbar fil-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija tagħha tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fl-14 ta' Ottubru 2020[31]. L-istrateġija fiha pjan ta' azzjoni b'miżuri regolatorji, ta' finanzjament u ta' abilitazzjoni konkreti, bl-objettiv li tal-inqas tiġi rduppjata r-rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini sal-2030 u li jitrawmu rinnovazzjonijiet profondi. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija hija meħtieġa bħala waħda mill-vetturi biex tinkiseb il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni. Se tikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-inizjattiva Bauhaus Ewropew Ġdid u l-missjoni Ewropea dwar bliet newtrali għall-klima u intelliġenti.

(4) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima", inaqqax il-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġiżlazzjoni u jistabbilixxi impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

(5) Il-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021 għandu l-għan li jimplimenta dawk l-objettivi. Ikopri firxa ta' oqsma ta' politika li jinkludu l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-użu tal-art, it-tibdil tal-użu tal-art u l-forestrija, it-tassazzjoni tal-enerġija, il-kondiviżjoni tal-isforzi, l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2010/31/UE hija parti integrali minn dak il-pakkett.

---

🡻 2010/31/UE premessa 2

~~L-użu effiċjenti, prudenti, razzjonali u sostenibbli tal-enerġija japplika inter alia għal prodotti taż-żejt, gass naturali u karburanti solidi, li huma sorsi essenzjali ta' enerġija, iżda huma wkoll is-sorsi ewlenin ta' ħruġ ta' dijossidu tal-karbonju.~~

---

🡻 2010/31/UE premessa 3 (adattat)
⇨ ġdid

(6) Il-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum ⌦ finali ⌫ ~~totali~~ tal-enerġija fl-Unjoni ⇨ u 36% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha relatati mal-enerġija ⇦ . ~~Is-settur qiegħed jespandi, u għalhekk x'aktarx jiżdied il-konsum tiegħu tal-enerġija.~~ Għaldaqstant, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija ⇨ , f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" kif stipulat fl-Artikolu 3 [EED riveduta] u ddefinit fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-

[30] Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.
[31] Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja, COM/2020/662 final.
[32] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ('il-Liġi Ewropea dwar il-Klima') (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Kunsill[33] ⇦ u l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini jikkostitwixxu miżuri importanti biex jitnaqqsu d-dipendenza fuq l-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Flimkien ma' użu akbar ta' enerġija minn sorsi rinovabbli, miżuri meħuda biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fl-Unjoni jippermettu lill-Unjoni tikkonforma mal-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u tonora kemm l-impenn tagħha għall-perijodu fit-tul li żżomm iż-żieda fit-temperatura dinjija taħt it-2 °C, kif ukoll l-impenn tagħha li, sal-2020, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra inġenerali jitnaqqsu b'mill-inqas 20 % taħt il-livelli tal-1990, u bi 30 % fil-każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali. Il-konsum imnaqqas tal-enerġija u użu akbar ta' enerġija minn sorsi rinovabbli għandhom ukoll sehem importanti ⇨ fit-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika tal-Unjoni, ⇦ fil-promozzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, ⌦ u tal-i⌫żviluppi teknoloġiċi, u fil-ħolqien ta' opportunitajiet għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali, b'mod partikolari ⇨ fil-gżejjer u ⇦fiż-żoni rurali.

---

⇩ ġdid

(7) Il-bini huwa responsabbli għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra qabel, matul u wara l-ħajja operattiva tiegħu. Il-viżjoni tal-2050 għal stokk tal-bini dekarbonizzat tmur lil hinn mill-enfasi attwali fuq l-emissjonijiet operattivi ta' gassijiet serra. Għalhekk, l-emissjonijiet kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini jenħtieġ li jitqiesu progressivament, u għandna nibdew mill-bini ġdid. Il-bini huwa bank materjali sinifikanti, peress li huwa repożitorju tar-riżorsi għal għexieren ta' snin, u l-għażliet tad-disinn jinfluwenzaw fil-biċċa l-kbira l-emissjonijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja kemm għall-bini ġdid kif ukoll għar-rinnovazzjonijiet. Ir-rendiment taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini jenħtieġ li titqies mhux biss fil-kostruzzjoni l-ġdida, iżda wkoll fir-rinnovazzjonijiet permezz tal-inklużjoni ta' politiki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu fil-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini tal-Istati Membri.

(8) Il-minimizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini teħtieġ l-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità. Dan jista' jiġi kkombinat ukoll mat-trasformazzjoni ta' partijiet tal-istokk tal-bini f'bir tal-karbonju temporanju.

(9) Il-potenzjal ta' tisħin globali matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu jindika l-kontribut ġenerali tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-gassijiet serra inkorporati fil-prodotti għall-bini b'emissjonijiet diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Rekwiżit biex jiġi kkalkulat il-potenzjal ta' tisħin globali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini ġdid għalhekk jikkostitwixxi l-ewwel pass lejn kunsiderazzjoni akbar tar-rendiment taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini u ta' ekonomija ċirkolari.

(10) Il-bini huwa responsabbli għal madwar nofs l-emissjonijiet tal-materja partikolata fina primarja (PM2.5) fl-UE li jikkawżaw mewt u mard qabel iż-żmien. It-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini jista' u jenħtieġ li jnaqqas l-emissjonijiet ta'

[33] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

sustanzi niġġiesa fl-istess ħin, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34].

---

🡻 2010/31/UE premessa 4

L-amministrazzjoni tad-domanda għall-enerġija hija għodda importanti sabiex il-Komunità tkun tista' tinfluwenza s-suq globali tal-enerġija u b' hekk is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fuq tul ta' żmien medju u twil.

---

🡻 2010/31/UE premessa 5 (adattat)

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 saħaq dwar il-ħtieġa li titkabbar l-effiċjenza tal-enerġija fl-Unjoni sabiex jintlaħaq l-għan tat-tnaqqis b'20 % tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni sal-2020 u sejjaħ għal implimentazzjoni bir-reqqa u rapida tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija: it-Twettiq tal-Potenzjal". Dak il-Pjan ta' Azzjoni identifika l-potenzjal sinifikanti għal iffrankar tal-enerġija b'mod kost-effettiv fis-settur tal-bini. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008, sejjaħ għat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/91/KE, u appella f'diversi okkażjonijiet, l-aktar reċenti fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar it-Tieni Reviżjoni Strateġika relatata mal-Enerġija, biex il-mira ta' effiċjenza tal-enerġija ta' 20 % fl-2020 issir vinkolanti. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020[35], tistabbilixxi miri li jorbtu fuq livell nazzjonali għat-tnaqqis tas-$CO_2$ fir-rigward tal-użu effiċjenti tal-enerġija fis-settur tal-bini ser tkun kruċjali, u d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli[36] tipprevedi l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li trid tintlaħaq għall-enerġija minn sorsi rinovabbli li jammontaw għal 20 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni sal-2020.

---

🡻 2010/31/UE premessa 6 (adattat)

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 afferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni għall-iżvilupp tal-enerġija minn sorsi rinovabbli fl-Unjoni kollha billi approva mira obbligatorja li sal-2020 20 % tal-enerġija tkun tiġi minn sorsi rinovabbli. Id-Direttiva 2009/28/KE tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinovabbli.

---

34 Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

35 ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.

36 ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

➔ 2010/31/UE premessa 7 (adattat)

~~Jeħtieġ li jiġu stabbiliti aktar azzjonijiet konkreti sabiex jinkiseb il-potenzjal enormi għall-iffrankar tal-enerġija fil-bini u jitnaqqsu d-differenzi kbar fir-riżultati tal-Istati Membri f'dan is-settur.~~

➔ 2010/31/UE premessa 8 (adattat)
⇨ ġdid

(11) Il-miżuri li jkomplu jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi⇨ , inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima, ⇦ ~~u~~ ⌦ il-kundizzjonijiet ⌫ lokali kif ukoll l-ambjent klimatiku intern u l-kosteffettività. ~~Dawn~~ ⌦ Dawk ⌫ il-miżuri jenħtieġ li ma jkunux jaffettwaw rekwiżiti oħra dwar bini bħall-aċċessibbiltà, is-sikurezza ⇨ fil-każ ta' nirien u attività siżmika ⇦ u l-użu intiż għal dak il-bini.

➔ 2010/31/UE premessa 9
⇨ ġdid

(12) Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jkun ikkalkolat abbażi ta' metodoloġija, li tista' tvarja bejn il-livell nazzjonali u dak reġjonali. Dik tkun tinkludi, minbarra l-karatteristiċi termiċi, fatturi oħra li jaqdu rwol dejjem aktar importanti bħal installazzjonijiet tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata, l-applikazzjoni ta' sorsi ta' enerġija minn sorsi rinovabbli, ⇨ sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini, soluzzjonijiet intelliġenti, ⇦ elementi ta' tisħin u tkessiħ passiv, dell, il-kwalità tal-arja interna, dawl naturali adegwat u d-disinn tal-bini. Il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li tkun ibbażata mhux biss fuq l-istaġun li matulu jkunu meħtieġa t-tisħin ⇨ jew l-arja kkundizzjonata ⇦ , iżda jenħtieġ li jkopri r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija matul is-sena kollha. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tqis l-istandards Ewropej eżistenti. ⇨ Il-metodoloġija jenħtieġ li tiżgura r-rappreżentazzjoni tal-kundizzjonijiet operattivi reali u tippermetti l-użu ta' enerġija mmetrata biex tiġi vverifikata l-korrettezza u għall-komparabbiltà, u l-metodoloġija jenħtieġ li tkun ibbażata fuq perjodi ta' ħin fis-siegħa jew ta' porzjoni minn siegħa. Biex jitħeġġeġ l-użu tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post, u flimkien mal-qafas ġenerali komuni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-benefiċċji tal-massimizzazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post, inkluż għal użi oħra (bħall-punti tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi), jiġu rikonoxxuti u kkunsidrati fil-metodoloġija għall-kalkolu.⇦

➔ 2010/31/UE premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(13) ~~Hija r-responsabbiltà unikament tal-I~~L-Istati Membri ⇨ jenħtieġ li ⇦ ~~li~~ jiffissaw rekwiżiti minimi għar-rendiment tal-bini u tal-elementi tal-bini fl-użu tal-enerġija~~.~~ ~~Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ffissati~~ bil-għan li jinkiseb bilanċ kostottimali bejn l-investimenti involuti u l-kostijiet tal-enerġija ffrankati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini,

mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu rekwiżiti minimi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija mil-livelli kostottimali tal-effiċjenza fl-enerġija. Jenħtieġ li jkun hemm provvediment għall-possibilità li l-Istati Membri jwettqu rieżami regolari tar-rekwiżiti minimi tagħhom tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija fid-dawl tal-progress tekniku.

---

| ⬇ 2010/31/UE premessa 11 |
|---|

L-objettiv ta' livelli ta' effiċjenza kost-effettivi jew kost-ottimali fl-enerġija, jista', f'ċerti ċirkustanzi fid-dawl ta' differenzi klimatiċi, jiġġustifika l-iffissar mill-Istati Membri ta' rekwiżiti kost-effettivi jew kost-ottimali għall-elementi tal-bini li fil-prattika jillimitaw l-installazzjoni ta' prodotti tal-bini li jikkonformaw mal-istandards stabbiliti mill-leġislazzjoni tal-Unjoni, sakemm tali rekwiżiti ma jikkostitwux ostaklu mhux ġustifikabbli għas-suq.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(14) Żewġ terzi tal-enerġija użata għat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini għadha qed tiġi mill-fjuwils fossili. Biex is-settur tal-bini jiġi dekarbonizzat, huwa ta' importanza partikolari li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili fit-tisħin u t-tkessiħ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jindikaw il-politiki u l-miżuri nazzjonali tagħhom biex jeliminaw gradwalment il-fjuwils fossili fit-tisħin u t-tkessiħ fil-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom, u jenħtieġ li ma jingħata l-ebda inċentiv finanzjarju għall-installazzjoni ta' bojlers tal-fjuwils fossili permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss mill-2027, għajr għal dawk magħżula għall-investiment, qabel l-2027, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-politiki u l-miżuri nazzjonali ta' eliminazzjoni gradwali jenħtieġ li jkollhom l-appoġġ ta' bażi legali ċara għall-projbizzjoni tal-ġeneraturi tas-sħana, abbażi tal-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra jew it-tip ta' fjuwil użat.

---

| ⬇ 2010/31/UE premessa 12<br>⇨ ġdid |
|---|

(15) ⇨Ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal sistemi tekniċi użati fil-bini jenħtieġ li japplikaw għas-sistemi sħaħ, kif installati fil-bini, u mhux għar-rendiment ta' komponenti awtonomi, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' regolamenti speċifiċi għall-prodott skont id-Direttiva 2009/125/KE. ⇦ Waqt l-iffissar ta' rekwiżiti għar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-sistemi tekniċi użati fil-bini, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw, fejn disponibbli u adattati, strumenti armonizzati, b'mod partikolari metodi ta' ttestjar u kalkolu u klassijiet ta' effiċjenza tal-enerġija żviluppati skont miżuri li jimplimentaw id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija[37] u Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikettar u permezz ta' informazzjoni standard fuq il-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti relatati mal-enerġija[38] r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament

---

[37] Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10)

[38] Ara paġna 1 ta' din il-Ġurnal Uffiċjali.

Ewropew u tal-Kunsill[39], bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koerenza ma' inizjattivi relatati u biex, sa fejn hu possibbli, tiġi minimizzata l-frammentazzjoni potenzjali tas-suq.

---

🡻 2010/31/UE premessa 13

(16) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għalhekk, it-terminu "inċentiv" użat f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma jiġix interpretat li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

---

🡻 2010/31/UE premessa 14 (adattat)
⇨ ġdid

(17) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu ta' livelli kostottimali għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. ⇨Reviżjoni ta' dan il-qafas jenħtieġ li tippermetti l-kalkolu tar-rendiment tal-enerġija kif ukoll tal-emissjonijiet u jenħtieġ li tqis l-esternalitajiet ambjentali u tas-saħħa, kif ukoll l-estensjoni tal-ETS u l-prezzijiet tal-karbonju. ⇦ L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw ~~dan~~ ⌦ dak ⌫ il-qafas biex iqabblu r-riżultati mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jkunu adottaw. Jekk ikunu jeżistu diskrepanzi sinifikanti, jiġifieri li jaqbżu l-15 %, bejn il-livelli kostottimali kkalkolati tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-seħħ, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġġustifikaw id-differenza jew jippjanaw passi adattati biex inaqqsu d-diskrepanza. Iċ-ċiklu stmat tal-ħajja ekonomika ta' binja jew ta' element ta' binja jenħtieġ li jiġi determinat mill-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-prattiċi attwali u l-esperjenza fid-definizzjoni ta' ċikli tipiċi tal-ħajja ekonomika. Ir-riżultati ta' ~~dan~~ ⌦ dak ⌫ it-tqabbil u d-*data* użata biex jinkisbu ~~dawn~~ ⌦ dawk ⌫ ir-riżultati jenħtieġ li jiġu rrappurtati regolarment lill-Kummissjoni. ~~Dawn~~ ⌦ Dawk ⌫ ir-rapporti jenħtieġ li jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta u tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fl-Istati Membri biex intlaħqu livelli kostottimali dwar ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

---

🡻 2010/31/UE premessa 15

~~Il-bini għandu impatt fit-tul fuq il-konsum tal-enerġija. Minħabba ċ-ċiklu twil ta' rinovazzjoni għal bini eżistenti, bini ġdid u bini eżistenti li huwa soġġett għal rinovazzjoni maġġuri, għandu għaldaqstant jissodisfa rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija adattati għall-klima lokali. Ladarba l-applikazzjoni ta' sistemi alternattivi ta' provvista tal-enerġija ma tiġix ġeneralment mistħarrġa sal-potenzjal kollu tagħha, sistemi ta' provvista ta' enerġija alternattiva għandhom ikunu meqjusa għal bini ġdid, ikun xi jkun id-daqs tagħhom skont il-prinċipju li l-ewwel ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ jitnaqqsu għal livelli kost-ottimali.~~

---

[39] Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

↓ 2010/31/UE premessa 16

(18) Rinnovament maġġuri f'bini eżistenti, ikun xi jkun id-daqs tiegħu, jipprovdi opportunità biex jittieħdu miżuri kosteffettivi li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Għal raġunijiet ta' kosteffettività, jenħtieġ li jkun possibbli jiġu limitati r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-aktar partijiet rinnovati rilevanti għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu li jiddefinixxu "rinnovazzjoni maġġuri" f'termini ta' persentaġġ tal-erja totali tal-uċuħ ta' barra tal-bini jew f'termini tal-valur tal-bini. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jiddefinixxi rinnovazzjoni maġġuri f'termini tal-valur tal-bini, jistgħu jintużaw valuri bħall-valur attwarjali, jew il-valur kurrenti bbażat fuq il-kost tar-rikostruzzjoni, mingħajr il-valur tal-art li fuqha jkun jinsab il-bini.

↓ 2010/31/UE premessa 17

~~Huma meħtieġa miżuri biex jiżdied l-għadd ta' bini li mhux biss jissodisfa r-rekwiżiti minimi kurrenti tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, imma li huwa ukoll aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, biex b'hekk jitnaqqsu kemm il-konsum tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet nazzjonali għal żieda fl-għadd ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija u jirrapportaw regolarment tali pjanijiet lill-Kummissjoni.~~

⇩ ġdid

(19) L-ambizzjoni msaħħa tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija teħtieġ viżjoni ġdida għall-bini: il-bini b'emissjonijiet żero, li d-domanda baxxa ħafna għall-enerġija tiegħu tkun koperta għalkollox minn enerġija minn sorsi rinnovabbli meta jkun teknikament fattibbli. Il-bini l-ġdid kollu jenħtieġ li jkun bini b'emissjonijiet żero, u l-bini eżistenti kollu jenħtieġ li jiġi ttrasformat f'bini b'emissjonijiet żero sal-2050.

(20) Hemm bosta alternattivi differenti disponibbli li jkopru l-ħtiġijiet tal-enerġija ta' binja effiċjenti b'enerġija minn sorsi rinnovabbli: sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post bħall-enerġija solari, moduli fotovoltajċi solari, pompi tas-sħana u l-bijomassa, enerġija rinnovabbli pprovduta minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jew minn komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, u tisħin u tkessiħ distrettwali bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew sħana mormija.

(21) Id-dekarbonizzazzjoni meħtieġa tal-istokk tal-bini tal-Unjoni teħtieġ rinnovazzjoni tal-enerġija fuq skala kbira: kważi 75 % ta' dak l-istokk tal-bini huwa ineffiċjenti skont l-istandards attwali tal-bini, u 85-95 % tal-bini tal-lum se jkun għadu eżistenti fl-2050. Madankollu, ir-rata annwali ponderata ta' rinnovazzjoni tal-enerġija hija persistentement baxxa, madwar 1 %. Bil-pass attwali, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-bini teħtieġ sekli sħaħ. Għalhekk għan ewlieni ta' din id-Direttiva hu l-iskattar u l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini, li jinkludi bidla lejn sistemi ta' tisħin mingħajr emissjonijiet.

(22) L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija huma l-għodda regolatorja essenzjali biex tiskatta r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti fuq skala kbira, għax dawn jindirizzaw l-ostakli ewlenin għar-rinnovazzjoni bħal inċentivi opposti u strutturi ta' sjieda konġunta, li ma jistgħux jingħelbu bl-inċentivi ekonomiċi. L-introduzzjoni ta' standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li twassal għal

eliminazzjoni gradwali tal-bini bl-agħar rendiment u għal titjib kontinwu fl-istokk tal-bini nazzjonali, u dan jikkontribwixxi għall-għan fit-tul ta' stokk tal-bini dekarbonizzat sal-2050.

(23) L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jiffukaw fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini bl-ogħla potenzjal f'termini ta' dekarbonizzazzjoni, tnaqqis tal-faqar enerġetiku, u benefiċċji soċjali u ekonomiċi estiżi, b'mod partikolari fuq il-bini bl-agħar rendiment, li jeħtieġ li jiġi rinnovat bħala prijorità.

(24) Fir-rigward tal-bqija tal-istokk tal-bini nazzjonali, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu jekk jixtiqux jintroduċu standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, imfassla fil-livell nazzjonali u adattati għall-kundizzjonijiet nazzjonali. Meta twettaq rieżami ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk hemmx bżonn jiġu introdotti aktar standards minimi vinkolanti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex jinkiseb stokk ta' bini dekarbonizzat sal-2050.

(25) L-introduzzjoni ta' standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn qafas ta' abilitazzjoni li jinkludi assistenza teknika u miżuri finanzjarji. L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti fil-livell nazzjonali mhumiex "standards tal-Unjoni" skont it-tifsira tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-Unjoni kollha jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu tali "standards tal-Unjoni". F'konformità mar-regoli riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat għar-rinnovazzjoni tal-bini biex jikkonformaw mal-istandards tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-Unjoni kollha, jiġifieri biex tinkiseb ċerta klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, sakemm dawk l-istandards għall-Unjoni kollha jsiru obbligatorji. Ladarba l-istandards ikunu obbligatorji, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħtu għajnuna mill-Istat għar-rinnovazzjoni tal-bini u tal-unitajiet tal-bini li jaqgħu taħt l-istandards tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-Unjoni kollha, diment li r-rinnovazzjoni tal-bini timmira għal standard ogħla mill-klassi minima speċifikata tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(26) It-Tassonomija tal-UE tikklassifika l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli fl-ekonomija kollha, inkluż għas-settur tal-bini. Skont l-Att Delegat dwar it-Tassonomija tal-UE dwar il-Klima, ir-rinnovazzjoni tal-bini titqies bħala attività sostenibbli meta din tikseb iffrankar enerġetiku ta' mill-inqas 30 %, tikkonforma mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjoni maġġuri ta' bini eżistenti, jew tikkonsisti f'miżuri individwali relatati mar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, bħall-installazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' tagħmir tal-effiċjenza enerġetika jew ta' strumenti u apparat għall-kejl, ir-regolazzjoni u l-kontroll tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, meta tali miżuri individwali jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti. Ir-rinnovazzjoni tal-bini konformi mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-Unjoni kollha hija tipikament konformi mal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE relatati mal-attivitajiet ta' rinnovazzjoni tal-bini.

(27) L-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-Unjoni kollha jenħtieġ li jkunu bbażati fuq klassijiet armonizzati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Bid-definizzjoni tal-klassi G, l-aktar kassi baxxa tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, bħala l-15 % bl-agħar rendiment tal-istokk tal-bini nazzjonali ta' kull Stat Membru, l-armonizzazzjoni tal-klassijiet tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tiżgura sforzi simili mill-Istati Membri kollha; filwaqt li d-definizzjoni tal-klassi A, l-aqwa klassi tar-rendiment fl-użu tal-

enerġija, tiżgura l-konverġenza tal-iskala armonizzata tal-klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija lejn viżjoni komuni ta' bini b'emissjonijiet żero.

(28) Ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini u għall-elementi tal-bini eżistenti kienu diġà jinsabu fil-predeċessuri ta' din id-Direttiva u jenħtieġ li jkomplu japplikaw. Filwaqt li l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li għadhom kif ġew introdotti jistabbilixxu livell minimu għar-rendiment minimu tal-enerġija tal-bini eżistenti u jiżguraw li sseħħ ir-rinnovazzjoni ta' bini ineffiċjenti, ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini u għall-elementi tal-bini eżistenti jiżguraw il-profondità meħtieġa tar-rinnovazzjoni meta sseħħ xi rinnovazzjoni.

(29) Biex jinkiseb stokk tal-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat u biex issir it-trasformazzjoni tal-bini eżistenti f'bini b'emissjonijiet żero sal-2050, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini, li jissostitwixxu l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul u jsiru għodda ta' ppjanar ferm aktar b'saħħitha u kompletament operazzjonali għall-Istati Membri, b'enfasi aktar qawwija fuq il-finanzjament u l-iżgurar li ħaddiema b'ħiliet xierqa jkunu disponibbli biex iwettqu rinnovazzjonijiet tal-bini. Fil-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess għar-rinnovazzjoni tal-bini. F'konformità mal-Artikolu 21(b)(7) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-kundizzjonijiet abilitanti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri ta' finanzjament, kif ukoll deskrizzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment u tar-riżorsi amministrattivi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom.

(30) Il-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini jenħtieġ li jkunu bbażati fuq mudell armonizzat biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-pjanijiet. Biex tiġi żgurata l-ambizzjoni meħtieġa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet u toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri.

(31) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini jkunu marbuta mill-qrib mal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, u jenħtieġ li l-progress fil-kisba tal-miri nazzjonali u l-kontribut tal-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini għall-miri nazzjonali u tal-Unjoni jiġu rrapportati bħala parti mir-rappurtar biennali skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Meta titqies l-urġenza li tiżdied ir-rinnovazzjoni abbażi ta' pjanijiet nazzjonali solidi, id-data għas-sottomissjoni tal-ewwel pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini jenħtieġ li tiġi stabbilita malajr kemm jista' jkun.

(32) Ir-rinnovazzjoni fi stadji tista' tkun soluzzjoni biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-kostijiet inizjali għaljin u d-diffikultajiet li jista' jkollhom l-abitanti meta jagħmlu r-rinnovazzjonijiet f'daqqa. Madankollu, tali rinnovazzjoni fi stadji jeħtieġ li tiġi ppjanata bir-reqqa biex jiġi evitat li pass wieħed ta' rinnovazzjoni jipprekludi l-passi sussegwenti meħtieġa. Il-passaporti ta' rinnovazzjoni jipprovdu pjan direzzjonali ċar

[40] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

għal rinnovazzjoni fi stadji, u dan jgħin lis-sidien u lill-investituri jippjanaw iż-żmien opportun u l-ambitu għall-interventi. Għalhekk, il-passaporti ta' rinnovazzjoni jenħtieġ li jkunu disponibbli bħala għodda volontarja għas-sidien tal-bini fl-Istati Membri kollha.

(33) Il-kunċett ta' "rinnovazzjoni profonda" għadu ma ġiex definit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Bil-ħsieb li tinkiseb il-viżjoni fit-tul għall-bini, ir-rinnovazzjoni profonda jenħtieġ li tiġi definita bħala rinnovazzjoni li tittrasforma l-bini f'bini b'emissjonijiet żero; bħala l-ewwel pass, bħala rinnovazzjoni li tittrasforma l-bini f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Din id-definizzjoni sservi l-iskop li żżid ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Rinnovazzjoni profonda għall-finijiet tar-rendiment fl-użu tal-enerġija hija opportunità ewlenija biex jiġu indirizzati aspetti oħra bħall-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, iż-żieda fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza kontra r-riskji ta' diżastri inkluż ir-reżiljenza siżmika, is-sikurezza kontra n-nirien, it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi inkluż l-asbestos, u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

(34) Biex titrawwem rinnovazzjoni profonda, li hija waħda mill-għanijiet tal-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu appoġġ finanzjarju u amministrattiv imsaħħaħ lir-rinnovazzjoni profonda.

(35) L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini eżistenti li jikkontribwixxi biex jinkiseb ambjent intern tajjeb għas-saħħa, inkluż permezz tat-tneħħija ta' asbestos u sustanzi oħra ta' ħsara, il-prevenzjoni tat-tneħħija illegali ta' sustanzi ta' ħsara, u l-iffaċilitar tal-konformità ma' atti leġiżlattivi eżistenti bħad-Direttivi 2009/148/KE[41] u (UE) 2016/2284[42] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(36) Il-vetturi elettriċi mistennija jkollhom rwol kruċjali fid-dekarbonizzazzjoni u l-effiċjenza tas-sistema tal-elettriku, jiġifieri permezz tal-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà, ibbilanċjar u ħażna, speċjalment permezz tal-aggregazzjoni. Dan il-potenzjal tal-vetturi elettriċi li jintegraw mas-sistema tal-elettriku u jikkontribwixxu għall-effiċjenza tas-sistema u għall-assorbiment ulterjuri tal-elettriku rinnovabbli jenħtieġ li jiġi sfruttat bis-sħiħ. L-iċċarġjar fir-rigward tal-bini huwa partikolarment importanti, peress li dan huwa fejn il-vetturi elettriċi jipparkjaw regolarment u għal perjodi twal ta' żmien. L-iċċarġjar bil-mod huwa ekonomiku u l-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar fi spazji privati tista' tipprovdi ħażna tal-enerġija lill-binja relatata u integrazzjoni tas-servizzi ta' ċċarġjar intelliġenti u tas-servizzi ta' integrazzjoni tas-sistema b'mod ġenerali.

(37) Flimkien ma' sehem akbar tal-produzzjoni rinnovabbli tal-elettriku, il-vetturi elettriċi jipproduċu inqas emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-vetturi elettriċi jikkostitwixxu komponent importanti tat-transizzjoni lejn enerġija nadifa bbażata fuq miżuri ta' effiċjenza enerġetika, fjuwils alternattivi, enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tal-flessibbiltà enerġetika. Il-kodiċijiet tal-bini jistgħu jintużaw b'mod effettiv biex jiġu introdotti rekwiżiti mmirati li jappoġġaw l-użu tal-

---

[41] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28).

[42] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

infrastruttura tal-irriċarġjar fil-parkeġġi tal-bini residenzjali u dak mhux residenzjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jneħħu l-ostakli bħal inċentivi opposti u kumplikazzjonijiet amministrattivi li jiltaqgħu magħhom is-sidien individwali meta jkunu qed jippruvaw jinstallaw punt tal-irriċarġjar fl-ispazju tal-parkeġġ tagħhom.

(38) Il-kablaġġ mgħoddi minn qabel jipprovdi l-kundizzjonijiet it-tajba għall-iskjerament rapidu tal-punti tal-irriċarġjar jekk u fejn ikunu meħtieġa. Infrastruttura faċilment disponibbli tnaqqas il-kostijiet tal-installazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar għas-sidien individwali u tiżgura li l-utenti tal-vetturi elettriċi jkollhom aċċess għal punti tal-irriċarġjar. L-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-elettromobbiltà fil-livell tal-Unjoni dwar l-attrezzar minn qabel tal-ispazji tal-parkeġġ u l-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar huwa mod effettiv biex fil-futur qrib jiġu promossi l-vetturi elettriċi filwaqt li jitħalla lok għal aktar żvilupp b'inqas kostijiet fuq terminu ta' żmien medju sa twil. Meta jkun teknikament fattibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-punti tal-irriċarġjar għall-persuni b'diżabbiltà.

(39) L-iċċarġjar intelliġenti u l-iċċarġjar bidirezzjonali jippermettu l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-bini. Il-punti tal-irriċarġjar fejn il-vetturi elettriċi tipikament jiġu pparkjati għal perjodi ta' ħin estiżi, bħal fejn in-nies jipparkjaw għal raġunijiet ta' residenza jew ta' impjieg, huma rilevanti ħafna għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, u għalhekk iridu jiġu żgurati funzjonalitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti. Meta l-iċċarġjar bidirezzjonali jkun jassisti aktar penetrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli mill-flotot tal-vetturi elettriċi fit-trasport u fis-sistema tal-elettriku b'mod ġenerali, tali funzjonalità jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll.

(40) Il-promozzjoni tal-mobbiltà ekoloġika hija parti ewlenija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-bini jista' jkollu rwol importanti fil-provvista tal-infrastruttura meħtieġa, mhux biss għall-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi iżda wkoll għar-roti. It-tranżizzjoni lejn il-mobbiltà ratba bħaċ-ċikliżmu tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport. Kif stabbilit fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, iż-żieda fl-ishma modali ta' trasport privat u pubbliku nadif u effiċjenti, bħaċ-ċikliżmu, se tnaqqas drastikament it-tniġġis mit-trasport u ġġib benefiċċji kbar għaċ-ċittadini u l-komunitajiet individwali. In-nuqqas ta' spazji għall-parkeġġ tar-roti huwa ostaklu ewlieni għall-użu taċ-ċikliżmu, kemm fil-bini residenzjali kif ukoll fil-bini mhux residenzjali. Il-kodiċijiet tal-bini jistgħu jappoġġaw b'mod effettiv it-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar nadifa billi jistabbilixxu rekwiżiti għal għadd minimu ta' spazji għall-parkeġġ tar-roti.

(41) L-aġendi tas-Suq Uniku Diġitali u tal-Unjoni tal-Enerġija jenħtieġ li jkunu allinjati u jenħtieġ li jservu għanijiet komuni. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija qed tbiddel malajr ix-xenarju tal-enerġija, mill-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli sal-grilji intelliġenti u l-bini lest għat-teknoloġiji intelliġenti. Biex is-settur tal-bini jkun diġitalizzat, il-miri ta' konnettività tal-Unjoni u l-ambizzjonijiet għall-użu ta' networks tal-komunikazzjoni b'kapaċità għolja huma importanti biex ikollna djar intelliġenti u komunitajiet konnessi tajjeb. Jenħtieġ li jiġu pprovduti inċentivi mmirati biex ikunu promossi sistemi lesti għat-teknoloġiji intelliġenti u soluzzjonijiet diġitali fl-ambjent mibni. Dan joffri opportunitajiet ġodda għal iffrankar enerġetiku, billi l-konsumaturi jingħataw informazzjoni aktar preċiża dwar ix-xejriet tal-konsum tagħhom, u billi l-operatur tas-sistema jkun jista' jimmaniġġa l-grilja b'mod aktar effettiv.

(42) Biex jiġi ffaċilitat suq kompetittiv u innovattiv għas-servizzi tal-bini intelliġenti li jikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tal-enerġija u għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-bini u jiġu appoġġati l-investimenti fir-rinnovazzjoni, l-Istati Membri

jenħtieġ li jiżguraw aċċess dirett għad-*data* tas-sistemi tal-bini mill-partijiet interessati. Biex jiġu evitati kostijiet amministrattivi eċċessivi għall-partijiet terzi, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà sħiħa tas-servizzi u tal-iskambju tad-*data* fl-Unjoni.

(43) L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ li jintuża biex titkejjel il-kapaċità tal-bini li juża t-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi elettroniċi biex jadatta l-operat tal-bini għall-ħtiġijiet tal-okkupanti u l-grilja u biex itejjeb l-effiċjenza enerġetika u r-rendiment ġenerali tal-bini fl-użu tal-enerġija. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ li jqajjem għarfien fost is-sidien u l-okkupanti tal-bini dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u tal-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi tal-bini u jenħtieġ li jagħti fiduċja lill-okkupanti fl-iffrankar reali ta' dawk il-funzjonalitajiet imtejba ġodda. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza huwa partikolarment ta' benefiċċju għall-bini kbir b'domanda qawwija għall-enerġija. Għall-binjiet l-oħra, l-iskema għall-valutazzjoni tal-istat tat-tħejjija għat-teknoloġiji intelliġenti tal-bini jenħtieġ li tkun fakultattiva għall-Istati Membri.

---

🡻 2010/31/UE premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(44) ⇨ L-aċċess għal finanzjament suffiċjenti huwa kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 u tal-2050. ⇦ ~~Qed jiġu~~ ⌦ Ġew ⌫ stabbiliti jew adattati Strumenti finanzjarji tal-Unjoni u miżuri oħra bil-għan ⇨ li jappoġġaw ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇦ ~~jkunu stimulati miżuri relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija~~. ⇨ L-aktar inizjattivi riċenti biex tiżdied id-disponibbiltà tal-finanzjament fil-livell tal-Unjoni jinkludu, fost l-oħrajn, il-komponent ewlieni "Rinnovazzjoni" tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] u l-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE).../.... Hemm diversi programmi ewlenin oħra tal-UE li jistgħu jappoġġaw ir-rinnovazzjoni tal-enerġija permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, inkluż il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fond InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. Permezz ta' Programmi Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Unjoni tinvesti f'għotjiet jew self biex timbotta l-aqwa teknoloġija u ttejjeb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz ta' sħubijiet mal-industrija u mal-Istati Membri bħat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u s-Sħubijiet Ewropej Built4People.⇦ ~~Tali strumenti finanzjarji fil-livell tal-Unjoni jinkludu, inter alia, ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[45], emendat biex ikunu possibbli aktar investimenti għall-użu effiċjenti tal-enerġija fl-akkomodazzjoni; is-sħubija pubbliku-privat dwar inizjattiva "Bini Ewropew Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija" biex ikunu promossi teknoloġiji favur l-ambjent u l-iżvilupp ta' sistemi u materjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija f'bini ġdid u rinovat; l-inizjattiva KE-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)~~

---

43 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021).

44 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

45 ~~ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.~~

~~“Inizjattiva tal-UE għall-Finanzjament ta’ Enerġija Rinovabbli” li għandha l-għan li tippermetti, inter alia, investimenti għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-“Fond Marguerite” mmexxi mill-BEI: il-Fond Ewropew għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura 2020; id-Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta’ Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud[46]; l-istrument tal-fondi strutturali u ta’ koeżjoni Jeremie (Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Intrapriżi minn Mikro sa Daqs Medju); il-Faċilità ta’ Finanzjament għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija; il-Programm ta’ Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, inkluż il-Programm Enerġija Intelliġenti-Ewropa II, iffokat speċifikament fuq it-tneħħija tal-ostakli għas-suq relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija minn sorsi rinovabbli permezz, pereżempju, tal-faċilità ta’ assistenza teknika ELENA (Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali); il-Patt tas-Sindki; il-Programm ta’ Intraprenditorija u Innovazzjoni; il-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika tal-ICT 2010, u s-Seba’ Programm Qafas dwar ir-Riċerka. Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp jipprovdi ukoll finanzjament bil-għan li jkunu stimulati miżuri relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.~~

---

| ➔ 2010/31/UE premessa 19<br>⇨ ġdid |
|---|

(45) L-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jintużaw biex jingħata effett prattiku lill-objettivi ta’ din id-Direttiva, iżda mingħajr ma jiġu sostitwiti l-miżuri nazzjonali. B’mod partikolari, ⇨ minħabba l-iskala tal-isforz ta’ rinnovazzjoni meħtieġ, ⇦ dawn jenħtieġ li jintużaw biex ikunu pprovduti mezzi adattati u innovattivi ta’ finanzjament biex jiġi katalizzat l-investiment ⇨ fir-rendiment tal-bini ⇦ ~~f’miżuri ta’ effiċjenza~~ fl-użu tal-enerġija. Dawn jista’ jkollhom rwol importanti fl-iżvilupp ta’ fondi, strumenti, jew mekkaniżmi nazzjonali, reġjonali u lokali għall-effiċjenza enerġetika, li joħolqu dawn il-possibbiltajiet ta’ finanzjament lis-sidien tal-proprjetajiet privati, lill-intrapriżi żgħar u medji u lill-kumpaniji li joffru servizzi ta’ effiċjenza enerġetika.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(46) Il-mekkaniżmi finanzjarji, l-inċentivi u l-mobilizzazzjoni ta’ istituzzjonijiet finanzjarji għal rinnovazzjonijiet tal-enerġija fil-bini jenħtieġ li jkollhom rwol ċentrali fil-pjanijiet nazzjonali ta’ rinnovazzjoni tal-bini u jiġu promossi b’mod attiv mill-Istati Membri. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu l-inkoraġġiment ta’ ipoteki tal-effiċjenza enerġetika għal rinnovazzjonijiet ta’ bini ċċertifikati effiċjenti fl-użu tal-enerġija, il-promozzjoni ta’ investimenti biex l-awtoritajiet pubbliċi jkunu fi stokk ta’ bini effiċjenti fl-enerġija, pereżempju bi sħubijiet pubbliċi privati jew kuntratti ta’ rendiment fl-użu tal-enerġija jew bi tnaqqis tar-riskju perċepit tal-investimenti.

(47) Il-finanzjament waħdu mhux se jissodisfa l-ħtiġijiet tar-rinnovazzjoni. Minbarra l-finanzjament, hu indispensabbli li jinħolqu għodod ta’ konsulenza aċċessibbli u trasparenti u strumenti ta’ assistenza bħal punti uniċi ta’ servizz li jipprovdu servizzi integrati ta’ rinnovazzjoni tal-enerġija jew faċilitaturi, u li jiġu implimentati miżuri u inizjattivi oħra bħal dawk imsemmija fl-Inizjattiva tal-Kummissjoni dwar Finanzjament Intelliġenti għal Bini Intelliġenti, biex jinkiseb il-qafas it-tajjeb ta’ abilitazzjoni u jitneħħew l-ostakli għar-rinnovazzjoni.

46 ~~ĠU L 116, 9.5.2009, p. 18.~~

(48) Il-bini ineffiċjenti ħafna drabi huwa marbut mal-faqar enerġetiku u mal-problemi soċjali. L-unitajiet domestiċi vulnerabbli huma partikolarment esposti għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għax jonfqu proporzjon akbar tal-baġit tagħhom fuq il-prodotti tal-enerġija. Bi tnaqqis fil-kontijiet eżaġerati tal-enerġija, ir-rinnovazzjoni tal-bini tista' terfa' lin-nies mill-faqar enerġetiku u tipprevenih ukoll. Fl-istess ħin, ir-rinnovazzjoni tal-bini ma ssirx b'xejn, u huwa essenzjali li jiġi żgurat kontroll tal-impatt soċjali tal-kostijiet għar-rinnovazzjoni tal-bini, b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Jenħtieġ li l-mewġa ta' rinnovazzjoni ma tħalli lil ħadd lura u tissarraf f'opportunità li ttejjeb is-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u jenħtieġ li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Għalhekk, l-inċentivi finanzjarji u miżuri oħra ta' politika jenħtieġ li, bħala prijorità, ikunu mmirati lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-evizzjonijiet minħabba r-rinnovazzjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika tipprovdi qafas komuni u fehim kondiviż tal-politiki u l-investimenti komprensivi meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta.

---

🡻 2010/31/UE premessa 20

~~Sabiex jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni adegwata, l-Istati Membri għandhom ifasslu listi ta' miżuri eżistenti u proposti, inkluż dawk ta' natura finanzjarja, minbarra dawk meħtieġa minn din id-Direttiva, li jippromwovu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Il-miżuri eżistenti u proposti elenkati mill-Istati Membri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ostakli legali eżistenti u dawk għas-suq u li jħeġġu l-investimenti u/jew attivitajiet oħra biex jiżdied ir-rendiment tal-bini ġdid u eżistenti fl-użu tal-enerġija, biex b'hekk jikkontribwixxu sabiex potenzjalment titnaqqas l-iskarsezza tal-enerġija. Tali miżuri jistgħu jinkludu, iżda m'għandhomx ikunu limitati għal, assistenza u konsulenza teknika mingħajr ħlas jew sussidjati, sussidji diretti, skemi ta' self sussidjat jew self b'rati ta' interessi baxxi, skemi ta' għotjiet u skemi ta' granazija ta' self. L-awtoritajiet pubbliċi u istituzzjonijiet oħra li jipprovdu dawk il-miżuri ta' natura finanzjarja jistgħu jorbtu l-applikazzjoni ta' tali miżuri mar-rendiment fl-użu tal-enerġija indikata u r-rakkomandazzjonijiet miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.~~

---

🡻 2010/31/UE premessa 21

~~Sabiex jiġi limitat il-piż tar-rapportar tal-Istati Membri, għandu jkun possibbli li jiġu integrati r-rapporti meħtieġa minn din id-Direttiva fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija[47]. Is-settur pubbliku f'kull Stat Membru għandu jkun minn ta' quddiem fil-qasam tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u għalhekk il-pjanijiet nazzjonali għandhom jistabbilixxu miri aktar ambizzjużi għall-bini okkupat mill-awtoritajiet pubbliċi.~~

---

[47] ~~ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.~~

🡻 2010/31/UE premessa 22 (adattat)
⇨ ġdid

(49) ⇨Biex jiġi żgurat li r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jkun jista' jitqies minn xerrejja jew inkwilini prospettivi kmieni fil-proċess, il-bini jew l-unitajiet tal-bini li jiġu offruti għall-bejgħ jew għall-kiri jenħtieġ li jkollhom ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, u l-klassi u l-indikatur tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jiġu ddikjarati fir-reklamar kollu. ⇦ Ix-xerrej ~~u~~ ⌦ jew ⌫ l-inkwilin prospettiv ta' bini jew ta' unità ta' bini jenħtieġ li, fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jingħataw informazzjoni korretta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u pariri prattiċi dwar it-titjib ta' tali rendiment. ~~Kampanji ta' informazzjoni jistgħu jservu biex iħeġġu ulterjorment lill-proprjetarji u l-inkwilini biex itejbu r-rendiment tal-bini jew l-unità tal-bini tagħhom fl-użu tal-enerġija. Il-proprjetarji u l-inkwilini ta' bini kummerċjali għandhom ukoll ikunu mħeġġa jiskambjaw informazzjoni dwar il-konsum reali ta' enerġija sabiex ikun żgurat li tkun disponibbli d-data kollha biex jittieħdu deċiżjonijiet informati dwar it-titjib neċessarju.~~ Iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ ukoll li jipprovdi informazzjoni ~~dwar l-impatt attwali tat-tisħin u tat-tkessiħ fuq il-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini,~~ dwar il-konsum tal-enerġija primarja tiegħu ⇨ , dwar il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tiegħu ⇦ u dwar l-emissjonijiet ⇨ ta' gassijiet serra operattivi tiegħu ⇦~~tad-dijossidu tal-karbonju~~.

⇩ ġdid

(50) Il-monitoraġġ tal-istokk tal-bini huwa ffaċilitat bid-disponibbiltà ta' *data* miġbura minn għodod diġitali, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bażijiet ta' *data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u l-informazzjoni li tkun tinsab fihom jenħtieġ li tiġi trasferita lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE.

🡻 2010/31/UE premessa 23

~~L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu ta' eżempju u għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jimplimentaw r-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Fil-pjanijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jinkludu miżuri biex jappoġġaw lill-awtoritajiet pubbliċi biex jadottaw kmieni titjib fl-użu effiċjenti tal-enerġija u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija malli dan ikun fattibbli.~~

🡻 2010/31/UE premessa 24 (adattat)
⇨ ġdid

(51) Bini okkupat minn awtoritajiet pubbliċi u bini li spiss jintuża mill-pubbliku jenħtieġ li jkunu ta' eżempju billi juru li qed jitqiesu konsiderazzjonijiet ambjentali u ta' enerġija u għaldaqstant dan il-bini jenħtieġ li jkun soġġett għal ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fuq bażi regolari. Id-disseminazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li titjieb billi ~~dawn~~ ⌦ dawk ⌫ iċ-ċertifikati tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jintwerew b'mod ċar u, b'mod

partikolari fil-bini ta' ċertu daqs li jkun okkupat mill-awtoritajiet pubbliċi jew li jintuża ta' spiss mill-pubbliku bħas-⇨ swali muniċipali, l-iskejjel, ⇦ il-ħwienet u il-kumplessi tal-ħwienet, is-supermarkets, ir-ristoranti, it-teatri, il-banek u l-lukandi.

---

🡻 2010/31/UE premessa 25 (adattat)

(52) Fl-aħħar snin żdiedu s-sistemi tal-arja kkondizzjonata fil-pajjiżi Ewropej. ~~Dan~~ ⌦ Dak ⌫ jikkawża problemi konsiderevoli fl-aktar ħinijiet intensivi, li jżidu l-kost tal-elettriku u jfixklu l-bilanċ tal-enerġija. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-istrateġiji li jtejbu r-rendiment termiku tal-bini fis-sajf. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ssir enfasi fuq miżuri li jevitaw it-tisħin żejjed tal-bini, bħal ħolqien ta' dellijiet u kapaċità termali suffiċjenti fil-kostruzzjoni tal-bini, u jenħtieġ li jiġu żviluppati u applikati aktar tekniki ta' tkessiħ passiv, primarjament dawk li jtejbu l-kundizzjonijiet klimatiċi interni u l-mikroklima madwar il-bini.

---

🡻 2010/31/UE premessa 26
⇨ ġdid

(53) Il-manutenzjoni u l-ispezzjoni regolari tas-sistemi tat-tisħin ⇨ , tal-ventilazzjoni ⇦ u tal-arja kkondizzjonata minn persuni kkwalifikati jikkontribwixxu biex jibqgħu aġġustati sew skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u b'hekk jiġi żgurat ir-rendiment ottimali minn perspettiva ambjentali, ta' sikurezza u tal-użu tal-enerġija. Jenħtieġ li ssir valutazzjoni indipendenti tas-sistema kollha tat-tisħin ⇨ , tal-ventilazzjoni ⇦ u tal-arja kkondizzjonata f'intervalli regolari tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema, b'mod partikolari qabel ma tiġi sostitwita jew aġġornata. Biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq is-sidien jew l-inkwilini tal-bini, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex kemm jista' jkun jikkombinaw l-ispezzjonijiet u ċ-ċertifikazzjonijiet.

---

🡻 2010/31/UE premessa 27 (adattat)
⇨ ġdid

(54) Approċċ komuni għaċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨ , il-passaporti tar-rinnovazzjoni, l-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza ⇦ u ~~għal~~ l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u l-arja kkondizzjonata, magħmula minn esperti kkwalifikati ~~u/~~ jew ⇨ iċċertifikati ⇦ ~~akkreditati~~, li l-indipendenza tagħhom trid tkun żgurata abbażi ta' kriterji objettivi, ~~se~~ jikkontribwixxi għal livell ekwu fejn jidħlu l-isforzi fl-Istati Membri għall-iffrankar enerġetiku fil-qasam tal-bini u se jintroduċi trasparenza għas-sidien u l-utenti prospettivi fejn jidħol ir-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-suq tal-proprjetà fl-Unjoni. Biex tkun żgurata l-kwalità taċ-ċertifikati tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨, tal-passaporti tar-rinnovazzjoni, tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza⇦ u tal-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kontroll indipendenti f'kull Stat Membru.

---

🡻 2010/31/UE premessa 28

(55) Peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din id-Direttiva, dawn jenħtieġ li jiġu kkonsultati u involuti, skont kif u

meta jkun meħtieġ f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, dwar kwistjonijiet ta' ppjanar, l-iżvilupp ta' programmi li jipprovdu informazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni, u dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Tali konsultazzjonijiet jistgħu jservu wkoll biex ikun promoss l-għoti ta' gwida adegwata lill-pjanifikaturi u lill-ispetturi tal-bini lokali biex iwettqu l-kompiti neċessarji. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu u jħeġġu lill-periti u lill-pjanifikaturi biex jikkunsidraw sew kif se jikkombinaw bl-aħjar mod it-titjib fl-effiċjenza enerġetika l-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli u l-użu tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali waqt l-ippjanar, id-disinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni taż-żoni industrijali jew residenzjali.

---

🡻 2010/31/UE premessa 29

(56) L-installaturi u l-bennejja huma kritiċi biex tirnexxli l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għaldaqstant, permezz ta' taħriġ u miżuri oħra, jenħtieġ li jkun hemm numru adegwat ta' installaturi u bennejja li jkollhom il-livell adattat ta' kompetenza fl-installazzjoni u fl-integrazzjoni tat-teknoloġija tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli meħtieġa.

---

🡻 2010/31/UE premessa 30

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali[48] fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku ta' esperti professjonali li huma indirizzati minn din id-Direttiva, u l-Kummissjoni għandha tkompli bl-attivitajiet tagħha taħt il-Programm Enerġija Intelliġenti-Ewropa fir-rigward ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet għal standards għat-taħriġ ta' tali esperti professjonali.~~

---

🡻 2010/31/UE premessa 31 (adattat)

~~Sabiex tiġi msaħħa t-trasparenza tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-settur tal-proprjetà mhux residenzjali fl-Unjoni, għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għal skema għaċ-ċertifikazzjoni volontarja komuni tar-rendiment ta' bini mhux residenzjali fl-użu tal-enerġija. Skont l-Artikolu 291 TFUE, regoli u prinċipji ġenerali li jikkonċernaw mekkaniżmi għal kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu stabbiliti minn qabel permezz ta' Regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Sa meta ssir l-adozzjoni ta' dak ir-Regolament il-ġdid, għandha tkompli tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni[49], ħlief għal proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhijiex applikabbli.~~

---

[48] ~~ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.~~
[49] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~

| ⬇ 2010/31/UE premessa 32 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(57) ⌦ Biex tkompli timmira għat-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa ⌫ ~~Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa~~ tadotta atti ~~delegati~~ b'mod konformi mal-Artikolu 290 TFEU ⌦ ⌫ fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku ta' ċerti partijiet tal-qafas ġenerali stabbilit fl-Anness I, u fir-rigward tal-iffissar ta' qafas metodoloġiku għall-kalkolu ta' livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ , fir-rigward tal-adattament tal-limiti għall-binjiet b'emissjonijiet żero u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali taċ-ċiklu tal-ħajja, fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas Ewropew komuni għall-passaporti tar-rinnovazzjoni, u fir-rigward ta' skema tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat tat-tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti⇦ . Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, ⌦ u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[50]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati ⌫ .

| ⇩ ġdid |
|---|

(58) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' diversi għodod, bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku[51] li jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta biex jitfasslu u jiġu implimentati riformi, inkluż dawk immirati biex tiżdied ir-rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini residenzjali u mhux residenzjali sal-2030 u biex jitrawmu rinnovazzjonijiet profondi tal-enerġija. L-appoġġ tekniku jirrigwarda, pereżempju, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki rilevanti.

| ⬇ 2010/31/UE premessa 33 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(59) Ladarba ~~l-għan~~ ⌦ l-objettivi ⌫ ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini ⇦ , ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba l-kumplessità tas-settur tal-bini u n-nuqqas ta' ħila tas-swieq nazzjonali tal-proprjetà li jindirizzaw b'mod xieraq l-isfidi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ~~u~~ ⌦ iżda ⌫ jista'⌦ minflok ⌫, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell

[50] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[51] Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipjui tal-proporzjonalità, kif stabbiliti f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan ⌦ jintlaħqu dawk l-objettivi ⌫ .

---

⇩ ġdid

(60) Il-bażi ġuridika ta' din l-inizjattiva hija l-Artikolu 194(2) tat-TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija. Il-proposta tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni kif deskritt fl-Artikolu 194(1) TFUE, b'mod partikolari t-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu, li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent.

---

🡻 2010/31/UE premessa 36 (adattat)
⇨ ġdid

(61) F'konformità mal-punt 4434 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tTfassil aAħjar tal-lLiġijiet[52], l-Istati Membri huma mħeġġa ⌦ jenħtieġ li ⌫ jfasslu, għalihom stess u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess, li kemm jista' jkun juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi, ⇨ F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, iżidu dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata, b'mod partikolari wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża l-Kummissjoni vs il-Belġju (Kawża C-543/17).⇦

---

🡻 2010/31/UE premessa 34 (adattat)

(62) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla ⌦ emenda ⌫ sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva ⌦ ta' qabel ⌫ 2002/91/KE. L-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula joħroġ minn dik mid-Direttiva ⌦ ta' qabel ⌫.

---

🡻 2010/31/UE premessa 35 (adattat)

(63) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u ⌦ d-dati tal-

---

52 ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

applikazzjoni ⌫ ~~l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/91/KE.~~ ⌦ tad-Direttivi stipulati fl-AnnessVIII, il-Parti B. ⌫

| ⬇ 2010/31/UE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tippromwovi t-titjib fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini ⇦ fi ħdan l-Unjoni, ⇨ bil-ħsieb li jinkiseb stokk tal-bini b'emissjonijiet żero sal-2050 ⇦ filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi esterni u l-kundizzjonijiet lokali, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-klima interna u l-kosteffettività.

2. Din id-Direttiva tispeċifika rekwiżiti dwar:

(a) il-qafas ġenerali komuni għall-metodoloġija tal-kalkolu tar-rendiment tal-bini u tal-unitajiet tal-bini fl-użu integrat tal-enerġija;

(b) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għar-rendiment tal-bini ġdid u tal-unitajiet tal-bini ġdid fl-użu tal-enerġija;

(c) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta':

(i) il-bini eżistenti~~,~~ ⌦ u ⌫ l-unitajiet tal-bini ~~u elementi tal-bini~~ li huma soġġetti għal rinnovazzjoni maġġuri,

(ii) l-elementi tal-bini li jiffurmaw parti mill-involukru tal-bini u li għandhom impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-involukru tal-bini fl-użu tal-enerġija meta jiġu rinnovati jew sostitwiti; ~~u~~

(iii) is-sistemi tekniċi tal-bini kull darba li dawn jiġu installati, sostitwiti jew aġġornati;

| ⇩ ġdid |
|---|

(d) l-applikazzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini eżistenti u l-unitajiet tal-bini eżistenti;

(e) il-passaporti tar-rinnovazzjoni;

(f) il-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini;

(g) l-infrastruttura tal-mobbiltà sostenibbli fil-bini u maġenb il-bini; u

(h) il-bini intelliġenti;

| ⬇ 2010/31/UE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

~~(d) pjanijiet nazzjonali għal żieda fl-għadd ta' bini b'użu ta' enerġija ta' kważi żero;~~

(i~~e~~) iċ-ċertifikazzjoni ⌦ tar-rendiment ⌫ tal-użu tal-enerġija fil-bini jew fl-unitajiet tal-bini;

(jf) spezzjoni regolari tas-sistemi tat-tisħin ⇨ , tal-ventilazzjoni ⇦ u tal-arja kkondizzjonata fil-bini; ~~u~~

(kg) sistemi tal-kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ , il-passaporti tar-rinnovazzjoni, l-indikaturi għall-potenzjal intelliġenti ⇦ u rapporti ta' spezzjonijiet.

3. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma rekwiżiti minimi u ma għandhomx jipprevjenu lil xi Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri aktar stretti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli ⌦ mat-TFUE ⌫ ~~mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea~~. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva ~~għandhom~~ japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "bini" tfisser kostruzzjoni msaqqfa u bil-ħitan, li fiha tintuża l-enerġija biex tikkondizzjona l-klima interna;

---

⇩ ġdid

2. "bini b'emissjonijiet żero" tfisser bini b'rendiment għoli ħafna fl-użu tal-enerġija, kif determinat f'konformità mal-Anness I, fejn l-ammont baxx ħafna ta' enerġija li jkun għadu meħtieġ ikun kopert għalkollox b'enerġija minn sorsi rinnovabbli ġġenerata fuq il-post, minn komunità tal-enerġija rinnovabbli skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata] jew minn sistema tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III;

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

32. "bini b'użu ta' kważi żero enerġija" tfisser bini ~~li għandu~~ ⌦ ⌫ b'rendiment tajjeb ħafna fl-użu tal-enerġija kif determinat skont l-Anness I ⇨ , li ma jistax jitbaxxa iktar mil-livell kostottimali tal-2023 rrappurtat mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(2) u fejn ⇦ ~~iIl~~-kważi żero enerġija jew l-ammont baxx ħafna ta' enerġija meħtieġa ~~għandha~~ ~~tiġi~~ ⌦ jkunu koperti ⌫ ħafna minnhom minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, inkluż minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post jew fil-qrib;

---

⇩ ġdid

4. "standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija" tfisser regoli li jirrikjedu li l-bini eżistenti jkun jissodisfa rekwiżit ta' rendiment fl-użu tal-enerġija bħala parti minn pjan ta' rinnovazzjoni wiesa' għal stokk ta' bini jew f'xi punt ta' skattar fis-suq (bejgħ jew kiri), f'perjodu ta' żmien jew sa data speċifika, u b'hekk tiskatta r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti;

5. “korpi pubbliċi” tfisser “awtoritajiet kontraenti” kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];

---

🡻 2018/844 Art. 1.1(a)
⇨ ġdid

~~6~~3. “sistema teknika użata fil-bini” tfisser tagħmir tekniku għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun domestiku, għad-dawl integrat, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni ⇨ u l-ħżin ⇦⇨ tal-enerġija rinnovaabbli ⇦ ~~tal-elettriku~~ fuq il-post, jew għal taħlita tagħhom, inkluż dawk is-sistemi li jużaw enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta’ binja jew ta’ unità ta’ bini;

---

🡻 2018/844 Art. 1.1(b)

7~~3a~~. “sistema tal-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini” tfisser sistema li tinkludi l-prodotti, is-software u s-servizzi ta’ inġinerija kollha li jistgħu jappoġġaw it-tħaddim effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ekonomiku u sikur tas-sistemi tekniċi tal-bini permezz ta’ kontrolli awtomatiċi u permezz tal-iffaċilitar tal-ġestjoni manwali ta’ dawk is-sistemi tekniċi użati fil-bini;

---

🡻 2010/31/UE (adattat)

8~~4~~. “rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ta’ binja” tfisser l-ammont ta’ enerġija kkalkolata jew ⌦ immetrata ⌫ ~~imkejjla~~ meħtieġa biex tilħaq id-domanda tal-enerġija assoċjata mal-użu tipiku tal-binja, li jista’ jinkludi fost l-oħrajn l-enerġija użata għat-tisħin, għat-tkessih, għall-ventilazzjoni, għall-misħun u għat-tidwil;

9~~5~~. “enerġija primarja” tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli jew mhux rinnovabbli li ma għaddiet mill-ebda proċess ta’ konverżjoni jew trasformazzjoni;

---

⇩ ġdid

10. “fattur tal-enerġija primarja mhux rinnovabbli” tfisser enerġija primarja mhux rinnovabbli għal vettur tal-enerġija partikolari, inkluż l-enerġija fornuta u l-ispejjeż ġenerali tal-enerġija kkalkulati għat-twassil lejn il-punti tal-użu, diviżi bl-enerġija fornuta;

11. “fattur tal-enerġija primarja rinnovabbli” tfisser enerġija primarja rinnovabbli minn sors tal-enerġija fuq il-post, fil-qrib jew imbiegħed li tiġi kkonsenjata permezz ta’ vettur tal-enerġija partikolari, inkluż l-enerġija fornuta u l-ispejjeż ġenerali tal-enerġija kkalkulati għat-twassil lejn il-punti tal-użu, diviżi bl-enerġija fornuta;

12. “fattur totali tal-enerġija primarja” tfisser it-total ponderat tal-fatturi tal-enerġija primarja rinnovabbli u mhux rinnovabbli għal vettur tal-enerġija partikolari;

---

53 ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

136. "enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli, jiġifieri l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b' mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx ⇨ (solari termali u solari fotovoltajka) ⇦ , ~~dik aerotermika,~~ ⌦ u ⌫ ⌦ enerġija ⌫ ġeotermika, ~~idrotermika~~ ⇨ enerġija tal-ambjent, enerġija tal-marea, tal-mewġ⇦ u enerġija oċeanika ⌦ oħra ⌫, idroenerġija, bijomassa, gass mil-landfills, gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ, u bijogassijiet;

147. "involukru tal-bini" tfisser l-elementi integrati tal-bini li jifirdu l-intern tiegħu mill-ambjent estern;

158. "unità ta' bini" tfisser taqsima, sular jew appartament f'bini li hi ddisinjata jew mibdula biex tkun tista' tintuża separatament;

169. "element tal-bini" tfisser sistema teknika użata fil-bini jew element tal-involukru tal-bini;

⇩ ġdid

17. "abitazzjoni" tfisser kamra jew sett ta' kmamar f'bini permanenti jew f'parti strutturalment separata ta' bini li hija ddisinjata għall-abitazzjoni minn unità domestika privata waħda matul is-sena kollha;

18. "passaport tar-rinnovazzjoni" tfisser dokument li jipprovdi pjan direzzjonali mfassal apposta għar-rinnovazzjoni ta' binja speċifika f'diversi stadji li se jtejjeb b'mod sinifikanti r-rendiment fl-użu tal-enerġija tagħha;

19. "rinnovazzjoni profonda" tfisser rinnovazzjoni li tittrasforma binja jew unità ta' bini

(a) qabel l-1 ta' Jannar 2030, f'binja b'użu ta' kważi żero enerġija;

(b) mill-1 ta' Jannar 2030, f'binja b'emissjonijiet żero;

20. "rinnovazzjoni profonda fi stadji" tfisser rinnovazzjoni profonda mwettqa f'diversi stadji, skont il-passi stabbiliti f'passaport tar-rinnovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10;

🡻 2010/31/UE (adattata)

2110. "rinnovazzjoni maġġuri" tfisser rinnovazzjoni ta' binja meta:

(a) il-kost totali għar-rinovazzjoni marbuta mal-involukru tal-bini jew is-sistemi tekniċi użati fil-bini tkun ogħla minn 25 % tal-valur tal-bini, eskluż il-valur tal-art li fuqha qiegħed il-bini; ~~jew~~

(b) aktar minn 25 % tal-erja tal-uċuħ tal-involukru tal-bini tkun rinnovata.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw il-possibbiltà (a) jew (b);

⇩ ġdid

22. “emissjonijiet operattivi tal-gassijiet serra” tfisser l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-konsum tal-enerġija tas-sistemi tekniċi tal-bini matul l-użu u t-tħaddim tal-bini;

23. “emissjonijiet ta’ gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu” tfisser l-emissjonijiet ikkombinati ta’ gassijiet serra assoċjati mal-bini fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, mill-“benniena” (l-estrazzjoni tal-materja prima li tintuża fil-kostruzzjoni tal-bini) matul il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-materjal, u l-istadju tat-tħaddim tal-bini, sal-”qabar” (id-dekostruzzjoni tal-bini u l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, irkupru ieħor u r-rimi tal-materjali tiegħu);

24. “Potenzjal ta’ Tisħin Globali (GWP) taċ-ċiklu tal-ħajja” tfisser indikatur li jikkwantifika l-kontribuzzjonijiet potenzjali ta’ tisħin globali ta’ bini tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu;

25. “inċentivi opposti” tfisser inċentivi maqsuma kif definiti fl-Artikolu 2(52) ta’ [EED riformulata];

26. “faqar enerġetiku” tfisser faqar enerġetiku kif definit fl-Artikolu 2(49) ta’ [EED riformulata];

27. “unitajiet domestiċi vulnerabbli” tfisser unitajiet domestiċi f’faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi, inklużi dawk b’introjtu medju baxx, li huma partikolarment esposti għal kostijiet għoljin tal-enerġija u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinnovaw il-bini li jokkupaw;

🡻 2010/31/UE (adattat)

2811. “standard Ewropew” tfisser standard adottat mill-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni, il-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni Elettroteknika jew l-Istitut Ewropew dwar l-Istandards tat-Telekomunikazzjoni, u magħmul disponibbli għall-użu pubbliku;

2912. “ċertifikat dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija” tfisser ċertifikat rikonoxxut minn Stat Membru jew minn persuna ġuridika magħżula minnu, li jindika r-rendiment ta’ bini jew ta’ unità ta’ bini fl-użu tal-enerġija, kkalkolata skont metodoloġija adottata skont l-Artikolu 43;

3013. “koġenerazzjoni” tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta’ enerġija termika u enerġija elettrika u/jew mekkanika;

3114. “livell kostottimali” tfisser il-livell tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jwassal għall-anqas spiża tul iċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika tal-bini, fejn:

(a) l-anqas spejjeż jiġu ddeterminati billi jittieħed kont:

⇩ ġdid

i) tal-kategorija u l-użu tal-bini kkonċernat:

🡻 2010/31/UE
⇨ ġdid

ii) tal-ispejjeż relatati mal-investiment fuq l-enerġija⇨ abbażi tat-tbassir uffiċjali ⇦ ;,

iii) tal-ispejjeż tal-manutenzjoni u tal-operat , (inklużi l-ispejjeż u l-iffrankar tal-enerġija ⇨ b'kont meħud tal-kost tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra; ⇦

⇩ ġdid

iv) tal-esternalitajiet ambjentali u tas-saħħa tal-użu tal-enerġija;

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

v) il-kategorija tal-bini kkonċernat, tal-qligħ mill-enerġija prodotta) ⇨ fuq il-post ⇦ , fejn applikabbli;,

vi) u spejjeż tar-rimi ⇨ tal-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart⇦ costs, fejn applikabbli; u

(b) iċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika għandu jiġi ddeterminat minn kull Stat Membru. Dan ⌦ u ⌫ jirreferi għall-bqija taċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika ta' bini fejn ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jkunu stabbiliti għall-bini kollu, jew għaċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika mistenni ta' element tal-bini fejn ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija huma stabbiliti għall-elementi tal-bini.

Il-livell kostottimali għandu jkun fil-firxa ta' livelli li joħorġu mir-rendiment meta l-analiżi tal-kostbenefiċċju kkalkolat matul iċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika jirriżulta pożittiv;

⇩ ġdid

32. "punt tal-irriċarġjar" tfisser punt tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2(41) ta' [AFIR];

33. "sistema iżolata mikro" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' anqas minn 500 GWh fis-sena 2022, fejn ma jkun hemm l-ebda konnessjoni ma' sistemi oħra;

34. "iċċarġjar intelliġenti" tfisser iċċarġjar intelliġenti kif definit fl-Artikolu 2(14 l) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata];

35. "iċċarġjar bidirezzjonali" tfisser iċċarġjar bidirezzjonali kif definit fl-Artikolu 2(14n) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata];

36. "standards tal-portafoll ipotekarju" tfisser mekkaniżmi li jinċentivaw lis-selliefa ipotekarji biex iżidu r-rendiment enerġetiku medjan tal-portafoll ta' bini kopert mill-ipoteki tagħhom u biex jinkoraġġixxu lill-klijenti potenzjali biex jagħmlu l-proprjetà tagħhom aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija skont l-ambizzjoni ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u l-miri tal-enerġija rilevanti fil-qasam tal-konsum tal-enerġija fil-bini, abbażi tad-definizzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi sostenibbli fit-Tassonomija tal-UE;

37. “reġistru diġitali tal-bini” tfisser repożitorju komuni għad-*data* rilevanti kollha dwar il-bini, inkluża *data* relatata mar-rendiment fl-użu tal-enerġija bħaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, il-passaporti ta’ rinnovazzjoni u l-indikaturi tal-potenzjal ta’ intelliġenza, li jiffaċilita t-teħid ta’ deċiżjonijiet infurmati u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, fost is-sidien u l-okkupanti tal-bini, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet pubbliċi;

🡻 2010/31/UE

3815. “sistema ta’ arja kkondizzjonata” tfisser numru ta’ komponenti magħqudin li jkunu meħtieġa biex tkun ipprovduta forma ta’ trattament tal-arja interna, li permezz tagħhom it-temperatura hija kkontrollata jew tista’ titbaxxa;

🡻 2018/844 Art. 1.1(c)
⇨ ġdid

3915 a. “sistema tat-tisħin” tfisser taħlita tal-komponenti meħtieġa biex tkun ipprovduta forma ta’ trattament tal-arja interna, li permezz tagħha tiżdied it-temperatura;

4015b. ‘ġeneratur tas-sħana’ tfisser il-parti ta’ sistema tat-tisħin li tiġġenera sħana utli ⇨ għall-użi identifikati fl-Anness I, ⇦bl-użu ta’ wieħed jew aktar mill-proċessi li ġejjin:

(a) il-kombustjoni ta’ fjuwils, pereżempju, f’bojler;

(b) l-effett Joule, li jseħħ fl-elementi tat-tisħin ta’ sistema tat-tisħin b’reżistenza elettrika;

(c) il-ġbir ta’ sħana mill-arja ambjentali, mill-arja tal-egżost tal-ventilazzjoni, jew mill-ilma jew minn sors ta’ sħana ta’ taħt l-art bl-użu ta’ pompa tas-sħana;

4115c. “kuntratt għar-rendiment tal-enerġija” tfisser kuntratt għar-rendiment tal-enerġija kif definit fil-punt (27) fil-punt (29) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) …/… [id-Direttiva dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija riformolata]tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54];

🡻 2010/31/UE

4216. “bojler” tfisser il-qafas tal-bojler ikkumbinat mal-unità tal-ħruq li ġew iddisinjati biex flimkien jittrażmettu s-sħana li tinħoloq bil-ħruq u tiġi trażmessa fil-fluwidi;

4317. “saħħa effettiva” tfisser l-ogħla saħħa kalorifika, espress f’ kW speċifikata u ggarantita mill-manifattur bħala dik li toħroġ waqt tħaddim kontinwu b’konformita’ mal-effiċjenza utilizzabbli indikata mill-manifattur;

18. “pompa tas-sħana” tfisser magna, apparat jew installazzjoni li tittrasferixxi s-sħana minn ambjenti naturali bħall-arja, l-ilma jew l-art għal ġewwa l-bini jew applikazzjonijiet industrijali billi jreġġgħu lura l-fluss naturali tas-sħana b’mod li timxi minn temperatura aktar baxxa għal waħda aktar għolja. Għall-pompi tas-sħana

[54] Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

~~riversibbli, jistgħu wkoll imexxu s-sħana mill-bini għall-ambjent naturali tal-madwar;~~

44~~19~~. "tisħin distrettwali" jew "tkessiħ distrettwali" tfisser id-distribuzzjoni ta' enerġija termika f'forma ta' fwar, ilma sħun jew likwidi mkessħin, minn sors ta' produzzjoni ċentrali permezz ta' network lill-bini jew siti multipli, għall-użu ta' tisħin jew tkessiħ ta' spazju jew proċess;

---

⇩ ġdid

45. "erja utli tal-art" tfisser l-erja tal-art ta' bini meħtieġa bħala parametru biex jiġu kkwantifikati l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu li huma espressi għal kull unità tal-erja tal-art u għall-applikazzjoni tas-simplifikazzjonijiet u r-regoli tat-tqassim f'żoni u tar-riallokazzjoni;

46. "erja tal-art ta' referenza" tfisser l-erja tal-art użata bħala daqs ta' referenza għall-valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini, ikkalkulata bħala s-somma tal-erjas utli tal-art tal-ispazji fl-involukru tal-bini speċifikat għall-valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

47. "konfini tal-valutazzjoni" tfisser il-konfini fejn titkejjel jew tiġi kkalkulata l-enerġija kkonsenjata u esportata;

48. "fuq il-post" tfisser il-proprjetà u l-art li fuqha jinsab il-bini u l-bini nnifsu;

49. "enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta fil-qrib" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta f'perimetru fil-livell lokali jew distrettwali tal-bini vvalutat, li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tista' titqassam u tintuża biss f'dak il-perimetru fil-livell lokali u distrettwali permezz ta' netwerk ta' distribuzzjoni ddedikat;

(b) tippermetti l-kalkolu ta' fattur speċifiku tal-enerġija primarja validu biss għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta f'dak il-perimetru fil-livell lokali jew distrettwali; u

(c) tista' tintuża fuq il-post tal-bini vvalutat permezz ta' konnessjoni ddedikata mas-sors tal-produzzjoni tal-enerġija, u l-konnessjoni ddedikata tirrikjedi tagħmir speċifiku għall-provvista sikura u l-metraġġ tal-enerġija għall-użu proprju tal-bini vvalutat;

50. "servizzi tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (EPB)" tfisser is-servizzi, bħat-tisħin, it-tkessiħ, il-ventilazzjoni, l-ilma sħun domestiku u d-dawl u oħrajn li għalihom l-użu tal-enerġija jitqies fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija;

51. "ħtiġijiet tal-enerġija" tfisser l-enerġija li trid titwassal lil, jew tiġi estratta minn, spazju kkundizzjonat biex jinżammu l-kundizzjonijiet tal-ispazju maħsuba matul perjodu ta' żmien partikolari mingħajr ma jitqiesu l-ineffiċjenzi ta' kwalunkwe sistema teknika użata fil-bini;

52. "użu tal-enerġija" tfisser input tal-enerġija għal sistema teknika użata fil-bini li tipprovdi servizz EPBP maħsub biex jissodisfa ħtieġa ta' enerġija;

53. "użu proprju" tfisser parti minn enerġija rinnovabbli prodotta fuq il-post jew fil-qrib użata minn sistemi tekniċi fuq il-post għal servizzi EPB;

54. “użi oħra fuq il-post” tfisser enerġija użata fuq il-post għal użi għajr servizzi EPB, u tista’ tinkludi tagħmir, tagħbijiet mixxellanji u anċillari jew punti tal-irriċarġjar tal-elettromobbiltà;

55. “intervall tal-kalkolu” tfisser l-intervall ta’ ħin diskret użat għall-kalkolu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

56. “enerġija fornuta” tfisser enerġija, espressa għal kull vettur tal-enerġija, fornuta lis-sistemi tekniċi tal-bini permezz tal-konfini tal-valutazzjoni, biex tissodisfa l-użi meqjusa jew biex tipproduċi l-enerġija esportata;

57. “enerġija esportata” tfisser, espressa għal kull vettur tal-enerġija u għal kull fattur tal-enerġija primarja, il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli li tiġi esportata lejn il-grilja tal-enerġija minflok ma tintuża fuq il-post għall-użu proprju jew għal użi oħra fuq il-post.

---

🡻 2018/844 Art. 1.1(d)

~~20.~~ ~~“sistema iżolata mikro” tfisser sistema iżolata mikro kif definit fil-punt 27 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55].~~

---

🡻 2018/844 Art. 1.2 (adattat)

*Artikolu 32~~a~~*

**⌦ Pjan nazzjonali ta’ rinnovazzjoni tal-bini ⌫ ~~Strateġija ta’ rinnovazzjoni fit-tul~~**

---

🡻 2018/1999 Art. 53.1(a)
⇨ ġdid

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ~~strateġija ta’ rinnovazzjoni fit-tul~~ ⇨ pjan nazzjonali ta’ rinnovazzjoni tal-bini ⇦ ~~b’appoġġ għar-~~ ⇨ biex jiżgura r- ⇦rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta’ bini residenzjali u bini mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, fi stokk ta’ bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, ~~biex hekk tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-~~ ⇨ bl-objettiv tat-trasformazzjoni tal- ⇦bini eżistenti f’bini ⇨ b’emissjonijiet żero ⇦ ~~b’użu ta’ enerġija qrib iż-żero~~.

Kull ~~strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għandha tinkludi~~ ⇨ pjan ta’ rinnovazzjoni tal-bini għandu jinkludi⇦:

---

🡻 2018/844 Art. 1.2
⇨ ġdid

(a) ħarsa ġenerali tal-istokk tal-bini nazzjonali ⇨ għal tipi ta’ bini, perjodu ta’ kostruzzjoni u żoni klimatiċi differenti ⇦ , abbażi, skont il-każ, ta’ teħid ta’ kampjuni statistiċi u ~~s-sehem mistenni ta’ bini rinnovat fl-2020;~~ ⇨ l-bażi tad-*data* nazzjonali għaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 19, ħarsa

---

[55] ~~Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).~~

ġenerali lejn l-ostakli tas-suq u l-fallimenti tas-suq u ħarsa ġenerali lejn il-kapaċitajiet fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli ⇦ ;

~~(b) l-identifikazzjoni ta' approċċi kosteffettivi għar-rinnovazzjonijiet rilevanti għat-tip tal-bini u ż-żona klimatika, b'konsiderazzjoni tal-punti ta' attivazzjoni rilevanti potenzjali, fejn applikabbli, fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini;~~

~~(c) politiki u azzjonijiet biex ikunu stimulati rinnovazzjonijiet profondi kosteffettivi tal-bini, inkluża rinnovazzjoni profonda fi stadji, u biex ikunu appoġġati miżuri u rinnovazzjonijiet immirati kosteffettivi, pereżempju billi tiġi introdotta skema fakultattiva għall-passaporti ta' rinnovazzjoni tal-bini;~~

~~(d) ħarsa ġenerali tal-politiki u l-azzjonijiet li jimmiraw is-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-agħar rendiment, dilemmi ta' inċentivi opposti u fallimenti tas-suq, u deskrizzjoni tal-azzjonijiet nazzjonali rilevanti li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku;~~

~~(e) politiki u azzjonijiet li jolqtu l-bini pubbliku kollu;~~

~~(f) ħarsa ġenerali tal-inizjattivi nazzjonali għall-promozzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti u bini u komunitajiet konnessi sew, kif ukoll kompetenzi u edukazzjoni fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u~~

~~(g) stima bbażata fuq l-evidenza tal-iffrankar tal-enerġija u l-benefiċċji usa' mistennija, bħal dawk relatati mas-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità tal-arja.~~

---

⇩ ġdid

(b) pjan direzzjonali b'miri stabbiliti fil-livell nazzjonali u indikaturi tal-progress li jistgħu jitkejlu, favur l-għan tan-newtralità klimatika għall-2050, biex ikun żgurat stokk tal-bini nazzjonali effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat u t-trasformazzjoni tal-bini eżistenti f'bini b'emissjonijiet żero sal-2050;

(c) ħarsa ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri implimentati u ppjanati, li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali skont il-punt (b); u

(d) deskrizzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini, is-sorsi u l-miżuri ta' finanzjament, u r-riżorsi amministrattivi għar-rinnovazzjoni tal-bini.

Il-pjan direzzjonali msemmi fil-punt (b) għandu jinkludi miri nazzjonali għall-2030, l-2040 u l-2050 fir-rigward tar-rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-enerġija, il-konsum tal-enerġija primarja u finali tal-istokk tal-bini nazzjonali u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra operattivi tiegħu; skedi ta' żmien speċifiċi għall-bini biex jinkisbu klassijiet ta' rendiment fl-użu tal-enerġija ogħla minn dawk skont l-Artikolu 9(1), sal-2040 u l-2050, f'konformità mal-perkors għat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali f'bini b'emissjonijiet żero; stima bbażata fuq l-evidenza tal-iffrankar tal-enerġija u l-benefiċċji usa' mistennija; u stimi għall-kontribut tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini biex tintlaħaq il-mira nazzjonali vinkolanti tal-Istat Membru għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont ir-Regolament (UE).../... [ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi rivedut], il-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva (UE).../.... [EED riformulata], il-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli, inkluża l-mira indikattiva għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata], u l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050 f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119.

2. Kull ħames snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni l-abbozz tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu, bl-użu tal-mudell fl-Anness II. Kull Stat Membri għandu jibgħat l-abbozz tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu bħala parti mill-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u, meta l-Istati Membri jippreżentaw abbozz ta' aġġornament, l-abbozz tal-aġġornament tiegħu msemmi fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament. B'deroga mill-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 14(1) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel abbozz tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2024.

---

| |
|---|
| 🡻 2018/844 Art. 1.2 |
| ⇨ ġdid |

~~2. Fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu, kul Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan direzzjonali b'miżuri u indikaturi tal-progress li jistgħu jitkejlu stabbiliti domestikament, bil-ħsieb tal-għan fit-tul għall-2050 li l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-Unjoni jitnaqqsu bi 80-95 % meta mqabbel mal-1990, sabiex ikun żgurat stokk tal-bini nazzjonali effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat u sabiex tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero. Il-pjan direzzjonali għandu jinkludi stadji importanti indikattivi għall-2030, l-2040 u l-2050, u jispeċifika kif dawn ser jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE.~~

~~3. Biex jappoġġaw il-mobilizzazzjoni ta' investimenti fir-rinnovazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għal mekkaniżmi adatti għal:~~

~~(a) l-aggregazzjoni ta' proġetti, inkluż permezz ta' pjattaformi jew gruppi ta' investiment, u ta' konsorzji ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex l-investituri jkollhom aċċess kif ukoll pakketti ta' soluzzjonijiet għal klijenti potenzjali;~~

~~(b) it-tnaqqis tar-riskju perċepit ta' operazzjonijiet ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-investituri u għas-settur privat;~~

~~(c) l-użu ta' finanzjament pubbliku biex jinkiseb investiment addizzjonali mis-settur privat jew ikunu indirizzati fallimenti speċifiċi tas-suq;~~

~~(d) l-iggwidar tal-investimenti fi stokk tal-bini pubbliku effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'konformità mal-gwida tal-Eurostat; u~~

~~(e) għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti, bħal punti uniċi ta' servizz għall-konsumaturi u servizzi konsultattivi dwar l-enerġija, dwar rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija rilevanti u strumenti ta' finanzjament.~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tqassam, tal-inqas lill-awtoritajiet pubbliċi, l-aħjar prattiki dwar skemi ta' finanzjament pubbliċi u privati ta' suċċess għal rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll informazzjoni dwar skemi għall-aggregazzjoni ta' proġetti fuq skala żgħira ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tidentifika u xxerred l-aħjar prattiki dwar inċentivi finanzjarji għal rinnovazzjoni mill-perspettiva tal-konsumatur b'kont meħud ta' differenzi fil-kosteffiċjenza bejn l-Istati Membri.~~

3~~5~~. Biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-~~istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul~~ ⇨ pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini ⇦ tiegħu, kull Stat Membru għandu jwettaq konsultazzjoni pubblika dwar ⇨ l-abbozz tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu⇦ ~~l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-~~

~~tul tiegħu~~ qabel ma jippreżentah lill-Kummissjoni.⇨ Il-konsultazzjoni pubblika għandha tinvolvi b'mod partikolari lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u sħab soċjoekonomiċi oħra, inklużi s-soċjetà ċivili u l-korpi li jaħdmu ma' unitajiet domestiċi vulnerabbli. ⇦ Kull Stat Membru għandu jannessa sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tiegħu ~~għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul~~ ⇨għall-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini ⇦tiegħu.

~~Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-modalitajiet għall-konsultazzjoni b'mod inklużiv tul l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu.~~

---

⇩ ġdid

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini, b'mod partikolari:

(a) jekk il-livell ta' ambizzjoni tal-miri stabbiliti fil-livell nazzjonali huwiex suffiċjenti u konformi mal-impenji nazzjonali dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima;

(b) jekk il-politiki u l-miżuri humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri nazzjonali stabbiliti;

(c) jekk l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji u amministrattivi hijiex biżżejjed għall-implimentazzjoni tal-pjan;

(d) jekk il-konsultazzjoni pubblika skont il-paragrafu 3 kinitx inklużiva biżżejjed; u

(e) jekk il-pjanijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 u mal-mudell fl-Anness II.

Wara li tikkonsulta lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 30, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 9(2) u mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Fir-rigward tal-ewwel abbozz tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-Istat Membru jkun ippreżenta dak il-pjan.

5. Kull Stat Membru għandu jqis kif xieraq kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni fil-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini finali tiegħu. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni lill-Kummissjoni u jippubblika r-raġunijiet tiegħu.

6. Kull ħames snin, kull Stat Membru għandu jippreżenta l-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu, bl-użu tal-mudell fl-Anness II. Kull Stat Membru għandu jippreżenta l-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u, meta l-Istati Membri jippreżentaw aġġornament, l-aġġornament tiegħu msemmi fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament. B'deroga mill-Artikolu 3(1) u mill-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2025.

| ➔ 2018/844 Art. 1.2 |
|---|
| ⇨ ġdid |

~~7~~6. Kull Stat Membru għandu jannessa d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul ⇨ jew il-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini ⇦ l-aktar riċenti tiegħu ⇨ mal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini finali li jmiss ⇦ ~~għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu, inkluż dwar il-politiki u l-azzjonijiet ippjanati~~. ⇨Kull Stat Membru għandu jiddikjara jekk intlaħqux il-miri nazzjonali tiegħu.⇦

| ⇩ ġdid |
|---|

8. Kull Stat Membru għandu jinkludi fir-rapporti nazzjonali integrati tiegħu ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, f'konformità mal-Artikoli 17 u 21 tar-Regolament (UE) 2018/1999, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu u l-kontribut tal-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini għall-ksib tal-mira nazzjonali vinkolanti tal-Istat Membru għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont ir-Regolament (UE).../... [ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi rivedut], il-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva (UE).../... [EED riformulata], il-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli, inkluża l-mira indikattiva għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata], u l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050 f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119.

| ➔ 2018/844 Art. 1.2 |
|---|

~~7. Kull Stat Membru jista' juża l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu biex jindirizzaw is-sikurezza kontra n-nirien u r-riskji relatati ma' attività sismika qawwija li jaffettwaw r-rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza tal-enerġija u t-tul tal-ħajja tal-bini.~~

| ➔ 2018/1999 Art. 53.1(b) |
|---|

~~8. L-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' kull Stat Membru għandha tintbagħat lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima finali tagħha, imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56]. B'deroga mill-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament, l-ewwel strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni sal-10 ta' Marzu 2020.~~

[56] ~~Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).~~

| |
|---|
| 🡻 2010/31/UE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 4~~3~~*

**Adozzjoni ta' metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija**

L-Istati Membri għandhom japplikaw metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija skont il-qafas ġenerali komuni speċifikat fl-Anness I.

~~Din~~ ⌦ Dik ⌫ il-metodoloġija għandha tiġi adottata fuq livell nazzjonali jew reġjonali.

*Artikolu 5~~4~~*

**Iffissar tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li r-rekwiżiti minimi tar-rendiment ta' bini jew ta' unitajiet ta' bini fl-użu tal-enerġija, jiġu ffissati bil-għan li ⇨ mill-inqas ⇦ jinkisbu livelli kostottimali. Ir-rendiment fl-użu tal-enerġija għandha tiġi kkalkolata skont il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 4~~3~~. Il-livelli kostottimali għandhom jiġu kkalkolati skont il-qafas ta' metodoloġija komparattiva msemmi fl-Artikolu 6~~5~~ ~~ladarba din il-metodoloġija tkun stabbilita~~.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jiġu ffissati għall-elementi tal-bini li jiffurmaw parti mill-involukru tal-bini u li għandhom impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-involkru tal-bini fl-użu tal-enerġija meta jiġu mibdula jew rinnovati, bil-ħsieb li ⇨ mill-inqas ⇦ jinkisbu livelli kostottimali.

Meta jiffissaw ir-rekwiżiti, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn kategoriji ta' bini ġdid u bini eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini.

~~Dawn~~ ⌦ Dawk ⌫ ir-rekwiżiti għandhom jieħdu kont tal-kondizzjonijiet klimatiċi interni, biex jiġu evitati effetti negattivi possibbli bħal ventilazzjoni mhux adegwata, kif ukoll il-kondizzjonijiet lokali u l-funzjoni mogħtija u l-età tal-bini.

~~Stat Membru m'għandux ikun rikjest jiffissa rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, li mhumiex kost-effettivi matul iċ-ċiklu skont kif stmat tal-ħajja ekonomika.~~

⌦ L-Istati Membri għandhom jirrevedu ⌫ ~~I~~r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ~~għandhom jiġu riveduti~~ f'intervalli regolari li m' għandhomx ikunu itwal minn ħames snin u ⌦ għandhom ⌫ , jekk ikun hemm bżonn, ~~għandhom jiġu aġġornati~~ ⌦ jaġġornawhom ⌫ biex jirriflettu progress tekniku fil-qasam tal-bini ⇨ , ir-riżultati tal-kalkolu kostottimali stabbilit fl-Artikolu 6, u l-miri u l-politiki nazzjonali aġġornati dwar l-enerġija u l-klima. ⇦ .

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jadattaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għal bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu, sa fejn il-konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jbiddlu b'mod inaċċettabbli l-karattru jew id-dehra tiegħu.

| ⬇ 2010/31/UE (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

32. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiffissawx jew li ma japplikawx ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għall-kategoriji tal-bini li ġejjin:

(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat jew minħabba l-mertu speċjali arkitettoniku jew storiku tiegħu, safejn il-konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma talterax b'mod inaċċettabli il-karattru jew l-apparenza tiegħu;

(ab) bini użat bħala postijiet ta' qima u għal attivitajiet reliġjużi;

(bc) bini temporanju b'perijodu ta' użu ta' sentejn jew anqas, siti industrijali, postijiet tax-xogħol u bini agrikolu mhux residenzjali b'domanda baxxa ta' enerġija u bini agrikolu mhux residenzjali li huma użati minn settur kopert minn ftehim settorjali dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija;

(cd) bini residenzjali li huwa użat jew maħsub biex jintuża jew għal inqas minn erba' xhur ta' matul is-sena jew, inkella, għal żmien limitat ta' kull sena u b'konsum ta' enerġija maħsub li jkun ta' inqas minn 25 % ta' dak li aktarx jirriżulta li kieku jintuża s-sena kollha;

(de) bini maqtugħ għalih b'erja totali ta' art utilizzabbli ta' anqas minn 50 $m^2$.

*Artikolu 65*

**Il-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. Il-Kummissjoni għandha ⌦ hija mogħtija s-setgħa ⌫permezz ta' ⌦ tadotta ⌫ atti delegati skont l-Artikoli 2923,, 24 u 25 sat-30 ta' Ġunju 2011,tistabbilixxi ⌦ li jikkonċernaw ⌫ qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment ta' bini u ta' elementi ta' bini fl-użu tal-enerġija. ⇨Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f'bini eżistenti li qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri u għal elementi ta' bini individwali.⇦

Il-qafas ta' metodoloġija komparattiva għandu jiġi stabbilit ⌦ stipulat ⌫skont l-Anness VIIIII u għandu jiddistingwi bejn bini ġdid u dak eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini.

2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija billi jużaw il-qafas ta' metodoloġija komparattiva stabbilit skont il-paragrafu 1 u parametri rilevanti, bħall-kondizzjonijiet klimatiċi u l-aċċessibbiltà prattika tal-infrastruttura tal-enerġija, u jqabblu r-riżultati ta' dan ⌦ dak ⌫il-kalkolu mar-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija li huma fis-seħħ.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* kollha mdaħħla u l-assunzjonijiet kollha użati għal dawn il-kalkoli u r-riżultati ta' dawk il-kalkoli. L-Istati Membri għandhom ⇨ jaġġornaw u ⇦jippreżentaw dawk ir-rapporti lill-Kummissjoni f'intervalli regolari, li ma għandhomx ikunu itwal minn ħames snin. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2012. ⇨L-ewwel rapport ibbażat fuq il-qafas tal-metodoloġija rivedut skont il-paragrafu 1 għandu jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2028.⇦

3. Jekk ir-riżultat tal-paragun li jsir f'konformità mal-paragrafu 2 juri li r-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija fis-seħħ huma ⇨ iktar minn 15% ⇦b'mod sinifikanti anqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija mill-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi ta' rendiment

fl-użu tal-enerġija, l-Istat Membru kkonċernat għandu ⇨ jinkludi fir-rapport ⇦ ~~jiġġustifika din id-differenza~~ ~~bil-miktub~~ lill-Kummissjoni ~~fir-rapport i~~ msemmi fil-paragrafu 2~~,~~ ~~akkumpanjat, sal-punt li d-differenza ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, bi~~ pjan li juri passi xierqa għar-rieżami ~~maħsuba biex inaqqsu b'mod sinifikanti id-differenza sar-reviżjoni li jmiss~~ tar-rekwiżiti ~~minimi~~ tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 5~~4~~(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-progress li intlaħaq mill-Istati Membri rigward il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

---

🡻 2018/844 Art. 1.3

*Artikolu 7~~6~~*

**Bini ġdid**

---

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mid-dati li ġejjin, il-bini l-ġdid ikun bini b'emissjonijiet żero f'konformità mal-Anness III:

(a) mill-1 ta' Jannar 2027, bini ġdid okkupat jew proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi; u

(b) mill-1 ta' Jannar 2030, il-bini l-ġdid kollu.

---

🡻 2018/844 Art. 1.3 (adattat)
⇨ ġdid

~~1.~~ ⇨ Sal-applikazzjoni tar-rekwiżiti skont l-ewwel subparagrafu, ⇦ L-Istati Membri għandhom ~~jieħdu l-miżuri meħtieġa biex~~ jiżguraw li l-bini ġdid ⌦ kollu ⌫ ⇨ jkun bini b'użu ta' kważi żero enerġija u li ⇦ jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija stipulati f'konformità mal-Artikolu 5~~5~~.

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Potenzjal ta' Tisħin Globali (GWP) taċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkulat skont l-Anness III u żvelat permezz taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini:

(a) mill-1 ta' Jannar 2027, għall-bini l-ġdid kollu b'erja tal-art utli akbar minn 2000 metru kwadru; u

(b) mill-1 ta' Jannar 2030, għall-bini l-ġdid kollu.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex tissupplimenta din id-Direttiva biex tadatta l-Anness III għall-progress teknoloġiku u għall-innovazzjoni, biex tistabbilixxi limiti massimi adattati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-Anness III għal bini rinnovat u biex tadatta l-limiti massimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal bini b'emissjonijiet żero.

4. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw, fir-rigward ta' bini ġdid, il-kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet klimatiċi interni tajbin għas-saħħa, l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sikurezza kontra n-nirien, ir-riskji relatati ma' attività siżmika intensa u l-aċċessibbiltà għal

persuni b'diżabilità. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw ukoll l-assorbimenti tal-karbonju assoċjati mal-ħżin tal-karbonju fil-bini jew fuqu.

---

🡻 2018/844 Art. 1.3

~~2.~~ ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma jibda l-bini ta' bini ġdid, titqies il-fattibbiltà teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, jekk din tkun disponibbli.~~

---

🡻 2010/31/UE (adattat)

*Artikolu 8~~7~~*

**Bini eżistenti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li meta xi bini jgħaddi minn rinovazzjoni maġġuri, ir-rendiment tal-bini jew tal-parti minnu rinnovata fl-użu tal-enerġija tiġi aġġornata biex tissodisfa r-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti skont l-Artikolu 5~~4~~ sa fejn ~~dan~~ ⌦ dak ⌫ ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament vijabbli.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu applikati għall-bini rinovat jew l-unità tal-bini li jiġi meqjus bħala ħaġa waħda. Addizzjonalment jew alternattivament, jistgħu jiġu applikati rekwiżiti għall-elementi rinovati tal-bini.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li meta element tal-bini li jifforma parti mill-involukru tal-bini u għandu impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-involkru tal-bini fl-użu tal-enerġija~~,~~ meta jkun ġie irranġat jew mibdul, ir-rendiment tal-element ta' bini fl-użu tal-enerġija tissodisfa r-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija sa fejn ~~dan~~ ⌦ dak ⌫ huwa teknikament, funzjonalment u eknomikament vijabbli.

~~L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw dawn ir-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 4.~~

---

🡻 2018/844 Art. 1.4 (adattat)
⇨ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom iħeġġu, fir-rigward ta' bini li jkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, sa fejn ~~dan~~ ⌦ dak ⌫ ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli. ⌦ L-Istati Membri ⌫~~, u~~ għandhom jindirizzaw ⌦ , f'rabta ma' bini li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, ⌫ il-kwistjonijiet ta' kondizzjonijiet klimatiċi interni tajbin għas-saħħa, ⇨ l-adattament għall-bidla fil-klima, ⇦ is-sikurezza kontra n-nirien~~,~~ ~~u~~ riskji relatati ma' attività siżmika qawwija ⇨ , it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi inklużi l-asbestos u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità ⇦ .

---

⇩ ġdid

*Artikolu 9*

**Standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li

(a) il-bini u l-unitajiet tal-bini li huma proprjetà ta' korpi pubbliċi jiksbu mhux aktar tard minn

(i) wara l-1 ta' Jannar 2027, mill-inqas il-klassi F tar-rendiment fl-użu tal-enerġija; u

(ii) wara l-1 ta' Jannar 2030, mill-inqas il-klassi E tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

(b) bini mhux residenzjali u unitajiet ta' bini, minbarra dawk li huma proprjetà ta' korpi pubbliċi, jiksbu mhux aktar tard minn

(i) wara l-1 ta' Jannar 2027, mill-inqas il-klassi F tar-rendiment fl-użu tal-enerġija; u

(ii) wara l-1 ta' Jannar 2030, mill-inqas il-klassi E tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

(c) il-bini residenzjali u l-unitajiet tal-bini jiksbu mhux aktar tard minn

(i) wara l-1 ta' Jannar 2030, mill-inqas il-klassi F tar-rendiment fl-użu tal-enerġija; u

(ii) wara l-1 ta' Jannar 2033, mill-inqas il-klassi E tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

Fil-pjan direzzjonali tagħhom imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skedi ta' żmien speċifiċi għall-bini msemmi f'dan il-paragrafu biex jinkisbu klassijiet ogħla ta' rendiment fl-użu tal-enerġija sal-2040 u l-2050, f'konformità mal-perkors għat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali f'bini b'emissjonijiet żero.

2. Minbarra l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti skont il-paragrafu 1, kull Stat Membru jista' jistabbilixxi standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għar-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti l-ieħor kollu.

Fejn stabbiliti, l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom jitfasslu fid-dawl tal-pjan direzzjonali nazzjonali u l-miri għall-2030, l-2040 u l-2050 li jinsabu fil-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tal-Istat Membru u għat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali f'bini b'emissjonijiet żero sal-2050.

3. F'konformità mal-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija bil-miżuri kollha li ġejjin:

(a) jiġu pprovduti miżuri finanzjarji xierqa, b'mod partikolari dawk immirati lejn unitajiet domestiċi vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku jew li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE).../.... [EED riformulata];

(b) l-għoti ta' assistenza teknika, inkluż permezz ta' punti uniċi ta' servizz;

(c) it-tfassil ta' skemi integrati ta' finanzjament;

(d) it-tneħħija ta' ostakli mhux ekonomiċi, inklużi inċentivi opposti; u

(e) il-monitoraġġ tal-impatti soċjali, b'mod partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli.

4. Meta bini jiġi rinnovat biex jikkonforma ma' standard minimu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti minimi tar-

rendiment fl-użu tal-enerġija għall-elementi tal-bini skont l-Artikolu 5, fil-każ ta' rinnovazzjoni maġġuri, mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini eżistenti skont l-Artikolu 8.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għall-kategoriji tal-bini li ġejjin:

(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu, safejn il-konformità mal-istandards tbiddel b'mod inaċċettabbli l-karattru jew l-apparenza tiegħu;

(b) bini użat bħala postijiet ta' qima u għal attivitajiet reliġjużi;

(c) bini temporanju b'perijodu ta' użu ta' sentejn jew anqas, siti industrijali, postijiet tax-xogħol u bini agrikolu mhux residenzjali b'domanda baxxa ta' enerġija u bini agrikolu mhux residenzjali li jintużaw minn settur kopert minn ftehim settorjali dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija;

(d) bini residenzjali li huwa użat jew maħsub biex jintuża jew għal inqas minn erba' xhur ta' matul is-sena jew, inkella, għal żmien limitat ta' kull sena u b'konsum ta' enerġija maħsub li jkun ta' inqas minn 25 % ta' dak li aktarx jirriżulta li kieku jintuża s-sena kollha;

(e) bini maqtugħ għalih b'erja totali ta' art utilizzabbli ta' anqas minn 50 m2.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi mekkaniżmi xierqa ta' monitoraġġ u penali f'konformità mal-Artikolu 31.

*Artikolu 10*

**Passaport ta' rinnovazzjoni**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 li jissupplimentaw din id-Direttiva billi jistabbilixxu qafas Ewropew komuni għall-passaporti ta' rinnovazzjoni, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom jintroduċu skema ta' passaporti ta' rinnovazzjoni bbażata fuq il-qafas komuni stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1.

3. Il-passaport ta' rinnovazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jinħareġ minn espert kwalifikat u ċċertifikat, wara żjara fuq il-post;

(b) għandu jinkludi pjan direzzjonali ta' rinnovazzjoni li jindika sekwenza ta' passi ta' rinnovazzjoni li jibnu fuq xulxin, bl-objettiv li l-bini jiġi ttrasformat f'bini b'emissjonijiet żero sa mhux aktar tard mill-2050;

(c) għandu jindika l-benefiċċji mistennija f'termini ta' ffrankar tal-enerġija, iffrankar fil-kontijiet tal-enerġija u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra operattivi kif ukoll il-benefiċċji usa' relatati mas-saħħa u mal-kumdità u l-kapaċità ta' adattament imtejba tal-bini għat-tibdil fil-klima; u

(d) għandu jkun fih informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju u tekniku potenzjali.

↓ 2018/844 Art. 1.5 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 11~~8~~*

**Sistemi tekniċi użati fil-bini~~, elettromobbiltà u indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza~~**

1. L-Istati Membri għandhom, bl-għan li jtejbu bl-aħjar mod l-użu tal-enerġija tas-sistemi tekniċi użati fil-bini, jiffissaw rekwiżiti tas-sistema fir-rigward tar-rendiment ġenerali fl-użu tal-enerġija, l-installazzjoni korretta, u d-dimensjonament, l-aġġustament u l-kontroll adattat tas-sistemi tekniċi tal-bini li huma installati fil-bini ⇨ ġdid jew ⇦eżistenti. ~~L-Istati Membri jistgħu ukoll japplikaw dawn ir-rekwiżiti tas-sistema għal bini ġdid.~~ ⇨Meta jistabbilixxu r-rekwiżiti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tad-disinn u l-kundizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji.⇦

Ir-rekwiżiti tas-sistema għandhom jiġu ffissati għal sistemi tekniċi użati fil-bini li jsiru mill-ġdid, jiġu sostitwiti u mtejba u għandhom jiġu applikati safejn ikunu teknikament, ekonomikament u funzjonalment vijabbli.

---

⇩ ġdid

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ġeneraturi tas-sħana, jew mat-tip ta' karburant użat minnhom, dment li tali rekwiżiti ma jikkostitwixxux ostaklu għas-suq mhux ġustifikabbli.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li jistabbilixxu għas-sistemi tekniċi użati fil-bini jilħqu mill-inqas l-aħħar livelli kostottimali.

---

↓ 2018/844 Art. 1.5

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li bini ġdid, fejn teknikament u ekonomikament fattibbli, għandu jkun mgħammar b'apparati awtoregolatorji li jirregolaw separatament it-temperatura f'kull kamra jew, fejn iġġustifikat, f'żona partikolari tal-unità tal-bini li tkun imsaħħna. F'bini eżistenti, l-installazzjoni ta' tali apparati awtoregolatorji għandha tkun meħtieġa meta jiġu sostitwiti ġeneraturi tas-sħana, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

---

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bini b'emissjonijiet żero jkun mgħammar b'apparat ta' kejl u kontroll għall-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni tal-kwalità tal-arja interna. F'bini eżistenti, l-installazzjoni ta' tali apparati għandha tkun meħtieġa, fejn teknikament u ekonomikament fattibbli, meta bini tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi installata sistema teknika użata fil-bini, jiġi vvalutat ir-rendiment ġenerali fl-użu tal-enerġija tal-parti mibdula, u fejn rilevanti, tas-sistema kompluta mibdula. Ir-riżultati għandhom jiġu dokumentati u mgħoddija lil sid il-binja biex jibqgħu disponibbli u jkunu jistgħu jintużaw għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont il-paragrafu 1 u għall-ħruġ ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

↓ 2018/844 Art. 1.5 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 12*

**⌦ Infrastruttura għal mobilità sostenibbli ⌫**

12. Fir-rigward ta' bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, b'aktar minn għaxar ⇨ ħames ⇦ spazji tal-parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:

(a) l-installazzjoni ta' mill-inqas punt tal-irriċarġjar wieħed skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57];

⇩ ġdid

(b) l-installazzjoni ta' kablaġġ mgħoddi minn qabel għal kull spazju ta' parkeġġ li jippermetti l-installazzjoni fi stadju aktar tard ta' punti tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi; u

(c) mill-inqas spazju wieħed għall-parkeġġ għar-roti għal kull spazju għall-parkeġġ tal-karozzi;

↓ 2018/844 Art. 1.5 (adattat)

u infrastruttura ta' kanali, jiġifieri, kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, għal mill-inqas wieħed minn kull ħames spazji tal-parkeġġ, biex hekk tkun possibbli l-installazzjoni fi stadju aktar tard ta' punti tal-irriċarġjar għal vetturi elettriċi fejn: (a) il-parkeġġ jinsab ġewwa l-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-bini,; jew (b) il-parkeġġ jinsab fiżikament maġenb il-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-parkeġġ.

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kablaġġ mgħoddi minn qabel ikun dimensjonat biex jippermetti l-użu simultanju tal-għadd mistenni ta' punti tal-irriċarġjar.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għal bini ġdid ta' uffiċċji u bini ta' uffiċċji li tkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, b'aktar minn ħames spazji ta' parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-installazzjoni ta' mill-inqas punt tal-irriċarġjar wieħed għal kull żewġ spazji ta' parkeġġ.

[57] Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

| 🡣 2018/844 Art. 1.5 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2023 dwar il-kontribut potenzjali ta' politika tal-Unjoni tal-bini fil-promozzjoni tal-elettromobbiltà u għandha, jekk opportun, tipproponi miżuri f'dak ir-rigward.

23. ⌦ Fir-rigward ta' ⌫ L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-irriċarġjar għall- bini mhux residenzjali kollu b'aktar minn għoxrin spazju tal-parkeġġ, sal-1 ta' Jannar 2025 ⇨ l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-installazzjoni ta' mill-inqas punt wieħed tal-irriċarġjar għal kull għaxar spazji tal-parkeġġ, u mill-inqas spazju wieħed tal-parkeġġ għar-roti għal kull spazju wieħed tal-parkeġġ għall-karozzi, sal-1 ta' Jannar 2027. Fil-każ ta' bini li jkun proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jew okkupat minnhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kablaġġ mgħoddi minn qabel għal mill-inqas wieħed minn kull żewġ spazji ta' parkeġġ sal-1 ta' Jannar 2033.⇦

| ⇩ ġdid |
|---|

3. L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw ir-rekwiżiti għan-numru ta' spazji għall-parkeġġ tar-roti skont il-paragrafi 1 u 2 għal kategoriji speċifiċi ta' bini mhux residenzjali fejn ir-roti tipikament jintużaw inqas bħala mezz ta' trasport.

| 🡣 2018/844 Art. 1.5 ⇨ ġdid |
|---|

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistipulawx jew ma japplikawx ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għal bini li jkun proprjetà ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew okkupat minnhom kif iddefinit fit-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[58].

45. Fir-rigward ta' bini residenzjali ġdid u bini residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, b'aktar minn għaxar ⇨ tliet ⇦spazji tal-parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:

(a) l-installazzjoni tal-infrastruttura ta' kanali, jiġifieri l-kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, ⇨ kablaġġ mgħoddi minn qabel ⇦ għal kull spazju tal-parkeġġ biex fi stadju aktar tard tkun tista' ssir l-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar għal vetturi elettriċi ;, ⇨ u ⇦

| ⇩ ġdid |
|---|

(b) mill-inqas żewġ spazji għall-parkeġġ tar-roti għal kull abitazzjoni.

| 🡣 2018/844 Art. 1.5 (adattat) |
|---|

fejn:. (a) il-parkeġġ jinsab ġewwa l-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-bini;, jew (b) il-parkeġġ

[58] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

jinsab fiżikament maġenb il-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-parkeġġ.

---

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kablaġġ mgħoddi minn qabel ikun dimensjonat biex jippermetti l-użu simultanju tal-punti tal-irriċarġjar fl-ispazji kollha tal-parkeġġ. Fejn, fil-każ ta' rinnovazzjoni maġġuri, l-iżgurar ta' żewġ spazji għall-parkeġġ tar-roti għal kull abitazzjoni ma jkunx fattibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-ammont xieraq ta' spazji għall-parkeġġ għar-roti.

---

🡻 2018/844 Art. 1.5
⇨ ġdid

5~~6~~. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1~~2~~, 2~~3~~ and 4~~5~~ għal kategoriji speċifiċi ta' bini fejn~~: (a) fir-rigward tal-paragrafi 2 u 5, l-applikazzjonijiet għal permessi ta' bini jew l-applikazzjonijiet ekwivalenti ġew ippreżentati sal-10 ta' Marzu 2021; (b) l-infrastruttura ta' kanali~~ il-kablaġġ mgħoddi minn qabel meħtieġ ~~a tkun ser titqabbad ma'~~ iserraħ fuq sistemi mikro iżolati jew il-bini jkun jinsab fir-reġjuni ultraperifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 TFUE jekk dan ikun iwassal għal problemi sostanzjali għat-tħaddim tas-sistema tal-enerġija lokali u jkun iqiegħed f'periklu l-istabbiltà tal-grilja lokali;

~~(c)~~ ~~l-ispiża tal-irriċarġjar u tal-installazzjonijiet ta' kanali taqbeż 7 % tal-ispiża totali tar-rinnovazzjoni maġġuri tal-bini;~~

~~(d)~~ ~~bini pubbliku huwa diġà kopert b'rekwiżiti komparabbli f'konformità mat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE.~~

---

⇩ ġdid

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti tal-iċċarġjar imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 ikunu kapaċi jagħmlu ċċarġjar intelliġenti u, fejn xieraq, iċċarġjar bidirezzjonali, u li jitħaddmu abbażi ta' protokolli u standards ta' komunikazzjoni nonproprjetarji u nondiskriminatorji, b'mod interoperabbli, u f'konformità ma' kull standard u protokoll legali fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 19(6) u l-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE).../... [AFIR].

7. L-Istati Membri għandhom iħeġġu li l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar mhux aċċessibbli għall-pubbliku joperawhom f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE).../... [AFIR], fejn applikabbli.

---

🡻 2018/844 Art. 1.5 (adattat)
⇨ ġdid

8~~7~~. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri għas-simplifikazzjoni tal-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali, ġdid jew diġà eżistenti, u ~~jindirizzaw~~ ⌦ jneħħu ⌫ ostakli regolatorji ~~possibbli~~, inkluż fir-rigward tal-proċeduri tal-għoti ta' permessi u approvazzjoni, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istati Membri dwar il-proprjetà u l-kera. ⇨L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali bi spazji ta' parkeġġ, b'mod partikolari l-ħtieġa li jinkiseb

kunsens mingħand sid il-kera jew il-kosidien għal punt tal-irriċarġjar privat għall-użu proprju.⇦

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' assistenza teknika għas-sidien u għall-inkwilini tal-bini li jixtiequ jinstallaw punti tal-irriċarġjar.

🡻 2018/844 Art. 1.5 (adattat)
⇨ ġdid

98. L-Istati Membri għandhom ~~jikkunsidraw il-ħtieġa għal politiki koerenti~~ ⇨ jiżguraw il-koerenza tal-politiki ⇦għall-bini, il-mobbiltà ratba u ekoloġika u l-ippjanar urban.

~~9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tkun installata, sostitwita jew imtejba sistema teknika tal-bini, għandu jkun ivvalutat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ġenerali tal-parti mibdula, u fejn rilevanti, tas-sistema mibdula kollha. Ir-riżultati għandhom jiġu ddokumentati u mgħoddija lis-sid tal-bini, sabiex jibqgħu disponibbli u jkunu jistgħu jintużaw għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ħruġ ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jirrikjedux il-ħruġ ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ġdid.~~

*Artikolu 13*

**⌦ Stat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti ⌫**

110. Il-Kummissjoni għandha~~, sal-31 ta' Diċembru 2019,~~ tadotta att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 2923~~,~~ ~~, li jissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi~~ ⌦ dwar ⌫ skema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti. Il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' bini jew ta' unità ta' bini li jadattaw l-operat tagħhom għall-ħtiġijiet tal-okkupant u tal-grilja u li jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rendiment ġenerali tagħhom.

F'konformità mal-Anness IV~~Ia~~, l-iskema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti għandha ⌦ tistipula ⌫ :

(a) ~~tistabbilixxi~~ id-definizzjoni tal-indikatur tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti; u ~~u~~

(b) ~~tistabbilixxi~~ metodoloġija li biha għandu jiġi kkalkulat.

⇩ ġdid

2. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 29, li jirrikjedi l-applikazzjoni tal-iskema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti, f'konformità mal-Anness IV, għal bini mhux residenzjali b'output nominali effettiv għas-sistemi tat-tisħin, jew sistemi għat-tisħin u l-ventilazzjoni tal-ispazju kkombinati ta' aktar minn 290 kW.

🡻 2018/844 Art. 1.5 (adattat)

311. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, u wara li tkun ikkonsultat il-partijiet ikkonċernati rilevanti, tadotta att ta' implimentazzjoni li jagħti fid-dettall il-modalitajiet tekniċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-iskema msemmija fil-paragrafu 110 ta' dan l-Artikolu, inkluża skeda ta' żmien li ma torbotx għal fażi ta' ttestjar fil-livell nazzjonali, u li jiċċara r-relazzjoni komplementari tal-iskema maċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 1611.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 3026(3).

⇩ ġdid

4. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, u wara li tkun ikkonsultat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tadotta att ta' implimentazzjoni li jagħti dettalji dwar il-modalitajiet tekniċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-applikazzjoni tal-iskema msemmija fil-paragrafu 2 għal bini mhux residenzjali b'output nominali effettiv għas-sistemi tat-tisħin, jew sistemi għat-tisħin u l-ventilazzjoni kkombinati ta' aktar minn 290 kW.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3).

*Artikolu 14*

**Skambju ta' *data***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sidien, l-inkwilini u l-maniġers tal-bini jista' jkollhom aċċess dirett għad-*data* tas-sistemi tal-bini tagħhom. Fuq talba tagħhom, l-aċċess jew id-*data* għandhom ikunu disponibbli għal parti terza. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà sħiħa tas-servizzi u tal-iskambju tad-*data* fl-Unjoni skont il-paragrafu 5.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-*data* dwar is-sistemi tal-bini għandha tinkludi mill-inqas id-*data* kollha relatata mar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-elementi tal-bini, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-servizzi tal-bini, is-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini, il-miters u l-punti tal-irriċarġjar għall-mobbiltà elettronika.

2. Meta jistabbilixxu r-regoli dwar il-ġestjoni u l-iskambju tad-*data*, l-Istati Membri jew, fejn Stat Membru jkun ippreveda dan, l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jispeċifikaw ir-regoli dwar l-aċċess għad-*data* dwar is-sistemi tal-bini minn partijiet eliġibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-qafas legali applikabbli tal-Unjoni.

3. L-ebda spiża addizzjonali ma għandha tiġi ddebitata lis-sid, lill-inkwilin jew lill-maniġer tal-bini għall-aċċess għad-*data* tagħhom jew għal talba biex id-*data* tagħhom tkun disponibbli għal parti terza. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jistabbilixxu t-tariffi rilevanti għall-aċċess għad-*data* minn partijiet eliġibbli oħra bħal istituzzjonijiet finanzjarji, aggregaturi, fornituri tal-enerġija, fornituri tas-servizzi tal-enerġija u Istituti Nazzjonali tal-Istatistika jew awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. L-Istati Membri jew, fejn applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jiżguraw li kwalunkwe ħlas impost minn entitajiet regolati li jipprovdu servizzi tad-*data* jkun raġonevoli u debitament ġustifikat.

4. Ir-regoli dwar l-aċċess għad-*data* u l-ħżin tad-*data* għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mal-liġi rilevanti tal-Unjoni. L-ipproċessar ta' *data* personali fil-

qafas ta’ din id-Direttiva għandu jitwettaq f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59].

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jagħtu dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u l-proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti għall-aċċess għad-*data*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 30(2).

---

🡻 2010/31/UE

*~~Artikolu 9~~*

**~~Bini b’użu ta’ kważi żero enerġija~~**

~~1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:~~

~~(a) sal-31 ta’ Diċembru 2020, il-bini kollu jkun bini li juża kważi żero enerġija; u~~

~~(b) wara l-31 ta’ Diċembru 2018, bini ġdid okkupat minn u proprjeta’ ta’ awtoritajiet pubbliċi jkun bini li juża kważi żero enerġija.~~

~~L-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet nazzjonali biex jiżdied l-għadd ta’ bini li juża kważi żero enerġija. Dawn il-pjanijiet nazzjonali jistgħu jinkludu diversi miri skont il-kategoriji tal-bini.~~

~~2. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom, filwaqt li jsegwu l-eżempju mexxej tas-settur pubbliku, jiżviluppaw linji politiċi u jieħdu miżuri bħall-iffissar ta’ miri sabiex jistimulaw t-trasformazzjoni ta’ bini li jiġi rinovat f’bini li juża kważi żero enerġija, u jinfurmaw lill-Kummissjoni b’dan fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1.~~

~~3. Il-pjanijiet nazzjonali għandhom jinkludu inter alia l-elementi li ġejjin:~~

~~(a) l-applikazzjoni dettaljata tal-Istati Membri fil-prattika tad-definizzjoni ta’ bini li juża kważi żero enerġija, filwaqt li jirriflettu l-kondizzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, u jinkuldu indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja espressa f’kWh/m² fis-sena. Il-fatturi tal-enerġija primarja użati għad-determinazzjoni tal-enerġija primarja użata jistgħu jkunu bbażati fuq valuri medji annwali nazzjonali jew reġjonali u jistgħu jieħdu kont tal-istandards Ewropej rilevanti;~~

~~(b) miri intermedji għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f’bini ġdid sal-2015, bil-ħsieb li tiġi preparata l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1;~~

~~(c) informazzjoni dwar il-linji politiċi u miżuri finanzjarji jew miżuri oħrajn adottati fil-kuntest tal-paragrafi 1 u 2 għall-promozzjoni ta’ bini li juża kważi żero enerġija, inklużi dettalji tar-rekwiżiti nazzjonali u miżuri dwar l-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli f’bini ġdid u bini eżistenti li tkun qed issirlu rinovazzjoni maġġuri fil-kuntest tal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikoli 6 u 7 ta’ din id-Direttiva.~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjanijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, b’mod partikolari l-adegwatezza tal-miżuri previsti mill-Istat Membru fir-rigward tal-objettivi~~

---

59 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

~~ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu kont dovut tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tista' titlob informazzjoni speċifika ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni mitluba jew jipproponi emendi fi żmien disa' xhur wara t-talba mill-Kummissjoni. Wara l-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjoni.~~

---

🡻 2018/1999 Art. 53.3

~~5. Bħala parti mir-rapport tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni kull erba' snin għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-Istati Membri fiż-żieda tal-għadd ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Abbażi ta' din l-informazzjoni rrapportata, il-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, tiżviluppa pjan ta' azzjoni u tipproponi rakkomandazzjonijiet u miżuri b'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex jiżdied l-għadd ta' dak il-bini u tħeġġeġ li jintużaw l-aħjar prattiki fir-rigward tat-trasformazzjoni kosteffikaċi ta' bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija.~~

---

🡻 2010/31/UE

~~6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 f'każijiet speċifiċi u ġustifikabbli fejn l-analiżi tal-kost-benefiċċju matul iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika tal-bini in kwistjoni tkun negattiva. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-prinċipji tar-reġimi leġislattivi rilevanti.~~

*Artikolu 15~~10~~*

**Inċentivi Finanzjarji u ostakli għas-suq**

~~1. Fid-dawl tal-importanza li jipprovdu strumenti ta' finanzjament u strumenti oħra adattati biex jitħaffef il-proċess tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u t-transizzjoni għal bini li juża kważi żero enerġija, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jikkunsidraw it-tali strumenti l-aktar rilevanti fid-dawl taċ-ċirkustanzi nazzjonali.~~

---

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu finanzjament xieraq, miżuri ta' appoġġ u strumenti oħra li kapaċi jindirizzaw l-ostakli tas-suq u jistimulaw l-investimenti meħtieġa fir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija f'konformità mal-pjan nazzjonali tagħhom ta' rinnovazzjoni tal-bini u bil-ħsieb li l-istokk tal-bini tagħhom jinbidel f'bini b'emissjonijiet żero sal-2050.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri regolatorji xierqa biex ineħħu l-ostakli mhux ekonomiċi għar-rinnovazzjoni tal-bini. Fir-rigward ta' bini b'aktar minn unità ta' bini waħda, tali miżuri jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' rekwiżiti ta' unanimità fi strutturi ta' sjieda konġunta, jew li jippermettu li strutturi ta' sjieda konġunta jkunu riċevituri diretti ta' appoġġ finanzjarju.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu kosteffettiv tal-finanzjament nazzjonali u l-finanzjament disponibbli stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, InvestEU, id-dħul mill-irkant mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE [ETS emendata] u sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku.

4. Biex jappoġġaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-introduzzjoni ta’ finanzjament u għodod finanzjarji abilitanti, bħal self għall-effiċjenza enerġetika u ipoteki għar-rinnovazzjoni tal-bini, kuntrattar għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, inċentivi fiskali, skemi fuq it-taxxa, skemi fuq il-kont, fondi ta’ garanzija, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet profondi, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet b’limitu minimu sinifikanti ta’ ffrankar tal-enerġija mmirat u standards tal-portafoll ipotekarju. Huma għandhom jiggwidaw l-investimenti fi stokk ta’ bini pubbliku effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f’konformità mal-gwida tal-Eurostat dwar ir-reġistrazzjoni tal-Ikkuntrattar għall-Prestazzjoni tal-Enerġija fil-kontijiet tal-gvern.

5. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-aggregazzjoni ta’ proġetti biex jippermettu l-aċċess tal-investituri kif ukoll soluzzjonijiet aggregati għal klijenti potenzjali.

L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-prodotti ta’ self għall-effiċjenza enerġetika għar-rinnovazzjonijiet tal-bini jiġu offruti b’mod wiesa’ u mhux diskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u jkunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji u investituri oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jipparteċipaw fil-finanzjament tat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta’ faċilitajiet ta’ assistenza teknika, inkluż permezz ta’ punti uniċi ta’ servizz, immirati lejn l-atturi kollha involuti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini, inkluż is-sidien tad-djar u l-atturi amministrattivi, finanzjarji u ekonomiċi, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji.

7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri u finanzjament biex jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed forza tax-xogħol bil-livell xieraq ta’ ħiliet li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet fis-settur tal-bini.

---

| |
|---|
| 🡻 2010/31/UE<br>⇨ ġdid |

8~~4~~. Il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, tassisti, fuq talba, lill-Istati Membri fl-iffissar ta’ programmi ta’ appoġġ finanzjarju nazzjonali jew reġjonali bil-għan li ⇨ jiżdied ir-rendiment ⇦ ~~tiżdied l-effiċjenza~~ fl-użu tal-enerġija fil-bini, speċjalment f’bini eżistenti, billi tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali responsabbli.

~~Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tqassam, tal-inqas lill-awtoritajiet pubbliċi, l-aħjar prattiki dwar skemi ta’ finanzjament pubbliċi u privati ta’ suċċess għal rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll informazzjoni dwar skemi għall-aggregazzjoni ta’ proġetti fuq skala żgħira ta’ rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tidentifika u xxerred l-aħjar prattiki dwar inċentivi finanzjarji għal rinnovazzjoni mill-perspettiva tal-konsumatur b’kont meħud ta’ differenzi fil-kosteffiċjenza bejn l-Istati Membri.~~

~~5. Sabiex ittejjeb il-finanzjament b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva u b’kont dovut meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni għandha, preferibbilment sal-2011, tippreżenta, b’mod partikolari, analiżi dwar:~~

~~(a) l-effettività, kemm hu xieraq il-livell, u l-ammont propju li ntuża, ta’ fondi strutturali u programmi qafas li intużaw biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini, speċjalment fl-akkomodazzjoni;~~

~~(b) l-effettività tal-użu ta’ fondi mill-BEI u istituzzjonijiet ta’ finanzjament pubbliku oħrajn;~~

(c) il-koordinazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali u forom oħra ta' appoġġ li jistgħu jaġixxu bħala lieva biex jiġi stimulat l-investiment fl-effiċjenza tal-użu tal-enerġija u l-adegwatezza ta' tali fondi biex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni.

Abbażi ta' dik l-analiżi, u skont il-qafas finanzjarju pluriennali, il-Kummissjoni tista' sussegwentement u jekk tqis li dan huwa adatt, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposti fir-rigward tal-istrumenti tal-Unjoni.

---

🡻 2018/844 Art. 1.6
⇨ ġdid

96. L-Istati Membri għandhom jorbtu l-miżuri finanzjarji tagħhom għal titjib ⇨ fir-rendiment ⇦ fl-użu tal-enerġija fir-rinnovazzjoni ta' bini mal-iffrankar fl-enerġija mmirat jew miksub, kif determinat bi kriterju wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tat-tagħmir jew tal-materjal użat għar-rinnovazzjoni, f'liema każ, it-tagħmir jew il-materjal użat għar-rinnovazzjoni għandu jiġi installat minn installatur bil-livell rilevanti ta' ċertifikazzjoni jew kwalifika ⇨ u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-elementi tal-bini ⇦ ;

(b) valuri standard għall-kalkolu ta' ffrankar fl-enerġija fil-bini;

(c) it-titjib miksub minħabba din ir-rinnovazzjoni billi jqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni;

(de) ir-riżultati ta' verifika tal-enerġija;

(e) ir-riżultati ta' metodu ieħor rilevanti, trasparenti u proporzjonat li jindika t-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija.

---

⇩ ġdid

10. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027, l-Istati Membri ma għandhom jipprovdu l-ebda inċentiv finanzjarju għall-installazzjoni ta' bojlers li jaħdmu bil-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni ta' dawk magħżula għall-investiment, qabel l-2027, f'konformità mat-tielet sing tal-Artikolu 7(1)(h) (i) tar-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni u mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

11. L-Istati Membri għandhom jinċentivaw rinnovazzjoni profonda u programmi mdaqqsa li jindirizzaw għadd kbir ta' bini u jirriżultaw fi tnaqqis ġenerali ta' mill-inqas 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja b'appoġġ finanzjarju, fiskali, amministrattiv u tekniku ogħla.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rinnovazzjoni profonda fi stadji li tirċievi inċentivi finanzjarji pubbliċi ssegwi l-passi stabbiliti f'passaport ta' rinnovazzjoni.

---

60 Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

61 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 06.12.2021, p. 1).

12. L-inċentivi finanzjarji għandhom ikollhom fil-mira, bħala prijorità, l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE).../.... [EED riformulata].

13. Meta jipprovdu inċentivi finanzjarji lis-sidien ta' bini jew unitajiet ta' bini għar-rinnovazzjoni ta' bini mikri jew unitajiet ta' bini, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċentivi finanzjarji jkunu ta' benefiċċju kemm għas-sidien kif ukoll għall-inkwilini, b'mod partikolari billi jipprovdu appoġġ għall-kera jew billi jimponu limiti massimi fuq iż-żidiet fil-kera.

---

🡻 2018/844 Art. 1.6

~~6a. Bażijiet tad-data għall-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom jippermettu l-ġbir ta' data dwar il-konsum tal-enerġija mkejjel jew ikkalkolat tal-bini kopert, inkluż mill-inqas bini pubbliku li għalih inħareġ ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, kif imsemmi fl-Artikolu 13, skont l-Artikolu 12.~~

~~6b. Tal-inqas data anonimizzata aggregata konformi mar-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-data tal-Unjoni u dawk nazzjonali għandha tkun disponibbli meta mitluba għal finijiet ta' statistika u ta' riċerka u għas-sid tal-bini.~~

---

🡻 2010/31/UE
⇨ ġdid

~~7. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx iwaqqfu lill-Istati Membri milli jipprovdu inċentivi għal bini ġdid, rinovazzjonijiet ġodda jew elementi ġodda tal-bini li jmorru lil hinn mil-livelli kost-ottimali.~~

*Artikolu 16~~11~~*

**Ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa biex tiġi stabbilita sistema ta' ċertifikazzjoni tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

Iċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu jinkludi r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨ espress b'indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja f'kWh/(m2.y), ⇦ u valuri ta' referenza bħal rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ , standards minimi tar-rendiment tal-enerġija, rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija u rekwiżiti ta' bini b'emissjonijiet żero, ⇦ biex ikun possibbli għas-sidien u l-inkwilini tal-binja jew unità tal-bini jqabblu u jivvalutaw ir-rendiment tiegħu fl-użu tal-enerġija. ~~Iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jista' jinkludi informazzjoni addizzjonali bħall-konsum tal-enerġija annwali għal bini mhux residenzjali u l-persentaġġ ta' enerġija minn sorsi rinovabbli fil-konsum totali tal-enerġija.~~

---

⇩ ġdid

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu jikkonforma mal-mudell fl-Anness V. Għandu jispeċifika l-klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini, fuq skala magħluqa bl-użu ta' ittri biss minn A sa G. L-ittra A għandha tikkorrispondi għal bini b'emissjonijiet żero kif definit fl-Artikolu 2, il-punt

(2), u l-ittra G għandha tikkorrispondi għall-15 % tal-bini bl-agħar rendiment fl-istokk tal-bini nazzjonali fiż-żmien tal-introduzzjoni tal-iskala. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klassijiet li jifdal (B sa F) ikollhom distribuzzjoni ugwali tal-firxa tal-indikaturi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fost il-klassijiet tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw identità viżiva komuni għaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-territorju tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità, l-affidabbiltà u l-affordabbiltà taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Huma għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jinħarġu minn esperti indipendenti wara żjara fuq il-post.

---

🡣 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

~~4~~2. Iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib ~~kostottimali jew~~ kosteffettiv tar-rendiment ⇨ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra operattivi ⇦ ta' bini jew ta' unità ta' bini fl-użu tal-enerġija, dment li ⇨ il-bini jew l-unità tal-bini diġà tkun konformi mal-istandard relevanti tal-bini b'emissjonijiet żero ⇦ ~~ma jkun hemm l-ebda potenzjal raġonevoli għal titjib tali meta mqabbel mar-rekwiżit tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-seħħ~~.

Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom ikopru:

(a) miżuri mwettqa b'rabta ma' rinovazzjoni maġġuri tal-involukru tal-bini jew is-sistema~~/i~~ teknika~~/ċi~~ ⌦ jew is-sistemi tekniċi ⌫tal-bini; ~~u~~

(b) miżuri għal elementi ta' bini individwali indipendenti minn rinovazzjoni maġġuri tal-involukru tal-bini jew is-sistema~~/i~~ teknika~~/ċi~~ ⌦ jew is-sistemi tekniċi ⌫tal-bini.

~~5~~3. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom ikunu teknikament fattibbli għall-bini speċifiku ⇨ u għandhom jipprovdu stima għall-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra operattivi. Dawn⇦~~u~~ jistgħu jipprovdu stima għall-firxa ta' perijodi ta' ħlas lura jew kostbenefiċċji matul iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika tiegħu.

---

⇩ ġdid

6. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jinkludu valutazzjoni dwar jekk is-sistema tat-tisħin jew tal-arja kundizzjonata tistax tiġi adattata biex topera f'settings tat-temperatura aktar effiċjenti, bħal emittenti ta' temperatura baxxa għal sistemi tat-tisħin ibbażati fuq l-ilma, inkluż id-disinn meħtieġ tal-output tal-enerġija termali u r-rekwiżiti tat-temperatura/fluss.

---

🡣 2010/31/UE
⇨ ġdid

~~7~~4. Iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu jipprovdi indikazzjoni dwar fejn is-sid jew l-inkwilin jista' jirċievi informazzjoni dettaljata ulterjuri inkluż fir-rigward tal-kosteffettività tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-evalwazzjoni tal-kosteffettività għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u prezzijiet tal-enerġija sottostanti u previżjoni tal-kost preliminari. Barra minn hekk, għandu jkun fih informazzjoni dwar il-passi

li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Informazzjoni oħra dwar suġġetti relatati, bħall-verifiki tal-enerġija jew inċentivi ta' natura finanzjarja jew natura oħra u possibbiltajiet ta' finanzjament ⇨ , jew pariri dwar kif tiżdied ir-reżiljenza klimatika tal-bini, ⇦jistgħu wkoll jiġu pprovduti lis-sid jew lill-inkwilin.

~~5. Soġġett għar-regoli nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu kont tar-rwol mexxej li għandu jkollhom fil-qasam tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, inter alia billi jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġ għal bini fil-pussess tagħhom fil-perijodu ta' validità tiegħu.~~

8~~6~~. Iċ-ċertifikazzjoni għal unitajiet tal-bini tista' tkun ibbażata fuq:

(a) ċertifikazzjoni komuni tal-bini kollu; ~~jew~~

(b) l-istima ta' unità tal-bini rappreżentattiva oħra bl-istess karatteristiċi rilevanti għall-enerġija fl-istess bini.

9~~7~~. Iċ-ċertifikazzjoni għad-djar ta' familja waħda tista' tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni ta' bini rappresentattiv ieħor ta' disinn u daqs simili bi kwalità ta' rendiment fl-użu tal-enerġija simili jekk tali korrispondenza tkun tista' tiġi ggarantita mill-espert li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

10~~8~~. Il-validità taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija m'għandhiex teċċedi ~~l-għaxar~~ ⇨ l-ħames ⇦ snin. ⇨ Madankollu, għal bini bi klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija A, B jew C stabbilita skont il-paragrafu 2, il-validità taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma għandhiex taqbeż l-10 snin. ⇦ ~~9. Il-Kummissjoni għandha, sal-2011, f'konsultazzjoni mas-setturi rilevanti, tadotta skema ta' ċertifikazzjoni komuni u volontarja tal-Unjoni Ewropea għar-rendiment ta' bini mhux residenzjali fl-użu tal-enerġija. Din il-miżura għandha tiġi adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 26(2). L-Istati Membri huma mħeġġa jirrikonoxxu jew jużaw l-iskema, jew jużaw parti minnha billi jadattawha għaċ-ċirkostanzi nazzjonali.~~

---

⇩ ġdid

11. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli proċeduri simplifikati għall-aġġornament ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fejn l-elementi individwali biss jiġu aġġornati (miżuri uniċi jew awtonomi).

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli proċeduri simplifikati għall-aġġornament ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija meta jiġu stabbiliti miżuri identifikati f'passaport ta' rinnovazzjoni.

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 17~~12~~*

**Il-ħruġ taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċertifikat ⇨ diġitali ⇦ tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jinħareġ għal:

(a) bini jew unitajiet ta' bini li huma mibnija ⇨ , li saritilhom rinnovazzjoni maġġuri, li huma ⇦ mibjugħa jew mikrija lil inkwilin ġdid ⇨ jew li għalihom iġġedded il-kuntratt tal-kiri⇦ ; ~~u~~

(b) bini ~~fejn erja totali utli tal-art ta' aktar minn 500m² hija~~ ⇨ proprjetà jew ⇦ okkupata minn ~~awtorità~~ ⌦ korpi pubbliċi ⌫~~pubblika~~ ~~u ta' spiss miżjura mill-pubbliku. Fid-9 ta' Lulju 2015, dan il-limitu ta' 500 m² għandu jitnaqqas għal 250 m².~~

Ir-rekwiżit li jinħareġ ċertifikat dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ma japplikax meta ċertifikat, maħruġ jew skont id-Direttiva ⌦ 2010/31/UE ⌫ ~~2002/91/KE~~ jew skont din id-Direttiva, għall-bini jew l-unità tal-bini kkonċernati, huwa disponibbli u validu.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta bini jew unitajiet tal-bini jinbnew, jinbiegħu jew jinkrew ⇨ jew meta jiġġeddu l-kuntratti tal-kiri ⇦, iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, ~~jew kopja tiegħu,~~ għandu jintwera lill-inkwilin jew ix-xerrej prospettivi ~~l-ġodda~~ u jingħataw lix-xerrej jew lill-inkwilin ~~il-ġdid~~.

3. Fejn bini jinbiegħ jew jinkera qabel il-kostruzzjoni ⇨ jew rinnovazzjoni maġġuri ⇦ , l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-bejjiegħ jipprovdi valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija futura tiegħu, bħala deroga mill-paragrafi 1 u 2; f'~~dan~~ ⌦ dak⌫ il-każ, iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu jinħareġ sa mhux aktar tard minn meta l-bini jkun inbena ⇨ jew ġie rinnovat u għandu jirrifletti l-istat tal-bini kif inbena ⇦.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ~~meta:bini li jkollu ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, unitajiet ta' bini f'bini li jkollu ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, u unitajiet ta' bini li jkollhom ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġij,~~⇨ binjiet jew unitajiet ta' bini ⇦ li jiġu offruti għall-bejgħ jew għall-kiri ⇨ ikollhom ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇦ , ⌦ u li ⌫ l-indikatur tar-rendiment fl-użu tal-enerġija⇨ u l-klassi ⇦ taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini jew tal-unità tal-bini, kif applikabbli, jitniżżel fir-reklami ⇨ online u offline, inkluż ⇦ fil- ⇨ websites tal-portali tat-tiftix tal-proprjetà ⇦ ~~media kummerċjali.~~

---

⇩ ġdid

⇨ L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki ta' kampjuni jew kontrolli oħra biex jiżguraw il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.⇦

---

🡻 2010/31/UE

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli għas-sjieda konġunta jew għal proprjetà komuni.

~~6. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-kategoriji ta' bini msemmija fl-Artikolu 4(2) mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.~~

6~~7~~. L-effetti possibbli ta' ċertifikati dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija f'termini ta' proċeduri legali, jekk ikun hemm, għandhom jiġu deċiżi f'konformità mar-regoli nazzjonali.

---

⇩ ġdid

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati kollha tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa jittellgħu fil-bażi tad-*data* għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 19. L-applowdjar għandu jkun fih iċ-ċertifikat sħiħ tar-rendiment fl-użu

tal-enerġija, inkluża d-*data* kollha meħtieġa għall-kalkolu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini.

🡻 2010/31/UE (adattat)

*Artikolu 18~~13~~*

**Il-wiri ta' ċertifikati dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li meta ~~l-erja totali utli tal-art ta' aktar minn 500 $m^2$ ta'~~ bini li għalih ikun inħareġ ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 17~~12~~(1) jkun okkupat minn awtoritajiet pubbliċi u li spiss iżuru l-pubbliku iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jitpoġġa f'post prominenti viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku. ~~Fid-9 ta' Lulju 2015, dan il-limitu ta' 500 $m^2$ għandu jitnaqqas għal 250 $m^2$.~~

2. L-Istati Membri għandhom jiirikjedu li meta l-erja totali utli tal-art ta' aktar minn 500 $m^2$ li għaliha jkun inħareġ ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 17~~12~~(1) iżurha spiss il-pubbliku, iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jitpoġġa f'post prominenti ċarament viżibbli għal pubbliku.

3. Id-dispożizzjonijiet ~~ta' dan l-Artikolu~~ ⌦ tal-paragrafi 1 u2 ⌫ ma jinkludux obbligu li jintwerew ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

⇩ ġdid

*Artikolu 19*

**Bażijiet tad-*data* għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija li tippermetti li tinġabar *data* dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u dwar ir-rendiment ġenerali tal-bini fl-użu tal-enerġija tal-istokk tal-bini nazzjonali.

Il-bażi tad-*data* għandha tippermetti li tinġabar *data* relatata maċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-ispezzjonijiet, il-passaport tar-rinnovazzjoni tal-bini, l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza u l-konsum tal-enerġija kkalkulat jew immetrat tal-bini kopert.

2. Il-bażi tad-*data* għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għaċ-ċertifikat sħiħ tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għas-sidien, l-inkwilini u l-maniġers tal-bini, u għall-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-bini fil-portafoll tal-investiment tagħhom. Għall-bini offrut għall-kiri jew għall-bejgħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għaċ-ċertifikat sħiħ tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal kerrejja jew xerrejja prospettivi.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar is-sehem tal-bini fl-istokk tal-bini nazzjonali kopert miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u d-*data* aggregata jew anonimizzata dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija tal-bini kopert. L-informazzjoni pubblika għandha tiġi aġġornata mill-inqas darbtejn fis-sena. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni anonimizzata jew aggregata disponibbli għall-pubbliku u għall-istituzzjonijiet ta' riċerka bħall-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika, fuq talba.

4. Mill-inqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trasferiment tal-informazzjoni fil-bażi tad-*data* nazzjonali lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini.

5. Il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju 2024, tadotta att ta' implimentazzjoni b'mudell komuni għat-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3).

6. Biex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija tkun interoperabbli u integrata ma' bażijiet tad-*data* amministrattivi oħra li jkun fihom informazzjoni dwar il-bini, bħall-katast tal-bini nazzjonali u r-reġistri diġitali tal-bini.

---

🡻 2018/844 Art. 1.7 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 20~~14~~*

**~~Spezzjoni ta' sistemi tat-tisħin~~ ⌦ Spezzjonijiet ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jiġu stabbiliti spezzjonijiet regolari ~~tal-partijiet aċċessibbli~~ tas-sistemi tat-tisħin ⇨ , tal-ventilazzjoni u tal-arja kkondizzjonata ⇦ ~~jew ta' sistemi tat-tisħin tal-ispazju kkombinat mal-ventilazzjoni,~~ b'output nominali effettiv ta' aktar minn 70 kW~~, bħall-ġeneratur tas-sħana, is-sistema ta' kontroll u l-pompa/i ta' ċirkolazzjoni użati għat-tisħin tal-bini~~. ⇨Il-klassifikazzjoni effettiva tas-sistema għandha tkun ibbażata fuq is-somma tal-output nominali tal-ġeneraturi tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata.⇦

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' spezzjoni separati għall-ispezzjonijiet ta' sistemi residenzjali u mhux residenzjali.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu frekwenzi ta' spezzjoni differenti skont it-tip u l-output nominali effettiv tas-sistema filwaqt li jqisu l-ispejjeż tal-ispezzjoni tas-sistema u l-iffrankar stmat tal-ispejjeż tal-enerġija li jista' jirriżulta mill-ispezzjoni. Is-sistemi għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas kull ħames snin. Sistemi b'ġeneraturi b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas kull sentejn.

4. L-ispezzjoni għandha tinkludi l-valutazzjoni tal-ġeneratur jew tal-ġeneraturi, tal-pompi taċ-ċirkolazzjoni, tal-fannijiet u tas-sistema ta' kontroll. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fl-iskemi ta' spezzjoni kwalunkwe sistema ta' bini addizzjonali identifikata fl-Anness I.

---

🡻 2018/844 Art. 1.7 (adattat)
⇨ ġdid

L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza u tad-dimensjonament tal-ġeneratur ~~tas-sħana~~ ⇨ jew tal-ġeneraturi u tal-komponenti ewlenin tiegħu ⇦ meta mqabbel mar-rekwiżiti ~~tat-tisħin~~ tal-bini u~~, fejn rilevanti,~~ tikkunsidra, l-kapaċitajiet tas-sistema ~~tat-tisħin jew tas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati~~ biex ikun ottimizzat ir-rendiment tagħha taħt kondizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji. ⇨ Fejn rilevanti, l-ispezzjoni

għandha tivvaluta l-fattibbiltà tas-sistema li topera f'settings tat-temperatura differenti u aktar effiċjenti, filwaqt li tiżgura t-tħaddim sikur tas-sistema.⇦

---

⇩ ġdid

L-iskema tal-ispezzjonijiet għandha tinkludi valutazzjoni tad-dimensjonament tas-sistema tal-ventilazzjoni meta mqabbel mar-rekwiżiti tal-bini u tikkunsidra l-kapaċitajiet tas-sistema tal-ventilazzjoni biex ikun ottimizzat ir-rendiment tagħha f'kundizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji.

---

🡻 2018/844 Art. 1.7 (adattat)
⇨ ġdid

Fejn ma jkun sar l-ebda tibdil fis-sistema ~~tat-tisħin~~ ~~jew għas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati~~ jew fir-rigward tar-rekwiżiti ~~tat-tisħin~~ tal-bini wara li tkun saret spezzjoni f'konformità ma' dan ⌦ l-Artikolu ⌫ ~~il-paragrafu~~, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirrikjedux li l-valutazzjoni tad-dimensjonament ⇨ tal-komponent ewlieni ⇦ ~~tal-ġeneratur tas-sħana~~ ⇨ jew li l-valutazzjoi tal-operazzjoni f'temperaturi differenti ⇦ tiġi ripetuta.

5~~2~~. Is-sistemi tekniċi tal-bini li huma espliċitament koperti minn kriterju miftiehem dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija jew arranġament kuntrattwali li jispeċifika livell miftiehem ta' titjib ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jew li huma mħaddma minn operatur ta' utilità jew ta' netwerk u li għalhekk huma soġġetti għal miżuri ta' monitoraġġ tar-rendiment min-naħa tas-sistema, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, dment li l-impatt ġenerali ta' approċċ tali jkun ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1.

6~~3~~. ~~Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 u~~ ~~d~~Dment li l-impatt ġenerali huwa ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri biex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' ġeneraturi ~~tas-sħana~~, modifiki oħra għas-sistema~~ tat-tisħin~~ ~~jew għas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati~~ u soluzzjonijiet alternattivi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza ⇨ tar-rendiment, ⇦u d-daqs adatt ta' dawk is-sistemi.

Qabel ma japplika l-miżuri alternattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kull Stat Membru għandu, billi jippreżenta rapport lill-Kummissjoni, jiddokumenta l-ekwivalenza tal-impatt ta' dawk il-miżuri għall-impatt tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

---

🡻 2018/1999 Art. 53.5

~~Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999.~~

---

🡻 2018/844 Art. 1.7 (adattat)
⇨ ġdid

7~~4~~. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-rekwiżiti biex jiżguraw li, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, bini mhux residenzjali b'sistemi tat-tisħin jew b'sistemi tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati, b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW ikun mgħammar b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini ⇨ sal-

31 ta’ Diċembru 2024 ⇦~~sal-2025~~. ⇨Il-limitu għall-output nominali effettiv għandu jitnaqqas għal 70 kW sal-31 ta’ Diċembru 2029.⇦

Is-sistemi ta’ awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini għandhom ikun kapaċi:

(a) b’mod kontinwu jimmonitorjaw, jirreġistraw, janalizzaw u jħallu lok għal aġġustamenti fl-użu tal-enerġija;

(b) iqabblu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini, jidentifikaw telf fl-effiċjenza ta’ sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformaw lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; ~~u~~

(c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi tekniċi użati fil-bini u apparati oħra konnessi ġewwa l-bini, u jkunu interoperabbli mas-sistemi tekniċi użati fil-bini bejn tipi differenti ta’ teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.

8~~5~~. L-Istati Membri ⇨ għandhom⇦~~jistgħu~~ jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li ⇨ mill-1 ta’ Jannar 2025, ⇦ l-bini residenzjali ⇨ ġdid u bini residenzjali li jkunu qed isirulu rinnovazzjonijiet maġġuri ⇦jkun mgħammar:

(a) bil-funzjonalità ta’ monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistemi u jinforma lis-sidien jew lill-maniġers tal-bini meta din tkun naqset b’mod sinifikattiv u meta jkun meħtieġ servizz ta’ manutenzjoni tas-sistema, ~~u~~

(b) b’funzjonalitajiet ta’ kontroll effettivi biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-użu ottimali tal-enerġija.

9~~6~~. Binjiet li jikkonformaw mal-paragrafi 7~~4~~ jew 8~~5~~ għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.”.

---

⇩ ġdid

10. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta’ spezzjoni jew miżuri alternattivi li jinkludu għodod diġitali, biex jiċċertifikaw li x-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni u ta’ rinnovazzjoni mwassla jissodisfaw ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ddisinjat u jkunu konformi mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif stabbiliti fil-kodiċijiet tal-bini.

11. L-Istati Membri għandhom jinkludu analiżi fil-qosor tal-iskemi ta’ spezzjoni u r-riżultati tagħhom bħala anness għall-pjan ta’ rinnovazzjoni tal-bini msemmi fl-Artikolu 3. L-Istati Membri li għażlu l-miżuri alternattivi indikati fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu għandhom jinkludu analiżi fil-qosor u r-riżultati tal-miżuri alternattivi.

---

🡻 2018/844 Art. 1.7

*~~Artikolu 15~~*

**~~Spezzjoni tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata~~**

~~1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment ta’ spezzjonijiet regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata jew ta’ sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati, b’output nominali effettiv ta’ ’l fuq minn 70 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza u tad-dimensjonament tas-sistema tal-arja kkondizzjonata meta mqabbla mar-rekwiżiti tat-tkessiħ tal-bini u fejn ikun rilevanti, tikkunsidra l-kapaċitajiet tas-sistema tal-arja kkondizzjonata jew tas-sistema ta’ arja~~

~~kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati biex ikun ottimizzat ir-rendiment tagħha taħt kondizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji.~~

~~Fejn ma jkun sar l-ebda tibdil fis-sistema tal-arja kkondizzjonata jew fis-sistema tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati jew fir-rigward tar-rekwiżiti tat-tkessiħ tal-bini wara li tkun saret spezzjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirrikjedux li l-valutazzjoni tad-dimensjonament tas-sistema ta' arja kkondizzjonata tiġi ripetuta.~~

~~L-Istati Membri li jżommu rekwiżiti aktar stretti skont l-Artikolu 1(3) għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.~~

~~2. Is-sistemi tekniċi tal-bini li huma espliċitament koperti minn kriterju miftiehem dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija jew arranġament kuntrattwali li jispeċifika livell miftiehem ta' titjib ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jew li huma mħaddma minn operatur ta' utilità jew ta' netwerk u li għalhekk huma soġġetti għal miżuri ta' monitoraġġ tar-rendiment min-naħa tas-sistema, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, dment li l-impatt ġenerali ta' approċċ tali jkun ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1.~~

~~3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 u dment li l-impatt ġenerali huwa ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri biex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata jew ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati, modifiki oħra għas-sistema tal-arja kkondizzjonata jew ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati u soluzzjonijiet alternattivi biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u d-daqs adatt ta' dawk is-sistemi.~~

~~Qabel ma japplika l-miżuri alternattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kull Stat Membru għandu, billi jippreżenta rapport lill-Kummissjoni, jiddokumenta l-ekwivalenza tal-impatt ta' dawk il-miżuri għall-impatt tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.~~

---

| ↓ 2018/1999 Art. 53.6 |
|---|

~~Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999.~~

---

| ↓ 2018/844 Art. 1.7 |
|---|

~~4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, bini mhux residenzjali b'sistemi tal-arja kkondizzjonata jew b'sistemi tal-arja kkondizzjonata u l-ventilazzjoni kkombinati b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW ikun mgħammar b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini sal-2025.~~

~~Is-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini għandhom ikun kapaċi:~~

~~(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, jirreġistraw, janalizzaw u jħallu lok għal aġġustamenti fl-użu tal-enerġija;~~

~~(b) iqabblu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini, jidentifikaw telf fl-effiċjenza ta' sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformaw lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u~~

~~(c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi teknići użati fil-bini u apparati oħra konnessi ġewwa l-bini, u jkunu interoperabbli mas-sistemi teknići użati fil-bini bejn tipi differenti ta' teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.~~

~~5. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li l-bini residenzjali jkun mgħammar:~~

~~(a) bil-funzjonalità ta' monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistemi u jinforma lis-sidien jew lill-maniġers tal-bini meta din tkun naqset b'mod sinifikattiv u meta jkun meħtieġ servizz ta' manutenzjoni tas-sistema, u~~

~~(b) b'funzjonalitajiet ta' kontroll effettivi biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-użu ottimali tal-enerġija.~~

~~6. Bini li jikkonforma mal-paragrafu 4 jew 5 għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.~~

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 21~~16~~*

**Rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin ⌦ , tal-ventilazzjoni ⌫ u tal-arja kkondizzjonata**

1. Rapport ta' spezzjoni għandu jinħareġ wara kull spezzjoni ta' sistema ta' tisħin⇨ , tal-ventilazzjoni ⇦ jew tal-arja kkondizzjonata Ir-rapport ta' spezzjoni għandu jkun fih ir-riżultat tal-ispezzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 20~~14~~ ~~jew 15~~ u jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib kosteffettiv tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-sistema spezzjonata.

~~Ir-~~ ⌦ Dawk ir-⌫rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq tqabbil tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-sistema spezzjonata ma' dik tal-aħjar sistema fattibbli disponibbli u sistema ta' tip simili li għaliha l-komponenti rilevanti kollha jilħqu l-livell tar-rendiment fl-użu tal-enerġija meħtieġ mil-leġislazzjoni applikabbli;

2. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jingħata lill-proprjetarju jew lill-inkwilin tal-bini.

---

⇩ ġdid

3. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jittella' fil-bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 19.

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 22~~17~~*

**Esperti indipendenti**

~~1.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⇨ , l-istabbiliment tal-passaporti tar-rinnovazzjoni, il-valutazzjoni tal-istat ta' tħejjija għat-teknoloġiji intelliġenti, ⇦, ~~u~~ l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata jitwettqu b'mod indipendenti minn esperti kkwalifikati ~~u~~ jew

MT



MT

⇨ iċċertifikati ⇦ ~~akkreditati~~, kemm jekk jaħdmu għal rashom kif ukoll jekk impjegati minn entitajiet pubbliċi jew impriżi privati.

L-esperti għandhom jiġu ~~akkreditati~~ ⇨ ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) …/… [EED riformolata] ⇦ b'kont meħud tal-kompetenza tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku l-informazzjoni rigward it-taħriġ u ~~l-akkreditazzjonijiet~~ ⇨ ċ-ċertifikazzjonijiet⇦ . L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli għall-pubbliku jew listi aġġornati regolarment ta' esperti kwalifikati ~~u~~/jew ~~akkreditati~~ ⇨ iċċertifikati ⇦ jew listi aġġornati regolarment ta' kumpaniji ~~akkreditati~~ ⇨ ċċertifkati⇦ li joffru s-servizzi ta' esperti bħal dawn.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 23*

**Ċertifikazzjoni ta' professjonisti tal-bini**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenza għall-professjonisti tal-bini li jwettqu xogħlijiet integrati ta' rinnovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 26 [EED riformulata].

2. Fejn xieraq u fattibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti jkunu disponibbli għall-fornituri ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni integrati fejn dan ma jkunx kopert mill-Artikolu 18(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [RED emendata] jew l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE).../.... [EED riformulata].

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 24~~18~~*

**Sistemi ta' kontroll indipendenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ jiġu stabbiliti f'konformità mal-Anness VI, u li s-sistemi ta' kontroll indipendenti għall-passaporti tar-rinnovazzjoni, għall-indikaturi tal-potenzjal tal-intelliġenza ⇦ u għar-rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata jiġu stabbiliti ~~skont l-Anness II~~. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistemi separati għall-kontroll taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ , għall-passaporti tar-rinnovazzjoni, għall-indikaturi tal-potenzjal tal-intelliġenza ⇦ u għa~~l-kontroll ta~~r-rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll indipendenti.

Meta l-Istati Membri jiddeċidu li jagħmlu hekk, għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' kontroll indipendenti jiġu implimentati f'konformità mal-Anness VI~~II~~.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ⇨ , il-passaporti tar-rinnovazzjoni, l-indikaturi tal-potenzjali tal-intelliġenza ⇦ u r-rapporti tal-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikunu magħmula disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet jew l-entitajiet kompetenti.

↓ 2018/844 Art. 1.8 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2519*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat ~~stabbilit bl-~~ ⌦ imsemmi fl-⌫Artikolu 3026, għandha teżamina din id-Direttiva sa⇨ mhux aktar tard minn tmiem l-2027 ⇦ ~~mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026~~ fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-progress magħmul matul l-applikazzjoni tagħha, u, jekk ikun neċessarju, tagħmel proposti.

Bħala parti minn dak ir-rieżami, ⇨ il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien ma strumenti leġiżlattivi oħra li jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini, partikolarment permezz tal-ipprezzar tal-karbonju, iwasslu għal biżżejjed progress lejn il-ksib ta' stokk tal-bini b'emissjonijiet żero, kompletament dekarbonizzat sal-2050, jew jekk jeħtieġx li jiġ introdotti aktar miżuri vinkolanti fil-livell tal-Unjoni, partikolarment standards mandatorji minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-istokk kollu tal-bini. ⇦ iIl-Kummissjoni għandha teżamina ⌦ wkoll ⌫ b'liema mod l-Istati Membri jistgħu japplikaw approċċi integrati ta' distrettwalità jew ta' viċinaza fil-politika tal-Unjoni dwar il-bini u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jiżguraw li kull bini jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, pereżempju permezz ta' skemi ta' rinnovazzjoni ġenerali li japplikaw għal numru ta' bini f'kuntest ta' żona minflok għal bini uniku. ~~Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tivvaluta l-ħtieġa għal titjib ulterjuri taċ-ċertifikati ta' rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 11.~~

---

↓ 2018/844 Art. 1.9 (adattat)

~~*Artikolu 19 a*~~

~~**Studju ta' fattibbiltà**~~

~~Il-Kummissjoni, qabel l-2020, għandha tikkonkludi studju ta' fattibbiltà, li jiċċara l-possibbiltajiet u l-iskeda ta' żmien biex tkun introdotta l-ispezzjoni ta' sistemi tal-ventilazzjoni awtonomi u passaport ta' rinnovazzjoni tal-bini fakultattiv li jkun komplementari għaċ-ċertifikati ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, sabiex ikun ipprovdut pjan direzzjonali għar-rinnovazzjoni pass pass u fit-tul għal bini speċifiku abbażi ta' kriterji ta' kwalità, wara verifika tal-enerġija, u li jiddeskrivi l-miżuri rilevanti u r-rinnovazzjonijiet li jistgħu jtejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija.~~

---

↓ 2010/31/UE
⇨ ġdid

*Artikolu 2620*

**Informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinfurmaw lis-sidien jew lill-inkwilini tal-bini jew tal-unitajiet ta' bini ⇨ u l-atturi tas-suq relevanti kollha⇦ dwar il-prattika u l-metodi differenti li jservu biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija. ⇨ B'mod

partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu informazzjoni mfassla apposta għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. ⇦

---

🡻 2018/844 Art. 1.10

2. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu lis-sidien jew lill-okkupanti tal-bini b'informazzjoni dwar iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, inkluż l-għan u l-objettivi tagħhom, dwar miżuri kosteffettivi u, fejn ikun il-każ, dwar strumenti finanzjarji, biex jittejjeb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u dwar is-sostituzzjoni ta' bojlers tal-fjuwils fossili b'alternattivi aktar sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti bħal pariri dwar ir-rinnovazzjoni u punti uniċi ta' servizz.

---

🡻 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

Fuq talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri biex iwettqu kampanji informattivi għall-għanijiet tal-paragrafu 1 u tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jistgħu jkunu trattati f'programmi tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli gwida u taħriġ għal dawk responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Tali gwida u taħriġ għandhom jindirizzaw l-importanza tat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, u għandhom jippermettu li titqies il-kombinazzjoni ottimali ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, ⇨ it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ⇦l-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli u l-użu ta' tisħin u tkessiħ distrettwali meta jiġu ppjanati, iddisinjati, mibnija u rinovati ż-żoni industrijali jew residenzjali. ⇨Tali gwida u taħriġ jistgħu jindirizzaw ukoll it-titjib strutturali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sikurezza kontra n-nirien, ir-riskji relatati ma' attività siżmika intensa, it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi inkluż l-asbestos, l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (inkluża materja partikolata fina) u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità.⇦

4. Il-Kummissjoni hija mistiedna ttejjeb kontinwament is-servizzi ta' informazzjoni tagħha, b'mod partikolari s-sit elettroniku li ġie stabbilit bħala portal Ewropew għall-effiċjenza fl-enerġija fil-bini indirizzat għaċ-ċittadini, il-professjonisti u l-awtoritajiet, biex jassisti lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni. L-informazjoni murija fuq ~~dan~~ ⌦ dak ⌫is-sit elettroniku tista' tinkludi links għal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea, dik nazzjonali, reġjonali u lokali, links għas-siti elettroniċi EUROPA li juru l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, links għall-istrumenti finanzjarji disponibbli, kif ukoll eżempji tal-aħjar prattika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ⇨ the il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, ⇦il-Kummissjoni għandha tkompli u tintensifika aktar is-servizzi ta' informazzjoni tagħha bil-għan li tiffaċilita l-użu tal-fondi disponibbli billi tipprovdi assistenza u informazzjoni lill-partijiet interessati, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament, b'kont meħud tal-aħħar tibdil fil-qafas regolatorju.

*Artikolu <u>27</u>~~21~~*

**Konsultazzjoni**

Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effettiva ~~tad-~~⌦ ta' din id-⌫ Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-partijiet interessati involuti, inklużi l-awtoritajiet lokali u

reġjonali, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli u skont kif ikun rilevanti. Tali konsultazzjoni hija ta' importanza partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikolui 9 and 2620

*Artikolu 2822*

**Adattament tal-Anness I għall-progress tekniku**

Il-Kummissjoni għandha tadatta l-punti 3 u 4 tal-Anness I għall-progress tekniku permezz ta' ⌦ tadotta ⌫ atti delegati skont l-Artikolui 2923, 24 u 25 ⌦ dwar l-adattament tal-punti 4 u 5 tal-Anness Annex I għall-progress tekniku⌫ .

---

🡻 2018/844 Art. 1.11 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2923*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 65, ⇨ 7, 10 ⇦ 118 138 u 2822 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ⇨ indeterminat ⇦ ⌦ ta' żmien minn ⌫ ta' ħames snin ⇨ [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ⇦ mid-9 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 65, ⇨ 7, 10, ⇦ 1318 u 2822 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 65, ⇨ 7, 10, ⇦ 118 138 jew 2822 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 2018/844 Art. 1.13

*Artikolu* 30~~26~~

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

↓ 2010/31/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu* 31~~27~~

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti jrid ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri ~~għandhom jikkomunikaw lill-Kumissjoni dawk id-disposizzjonijet sa mhux aktar tard mid- 9 ta' Jannar 2013 u~~ għandhom jinnotifikaw~~ha~~ ⌦ lill-Kummissjoni ⌫ mingħajr dewmien b'kull emenda ~~sussegwenti~~ li taffettwa~~hom~~ ⌦ d-dispożizzjonijiet ikkomunikati f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2010/31/UE ⌫ .

*Artikolu* 32~~28~~

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom ~~jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mid-9 ta' Lulju 2012,~~ ⌦ idaħħlu fis-seħħ ⌫ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli ~~2 sa 18~~ ⇨ 1 sa 3, 5 sa 26, 29 u 32 ⇦, u ~~mal-Artikoli 20 u 27~~⇨ mal-Annessi I sa III u V sa IX sa […] ⇦. ⌦ Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni. ⌫

~~Għandhom japplikaw dawn id-dipożizzjonijiet sa fejn huma kkonċernati l-Artikoli 2, 3, 9, 11, 12, 13, 17, 18, 20 u 27, sa minn mhux aktar tard mid-9 ta' Jannar 2013. Għandhom japplikaw dawn id-dipożizzjonijiet sa fejn huma kkonċernati l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 14, 15 u 16 fir-rigward ta' bini okkupat mill-awtoritajiet pubbliċi sa minn mhux aktar tard mid-9 ta' Jannar 2013 u fir-rigward ta' bini ieħor sa minn mhux aktar tard mid-9 ta' Lulju 2013.Huma jistgħu jiddifferixxu l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) u (2) għal unitajiet singoli ta' bini li huma mikrija, sal-31 ta' Diċembru 2015. Madankollu, dan m'għandux jirriżulta fil-ħruġ ta' inqas ċertifikati milli kien ikun il-każ bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/91/KE attwali fl-Istat Membru kkonċernat.~~ Meta l-Istati Membri jadottaw ⌦ dawk il-⌫miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva ~~2002/91/KE~~ ⌦ mħassra b'din id-Direttiva ⌫ għandhom jittieħdu bħala referenzi

għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3329*

**Tħassir**

Id-Direttiva ⌦ 2010/31/UE ⌫ 2002/91/KE, kif emendata mir-Regolament ⌦ mill-atti elenkati ⌫ indikat fl-Anness VIIIIV, Parti A, hija b' dan imħassra b'effett mill- ⌦ […] ⌫ 1 ta' Frar 2012, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien ⌦ tal-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni ⌫ tad-Direttiva ⌦ Direttivi ⌫stabbiliti fl-Anness VIIIIV, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva ⌦ mħassra ⌫ 2002/91/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IXV.

*Artikolu 3430*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⌦ L-Artikoli 4, 27, 28, 30, 31 u 33 sa 35 u l-Anness IV għandhom japplikaw minn [il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(1)].

⌫*Artikolu 3531*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |